

Il-Ġurnal Uffiċjali L 127

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57
29 ta' April 2014

Werrej

I Atti leġiżlattivi

DIRETTIVI

- ★ **Direttiva 2014/40/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE ⁽¹⁾ 1

- ★ **Direttiva 2014/42/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea 39

- ★ **Direttiva 2014/45/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE ⁽¹⁾ 51

- ★ **Direttiva 2014/46/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi 129

- ★ **Direttiva 2014/47/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE ⁽¹⁾ 134

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

I

(Atti leġislattivi)

DIRETTIVI

DIRETTIVA 2014/40/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-3 ta' April 2014

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 53(1), 62 u 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2001/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ tistabbilixxi regoli fil-livell tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk. Sabiex jiġu riflessi żviluppi xjentifiċi, tas-suq u internazzjonali, jeħtieġ li jsir tibdil sostanzjali lil dik id-Direttiva u għalhekk għandha titħassar u tiġi sostitwita b'Direttiva ġdida.
- (2) Fir-rapporti tagħha tal-2005 u l-2007 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/37/KE, il-Kummissjoni identifikat oqsma fejn kienet titqies utli azzjoni ulterjuri għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Fl-2008 u fl-2010 il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Emerġenti għas-Saħħa u dawk Identifikati Reċentement (SCENIHR) ipprova parir xjentifiku lill-Kummissjoni dwar prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux u addittivi tat-tabakk. Fl-2010 saret konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati, li kienet segwita minn konsultazzjonijiet immirati lejn il-partijiet interessati u akkumpanjati bi studji minn konsultanti esterni. L-Istati Membri ġew ikkonsultati matul il-proċess kollu. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill appellaw ripetutamente lill-Kummissjoni biex tirrevedi u taġġorna d-Direttiva 2001/37/KE.
- (3) F'ċerti oqsma koperti bid-Direttiva 2001/37/KE, l-Istati Membri ma jistgħux, legalment jew fil-prattika, jadattaw b'mod effettiv il-leġislazzjoni tagħhom għall-iżviluppi ġodda. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għar-regoli tat-tikkettar, fejn l-Istati Membri ma tħallewx iżidu d-daqs tat-twissijiet tas-saħħa, ibiddlu l-post tagħhom fuq pakkett individwali ("pakkett individwali") jew jissostitwixxu t-twissijiet qarrieqa dwar il-livelli tal-emissjonijiet tal-qatran, in-nikotina u l-monossidu tal-karbonju (TNCO).

⁽¹⁾ ĠU C 327, 12.11.2013, p. 65.

⁽²⁾ ĠU C 280, 27.9.2013, p. 57.

⁽³⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Frar 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2014.

⁽⁴⁾ Direttiva 2001/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw mal-manifattura, preżentazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk (ĠU L 194, 18.7.2001, p. 26).

- (4) F'oqsma oħra għad fadal differenzi sostanzjali bejn il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u tal-prodotti relatati, li huma ta' ostakolu għat-tħaddim bla xkiel tas-suq intern. Fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali, xjentifiċi u tas-suq, dawn id-diskrepanzi huma mistennija li jiżdedu. Dan japplika wkoll għal sigaretti elettroniċi u għal kontenituri ta' rikarika, għal sigaretti elettroniċi ("kontenituri ta' rikarika"), il-prodotti erbali għat-tipjip, l-ingredjenti u l-emissjonijiet minn prodotti tat-tabakk, ċerti aspetti tat-tikkettar u l-ippakkjar u l-bejgħ transkonfinali mill-bogħod ta' prodotti tat-tabakk.
- (5) Dawk l-ostakli għandhom jiġu eliminati u, għal dan il-għan, ir-regoli dwar il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati għandhom jiġu approssimati aktar.
- (6) Id-daqs tas-suq intern tat-tabakk u prodotti relatati, ix-xejra li qed tikber tal-manifatturi tal-prodotti tat-tabakk li jikkonċentraw il-produzzjoni għall-Unjoni kollha f'numru żgħir biss ta' impjanti tal-produzzjoni fl-Unjoni u l-kummerċ transkonfinali sinifikanti konsegwenti tat-tabakk u prodotti relatati, jitolbu għal azzjoni leġislattiva aktar b'saħħitha fil-livell tal-Unjoni minflok f'dak nazzjonali biex jinkiseb it-tħaddim mingħajr xkiel tas-suq intern.
- (7) Tinħtieġ ukoll azzjoni leġislattiva fil-livell tal-Unjoni sabiex tiġi implimentata l-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk ("FCTC") ta' Mejju 2003, li d-dispożizzjonijiet għaliha huma vinkolanti għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Id-dispożizzjonijiet tal-FCTC huma dwar ir-regolamentazzjoni tal-kontenuti tal-prodotti tat-tabakk, ir-regolamentazzjoni dwar l-informazzjoni li trid tidher fuq il-prodotti tat-tabakk, l-ippakkjar u t-tikkettar tal-prodotti tat-tabakk, ir-reklamar u il-kummerċ illeċitu tal-prodotti tat-tabakk huma ta' rilevanza partikolari. Il-Partijiet għall-FCTC, inklużi l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, adottaw b'konsens, sett ta' linji gwida għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-FCTC waqt diversi Konferenzi tal-Partijiet.
- (8) Skont l-Artikolu 114(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), għandu jittieħed bħala bażi għal proposti leġislattivi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, filwaqt li jittieħed kont, b'mod partikolari, kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi. Il-prodotti tat-tabakk mhumiex komoditajiet ordinarji u minħabba l-effetti partikolarment dannużi tat-tabakk fuq is-saħħa tal-bniedem, il-protezzjoni tas-saħħa għandha tingħata importanza kbira, b'mod partikolari, biex titnaqqas il-prevalenza tat-tipjip fost iż-żgħażaġh.
- (9) Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti għadd ta' definizzjonijiet ġodda sabiex jiżguraw li din id-Direttiva tiġi applikata b'mod uniformi mill-Istati Membri. Fejn obbligi differenti imposti minn din id-Direttiva japplikaw għal kategoriji ta' prodotti differenti u l-prodotti rilevanti jaqa' taħt aktar minn kategorija waħda (eż. il-pipa, it-tabakk tal-brim) għandhom japplikaw l-obbligi aktar stretti.
- (10) Id-Direttiva 2001/37/KE stabbilixxiet il-limiti massimi għall-kontenut ta' qatran, nikitina u monossidu tal-karbonju ta' sigaretti li għandhom ikunu applikabbli wkoll għal sigaretti li jiġu esportati mill-Unjoni. Dawk il-limiti massimi u dak l-approċċ jibqgħu validi.
- (11) Sabiex jitkejjel il-kontenut tal-qatran, in-nikitina u l-monossidu tal-karbonju tas-sigaretti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "livelli ta' emissjoni"), għandha ssir referenza għall-istandards ISO rilevanti li huma rikonoxxuti internazzjonalment. Il-proċess ta' verifika għandu jkun protett mill-influenza tal-industrija tat-tabakk bl-użu ta' laboratorji indipendenti, inklużi laboratorji tal-Istat. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw laboratorji li jinsabu fi Stati Membri oħra tal-Unjoni. Għal emissjonijiet oħra minn prodotti tat-tabakk ma hemmx standards jew testijiet maqbulin internazzjonalment biex jiġu kkwantifikati l-livelli massimi. L-isforzi li għaddejjin fil-livell internazzjonali għall-iżvilupp ta' standards jew testijiet bħal dawn, għandhom jiġu inkoraġġuti.
- (12) Fir-rigward tal-istabbiliment tal-livelli ta' emissjoni massimi, jista' jkun meħtieġ u xieraq li aktar tard, dawk il-livelli ta' emissjoni għall-qatran, in-nikitina u l-monossidu tal-karbonju, jitnaqqsu jew li jiġu stabbiliti livelli massimi għal emissjonijiet oħra mill-prodotti tat-tabakk, filwaqt li jitqiesu t-tossiċità jew l-effett ta' dipendenza tagħhom.

- (13) Sabiex iwettqu l-kompiti regolatorji tagħhom, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jirrikjedu informazzjoni komprensiva dwar l-ingredjenti u l-emissjonijiet mill-prodotti tat-tabakk sabiex jivvalutaw l-attrazzjoni, l-effett ta' dipendenza u t-tossiċità ta' prodotti tat-tabakk u r-riskji għas-saħħa assoċjati mal-konsum ta' tali prodotti. Għal dan il-għan, l-obbligi tar-rappurtar eżistenti għall-ingredjenti u l-emissjonijiet għandhom jissaħħu. Għandhom jiġu previsti obbligi ta' rappurtar imsaħħa għal addittivi li huma inklużi f'lista ta' prijorità sabiex tiġi vvalutata, fost l-oħrajn, it-tossiċità, l-effett ta' dipendenza u l-proprietarjiet karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni ("proprietarjiet CMR"), inklużi f'forma maħruqa. Il-piż ta' tali obbligi ta' rappurtar imsaħħa għall-SMEs għandu jiġi limitat kemm jista' jkun possibbli. Tali obbligi ta' rappurtar huma konsistenti mal-obbligu impost fuq l-Unjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem.
- (14) L-użu ta' formati differenti ta' rappurtar, kif inhu bħalissa, jaġġmilha diffiċli għall-manifatturi u l-importaturi biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' rappurtar u huwa ta' piż għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni biex iqabblu, janalizzaw u jfasslu l-konklużjonijiet mill-informazzjoni li jkunu rċevew. Għalhekk għandu jkun hemm format obbligatorju komuni għar-rappurtar tal-ingredjenti u l-emissjonijiet. L-akbar trasparenza possibbli dwar l-informazzjoni tal-prodott għandha tiġi żgurata għall-pubbliku ġenerali, filwaqt li jiġi żgurat li jitqiesu kif xieraq is-sigrietijiet kummerċjali tal-manifatturi tal-prodotti tat-tabakk. Għandu jittieħed kont ta' sistemi eżistenti għar-rappurtar ta' ingredjenti.
- (15) In-nuqqas ta' approċċ armonizzat għar-regolamentazzjoni tal-ingredjenti ta' prodotti tat-tabakk jaffettwa t-tħaddim bla xkiel tas-suq intern u għandu impatt negattiv fuq il-moviment liberu tal-prodotti mal-Unjoni kollha. Ċerti Stati Membri adottaw leġiżlazzjoni jew daħlu fi ftehimiet vinkolanti mal-industrija li jippermettu jew jipprojbixxu ċerti ingredjenti. Bħala riżultat, xi ingredjenti huma rregolati f'ċerti Stati Membri, iżda mhux f'oħrajn. L-Istati Membri qegħdin ukoll jieħdu approċċi differenti fir-rigward tal-addittivi fil-filtri tas-sigaretti kif ukoll tal-addittivi koloranti tad-duħħan tat-tabakk. Mingħajr armonizzazzjoni, l-ostakli tat-tħaddim bla xkiel tas-suq intern huma mistennija li jżiedu fis-snin li ġejjin, filwaqt li titqies l-implimentazzjoni tal-FCTC u l-linji gwida rilevanti tal-FCTC fl-Unjoni kollha u fid-dawl tal-esperjenza miksuba f'ġuriżdizzjonijiet oħra barra l-Unjoni. Il-linji gwida tal-FCTC fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-kontenuti tal-prodotti tat-tabakk u r-regolamentazzjoni tal-iżvelar tal-prodott tat-tabakk jitolbu partikolarment it-tneħħija tal-ingredjenti li jżidu l-palat, joħlqu l-impressjoni li prodotti tat-tabakk għandhom benefiċċji għas-saħħa, huma assoċjati mal-enerġija u l-vitalità jew ikollhom proprjetarjiet koloranti.
- (16) Il-probabbiltà tar-regolamentazzjoni diverġenti qed tiżdied aktar minħabba t-tħassib dwar il-prodotti tat-tabakk li jkollhom togħma karatterizzanti għajr waħda tat-tabakk, li jistgħu jiffaċilitaw il-bidu tal-konsum tat-tabakk jew jaffettwaw ix-xejriet tal-konsum. Miżuri li jintroduċu differenzi ta' trattament mhux ġustifikati bejn tipi differenti ta' sigaretti aromatizzati għandhom jiġu evitati. Madankollu, prodotti b' togħma karatterizzanti b'volum ogħla ta' bejgħ għandhom jitneħħew fuq perijodu ta' żmien estiż sabiex il-konsumaturi jingħataw żmien adegwat biex jaqilbu għal prodotti oħra.
- (17) Il-projbizzjoni tal-prodotti tat-tabakk b'toghmi karatterizzanti ma tipprekludix għal kolloxx l-użu ta' addittivi individwali, iżda tobbliga lill-manifatturi biex inaqqsu l-addittiv jew it-taħlita ta' addittivi sal-punt li l-addittivi ma jibqgħux jirriżultaw f'togħma karatterizzanti. L-użu ta' addittivi meħtieġa għall-manifattura tal-prodotti tat-tabakk għandu jitħalla, pereżempju zokkor sabiex jieħu post zokkor li jintilef matul il-proċess ta' preservazzjoni, għandu jitħalla, dment li ma jirriżultawx f'togħma karatterizzanti jew żieda fl-effett ta' dipendenza, it-tossiċità jew il-proprietarjiet CMR tal-prodott. Bord konsultattiv indipendenti Ewropew għandu jassisti fit-tali teħid ta' deċiżjonijiet. L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandhiex twassal għad-diskriminazzjoni bejn il-varjetajiet tat-tabakk differenti, u lanqas ma għandha tipprevjeni prodott differenzjat.
- (18) Ċerti addittivi jintużaw biex joħlqu l-impressjoni li l-prodotti tat-tabakk huma ta' benefiċċju għas-saħħa, jippreżentaw inqas riskji għas-saħħa jew iżidu l-istat ta' viġilanza u l-prestazzjoni fiżika. Dawn l-addittivi, kif ukoll l-addittivi li għandhom proprjetarjiet CMR fil-forma mhux maħruqa għandhom jiġu pprojbiti sabiex ikunu żgurati regoli uniformi fl-Unjoni kollha u livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. L-addittivi li jżidu l-effett ta' dipendenza u t-tossiċità għandhom jiġu pprojbiti ukoll.

- (19) Meta jitqies il-fokus tad-Direttiva fuq iż-żgħażaġh, il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti u t-tabakk tal-brim, għandhom jingħataw eżenzjoni minn ċerti rekwiżiti dwar l-ingredjenti sakemm ma jkunx hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi f'termini ta' volumi ta' bejgħ jew xejriet tal-konsum taż-żgħażaġh.
- (20) Minħabba l-projbizzjoni ġenerali tal-bejgħ tat-tabakk għal użu orali fl-Unjoni, ir-responsabbiltà għar-regolamentazzjoni tal-ingredjenti tat-tabakk għal użu orali, li tirrikjedi għarfien profond tal-karatteristiċi speċifiċi ta' dan il-prodott u tax-xejriet ta' konsum tiegħu, għandha, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, tibqa' f'idejn l-Isvezja, li fih il-bejgħ ta' dan il-prodott huwa permess skont l-Artikolu 151 tal-Att ta' Adeżjoni tal-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja.
- (21) F'konformità mal-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġi ffaċilitat il-funzjonament tas-suq intern tat-tabakk u prodotti relatati, fuq il-bażi ta' livell għoli tal-protezzjoni tas-saħħa, speċjalment għaż-żgħażaġh, u f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/54/KE ⁽¹⁾, l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jipprevjenu l-bejgħ ta' prodotti bħal dawn lit-tfal u l-adolesxenti, permezz tal-adozzjoni ta' miżuri adatti li jstabbilixxu u jinfurzwaw limiti ta' età.
- (22) Għadhom jeżistu disparitajiet bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar it-tikkettar tal-prodotti tat-tabakk, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu ta' twissijiet tas-saħħa kkombinati li jikkonsistu fi stampa u f'test, informazzjoni dwar is-servizzi ta' waqfien mit-tipjip u elementi promozzjonali fil-pakketti individwali u fuqhom.
- (23) Dawn id-disparitajiet jistgħu joħlqu ostaklu għall-kummerċ u jimpedixxu t-tħaddim bla xkiel tas-suq intern tal-prodotti tat-tabakk, u għandhom għalhekk jiġu eliminati. Barra minn hekk, hu possibbli li l-konsumaturi f'uħud mill-Istati Membri huma informati aħjar dwar ir-riskji għas-saħħa tal-prodotti tat-tabakk, milli konsumaturi fi Stati Membri oħra. Mingħajr azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Unjoni, id-disparitajiet eżistenti x'aktarx jiżiedu fis-snin li ġejjin.
- (24) L-adattament tad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar huwa meħtieġ ukoll sabiex ir-regoli li japplikaw fil-livell tal-Unjoni jiġu allinjati mal-iżviluppi internazzjonali. Pereżempju l-linji gwida dwar l-FCTC dwar l-ippakkjar u t-tikkettar tal-prodotti tat-tabakk jitolbu biex ikun hemm twissijiet kbar bl-istampi fuq iż-żewġ naħat prinċipali tal-pakketti, informazzjoni obbligatorja dwar il-waqfien mit-tipjip u regoli stretti dwar informazzjoni qarrieqa. Id-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni qarrieqa se jikkomplementaw il-projbizzjoni ġenerali fuq Prattiki Kummerċjali qarrieqa fil-konfront tal-konsumaturi stabbiliti fid-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.

L-Istati Membri li jużaw bolol tat-taxxa jew marki ta' identifikazzjoni nazzjonali għal skopijiet fiskali fuq il-pakkett ta' prodotti tat-tabakk, jistgħu, fxi każijiet, ikollhom jipprovdu għar-ripożizzjonar ta' dawn il-bolol jew marki biex it-twissijiet kombinati dwar is-saħħa jkunu jistgħu jidhru fin-naħa ta' fuq tan-naħat prinċipali tal-pakkett, f'konformità ma' din id-Direttiva u l-gwidi tal-FCTC. Għandhom jiddaħħlu arranġamenti tranżizzjonali biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu l-bolol tat-taxxa jew il-marki ta' identifikazzjoni nazzjonali fin-naħa ta' fuq tal-pakketti individwali għal ċertu perijodu wara t-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.

- (25) Id-dispożizzjonijiet tat-tikkettar għandhom jiġu adattati wkoll għal evidenza xjentifika ġdida. Pereżempju, l-indikazzjoni tal-livelli ta' emissjonijiet għall-qatran, in-nikotina u l-monossidu tal-karbonju fuq il-pakketti individwali tas-sigaretti rriżultat li hija qarrieqa billi twassal biex il-konsumaturi jemmnu li ċerti sigaretti huma anqas ta' ħsara minn oħrajn. L-evidenza tissuġġerixxi ukoll li twissijiet tas-saħħa kbar ikkombinati magħmulin minn twissija bil-miktub u ritratt korrispondenti bil-kulur huma aktar effettivi minn twissijiet bil-miktub biss. Bħala konsegwenza, it-twissijiet tas-saħħa kkombinati għandhom isiru obbligatorji fl-Unjoni kollha u jkopru partijiet sinifikanti u viżibbli tal-wiċċ tal-pakketti individwali. Għandhom jiġu stabbiliti dimensjonijiet minimi għat-twissijiet tas-saħħa kollha biex jiġu żgurati l-viżibbiltà u l-effettività tagħhom.

⁽¹⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/54/KE tat-2 ta' Diċembru 2002 dwar il-prevenzjoni tat-tipjip u dwar inizjattivi biex jitjieb il-kontroll tat-tabakk (ĠU L 22, 25.1.2003, p. 31).

⁽²⁾ Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar Prattiki Kummerċjali Żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

- (26) Għal prodotti tat-tabakk għat-tipjip, għajr is-sigaretti u l-prodotti tat-tabakk tal-brim, li prinċipalment jiġu kkunsmati minn konsumaturi ta' età akbar u gruppi żgħar tal-popolazzjoni, għandhom jistgħu jibqgħu jingħataw eżenzjoni minn ċerti rekwiżiti tat-tikkettar sakemm ma jkunx hemm bidla sostanzjali ta' ċirkostanzi f'termini ta' volumi ta' bejgħ jew fix-xejriet tal-konsum taż-żgħażaġh. It-tikkettar ta' dawn il-prodotti l-oħra tat-tabakk għandu jsejwi regoli speċifiċi għalihom. Jeħtieġ li tiġi żgurata l-viżibbiltà tat-twissijiet tas-saħħa fuq prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux. It-twissijiet tas-saħħa għandhom, għalhekk, jitqiegħdu fuq iż-żewġ uċuħ ewlenin tal-pakkett tal-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux. Fir-rigward tat-tabakk tal-pipi tal-ilma, li spiss huwa meqjus bħala ta' inqas ħsara mill-prodotti tat-tabakk tradizzjonali għat-tipjip, is-sistema sħiħa tat-tikkettar għandha tapplika sabiex jiġi evitat li l-konsumaturi jiġu mqarrqa.
- (27) Il-prodotti tat-tabakk jew il-pakkett tagħhom jistgħu jqarrqu lill-konsumaturi, b'mod partikolari liż-żgħażaġh, fejn jissuġġerixxu li dawn il-prodotti huma anqas ta' ħsara. Pereżempju, dan huwa l-każ meta jintużaw ċerti kliem jew karatteristiċi, bħalma huma l-kliem "qatran baxx", "ħfief", "ħfief ħafna", "mhux qawwija", "naturali", "organiċi", "mingħajr addittivi", "mingħajr aromi", jew "irraq", jew ċerti ismijiet, stampi, u sinjali ta' figuri jew oħrajn. L-elementi qarrieqa l-oħra jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati, għal kuluri, inserzjonijiet jew materjal addizzjonali ieħor bħalma huma tikketti li jeħlu, stickers, onserts, scratch-offs u sleeves jew jirreferu għall-forma tal-prodott tat-tabakk innifsu. Ċerti pakketti u prodotti tat-tabakk jistgħu jqarrqu wkoll bil-konsumatur billi jissuġġerixxu benefiċċji f'termini ta' telf ta' piż, sex appeal, status soċjali, ħajja soċjali jew kwalitajiet bħal femminilità, maskulinità jew eleganza. Bl-istess mod, id-daqs u d-dehra tas-sigaretti individwali jista' jqarraq lill-konsumaturi billi joħloq l-impresjoni li huma ta' anqas ħsara. La l-pakketti individwali ta' prodotti tat-tabakk u lanqas l-ippakkjar estern tagħhom ma għandhom jinkludu vouchers stampati, offerti ta' skont, referenza għal distribuzzjoni libera, offerti tnejn-għal-wieħed u offerti simili oħra li jistgħu jissuġġerixxu vantaġġi ekonomiċi għall-konsumaturi u b'hekk twassalhom biex jixtru dawk il-prodotti tat-tabakk.
- (28) Sabiex jiġu żgurati l-integrità u l-viżibbiltà tat-twissijiet tas-saħħa u tiġi mmassimizzata l-effikaċja tagħhom, għandhom isiru dispożizzjonijiet rigward id-daqs tat-twissijiet tas-saħħa kif ukoll rigward ċerti aspetti tad-dehra tal-pakketti individwali tal-prodotti tat-tabakk, inkluż il-forma u l-mekkaniżmu tal-ftuħ tiegħu. Meta jippreskrivu forma ta' kubu għal pakkett individwali, xfur ittondjati jew koniċi għandhom jitqiesu aċċettabbli dment li t-twissija tas-saħħa tkopri erja tal-wiċċ ekwivalenti għal dik fuq pakkett individwali mingħajr tali xfur. L-Istati Membri japplikaw regoli differenti fuq l-għadd minimu ta' sigaretti għal kull pakkett individwali. Dawn il-prodotti għandhom jiġu allinjati sabiex tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti kkonċernati.
- (29) Qed jitqiegħdu fis-suq volumi konsiderevoli ta' prodotti illegali, li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2001/37/KE, u hemm indikazzjonijiet li dawn il-volumi jistgħu jiżdiedu. Dawn il-prodotti illeċiti jimminaw iċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti konformi u l-protezzjoni prevista mil-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll tat-tabakk. Barra minn hekk, l-FCTC teħtieġ li l-Unjoni tiġġieled kontra l-prodotti tat-tabakk illeċiti, inklużi dawk importati illegalment fl-Unjoni, bħala parti minn politika komprensiva tal-Unjoni għall-kontroll tat-tabakk. Għalhekk, għandha ssir dispożizzjoni biex il-pakketti individwali ta' prodotti tat-tabakk ikunu mmarkati b'mod uniku u karatteristiċi ta' sigurtà u li l-movimenti tagħhom ikunu rreġistrati sabiex tali prodotti jkunu jistgħu jiġu traċċati u rintraċċati fl-Unjoni u l-konformità tagħhom ma' din id-Direttiva tkun tista' tiġi mmonitorjata u infurzata aħjar. Barra minn hekk, għandha ssir dispożizzjoni għall-introduzzjoni ta' karatteristiċi ta' sigurtà li se jiffaċilitaw il-verifika dwar jekk il-prodotti tat-tabakk humiex awtentiċi.
- (30) Għandhom jiġu żviluppati fil-livell tal-Unjoni sistema interoperabbli ta' insewiment u traċċar u karatteristiċi ta' sigurtà. Għal perjodu inizjali s-sigaretti u t-tabakk tal-brim biss għandhom ikunu suġġetti għas-sistema ta' insewiment u traċċar u għall-karatteristiċi ta' sigurtà. Dan jippermetti lil manifatturi tal-prodotti tat-tabakk l-oħra biex jibbenefikaw mill-esperjenza miksuba qabel ma s-sistema ta' insewiment u traċċar u l-karatteristiċi ta' sigurtà jsiru applikabbli għal dawk il-prodotti l-oħra.
- (31) Sabiex jiġu żgurati l-indipendenza u t-trasparenzas-sistema ta' insewiment u traċċar, il-manifatturi tal-prodotti tat-tabakk għandhom jikkonkludu kuntratti għall-ħażna tad-*data* ma' partijiet terzi indipendenti. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-adeqwatezza ta' dawn il-partijiet terzi u awditur estern indipendenti għandu jimmonitorja l-attivitajiet tagħhom. Id-*data* relatata mas-sistema ta' insewiment u traċċar għandha tinżamm separata minn *data* oħra relatata tal-kumpanija u għandha tinżamm taħt kontroll ta', u tkun aċċessibbli f'kull ħin mill-awtoritajiet kompetenti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.

- (32) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/622/KEE ⁽¹⁾ pprojbixxiet il-bejgħ fl-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' tabakk għall-użu orali. Id-Direttiva 2001/37/KE affermat mill-ġdid dik il-projbizzjoni. L-Artikolu 151 tal-Att ta' Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Isvezja jagħti lill-Isvezja deroga mill-projbizzjoni. Il-projbizzjoni tal-bejgħ ta' tabakk għall-użu orali għandha tinżamm sabiex tipprevjeni l-introduzzjoni fl-Unjoni (minbarra l-Isvezja) ta' prodott li jikkawża dipendenza u li għandu effetti negattivi fuq is-saħħa. Għal prodotti oħra tat-tabakk li ma jdahhnx u li mhumiex prodotti għas-suq tal-massa, id-dispożizzjonijiet stretti dwar it-tikkettar u ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-ingredjenti tagħhom huma meqjusa suffiċjenti għall-kontroll tal-espansjoni tagħhom fis-suq lil hinn mill-użu tradizzjonali tagħhom.
- (33) Bejgħ ta' prodotti tat-tabakk transkonfinali mill-bogħod jista' jiffaċilita l-aċċess għal prodotti ta' tabakk li mhumiex konformi ma' din id-Direttiva. Hemm ukoll ir-riskju miżjud li ż-żgħażaġh jiksbu aċċess għal prodotti ta' tabakk. Konsegwentement, hemm riskju li l-leġiżlazzjoni ta' kontroll tat-tabakk tiddgħajef. Għalhekk l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprojbixxu l-bejgħ traskonfinali mill-bogħod. Fejn il-bejgħ transkonfinali mill-bogħod mhuwiex projbit, jenħtieġu regoli komuni dwar ir-reġistrazzjoni tal-istabbilimenti tal-bejgħ bl-immnut li huma impenjati f'tali bejgħ sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), jikkoooperaw ma' xulxin sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri meħuda rigward il-bejgħ transkonfinali mill-bogħod ta' prodotti tat-tabakk.
- (34) Il-prodotti kollha tat-tabakk għandhom il-potenzjal li jikkawżaw mortalità, morbożità u diżabilità. Għalhekk il-manifattura, id-distribuzzjoni u l-konsum tagħhom għandhom jiġu rregolati. Għalhekk, huwa importanti li jiġu mmonitorjati l-iżviluppi rigward prodotti tat-tabakk ġodda. Il-manifatturi u l-importaturi għandhom ikunu obbligati li jippreżentaw notifika dwar il-prodotti tat-tabakk ġodda, mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Istati Membri li jipprojbixxu jew jawtorizzaw tali prodotti ġodda.
- (35) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet indaqs, il-prodotti tat-tabakk ġodda, li huma prodotti tat-tabakk kif definit f'din id-Direttiva, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.
- (36) Is-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika għandhom jiġu rregolati minn din id-Direttiva, dment li minħabba l-preżentazzjoni jew il-funzjoni tagħhom mhumiex soġġetti għad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ jew għad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE ⁽³⁾. Fl-Istati Membri jeżistu leġiżlazzjoni u prattiki diverġenti, fir-rigward ta' dawk il-prodotti, inkluż dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza għalhekk hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern jitjieb. Fir-regolamentazzjoni ta' dawn il-prodotti, għandu jittieħed kont ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika. Sabiex l-Istati Membri jkun jistgħu jwettqu l-kompiti ta' sorveljanza u kontroll, il-manifatturi u l-importaturi ta' sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika għandhom jintalbu jippreżentaw notifika tal-prodotti rilevanti qabel ma jitqiegħdu fis-suq.
- (37) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika jkun konformi mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Fejn il-manifatturi tal-prodott rilevanti ma jkunux stabbiliti fl-Unjoni, l-importatur ta' dak il-prodott għandu jgħorr ir-responsabbiltajiet relatati mal-konformità ta' dawk il-prodotti ma' din id-Direttiva.
- (38) Nikotina li jkun fiha likwidu għandha tkun permessa li titqiegħed fis-suq biss skont din id-Direttiva, fejn il-konċentrazzjoni tan-nikotina ma taqbiżx 20 mg/ml. Din il-konċentrazzjoni tippermetti li titwassal doża ta' nikotina li hija komparabbli għad-doża ta' nikotina permessa derivata minn sigarett standard matul il-ħin meħtieġ biex wieħed ipejjeper tali sigarett. Sabiex jiġu limitati r-riskji assoċjati man-nikotina, id-daqsijiet massimi għall-kontenituri ta' rikarika, it-tankijiet u l-iskrataċ li jintremgħu għandhom jiġu stabbiliti.
- (39) Huma biss is-sigaretti elettroniċi li jwasslu d-dożi ta' nikotina b'mod konsistenti li għandhom ikunu permessi li jitqiegħdu fis-suq skont din id-Direttiva. It-twassil ta' dożi ta' nikotina b'livelli konsistenti taħt kondizzjonijiet ta' użu normali huwa meħtieġ għall-finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa, sikurezza u kwalità inkluż biex jiġi evitat ir-riskju ta' konsum aċċidentali ta' dożi għoljin.
- (40) Is-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika jistgħu joħolqu riskju għas-saħħa meta jkun f'idejn it-tfal. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi żgurat li tali prodotti ma jkunux jistgħu jiġu mmanipulati mit-tfal jew jiġu mbagħbsa inkluż permezz ta' tikkettar, u mekkaniżmi tal-għeluq u tal-ftuħ li ma jistgħux jiġu mmanipulati mit-tfal.

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 89/622/KEE tat-13 ta' Novembru 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward it-tikkettar tal-prodotti tat-tabakk u l-projbizzjoni tat-tpoġġija fis-suq ta' ċerti prodotti tat-tabakk għall-użu orali (ĠU L 359, 8.12.1989, p. 1).

⁽²⁾ Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1).

- (41) Fid-dawl tal-fatt li n-nikotina hija sustanza tossika u meta jiġu kkunsidrati r-riskji potenzjali għas-saħħa u s-sigurtà, inkluż għal persuni li l-prodott mhux intenzjonat għalihom, il-likwidu li fih nikotina għandu jitqiegħed fis-suq biss f'sigaretti elettroniċi jew f'kontenituri ta' rikarika li jissodisfaw ċerti rekwiżiti ta' sikurezza u ta' kwalità. Huwa importanti li jiġi żgurat li s-sigaretti elettroniċi ma jinkisrux u ma jnixxux meta jintużaw jew jimtlew mill-ġdid.
- (42) It-tikkettar u l-ippakkjar ta' dawn il-prodotti għandhom juru informazzjoni suffiċjenti u adatta dwar l-użu sikur tagħhom, għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem, għandhom ikollhom twissijiet tas-saħħa adatti u ma għandhom jinkludu l-ebda element jew karatteristika qarrieqa.
- (43) Id-disparitajiet bejn il-liġijiet u l-prattiki nazzjonali dwar ir-reklamar u l-isponsorizzazzjoni li jikkonċernaw sigaretti elettroniċi huwa ostakolu għall-moviment liberu ta' oġġetti u l-libertà tal-forniment ta' servizzi u joħlqu riskju konsiderevoli ta' distorzjonijiet tal-kompetizzjoni. Mingħajr azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Unjoni, daww id-disparitajiet x'aktarx jiżiedu fis-snin li ġejjin, meta jitqies ukoll is-suq li qed jikber tas-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika. Għalhekk, huwa neċessarju li d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar ir-reklamar u l-isponsorizzazzjoni ta' daww il-prodotti li għandhom effett transkonfinali jiġu approssimati, billi tittieħed bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. Is-sigaretti elettroniċi jistgħu jiżviluppaw f'portal għall-effett ta' dipendenza min-nikotina u finalment għall-konsum tat-tabakk tradizzjonali, billi huma jimitaw u jinnormalizzaw l-azzjoni tat-tippj. Għal din ir-raġuni, huwa adatt li jiġi adottat approċċ restrittiv għar-reklamar ta' sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika.
- (44) Sabiex iwettqu l-kompiti regolatorji tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtieġu informazzjoni komprensiva dwar l-iżviluppi tas-suq fir-rigward tas-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika. Għal dan l-għan il-manifatturi u l-importaturi ta' dawn il-prodotti għandhom ikunu soġġetti għal obbligi ta' rappurtar dwar il-volumi ta' bejgħ, il-preferenza ta' diversi gruppi ta' konsumaturi u l-modi tal-bejgħ. Għandu jiġi żgurat li din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali, filwaqt li jittieħed kont debitu tal-ħtieġa tal-protezzjoni tas-sigriet tal-kummerċ.
- (45) Sabiex tiġi żgurata sorveljanza adatta tas-suq mill-Istati Membri, huwa neċessarju li l-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri joperaw sistema adatta biex jimmonitorjaw u jirrekordjaw effetti negattivi suspettati u jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar effetti negattivi suspettati, sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni adatta. Huwa ġustifikat li tiġi pprovduta klawżola ta' salvagwardja li tippermetti lill-Istati Membri li jieħdu azzjoni biex jiġu indirizzati riskji serji għas-saħħa pubblika.
- (46) F'dan il-kuntest ta' suq emerġenti ta' sigaretti elettroniċi, huwa possibbli li, għalkemm jikkonforma ma' din id-Direttiva, sigaretti elettroniċi jew kontenituri ta' rikarika speċifiċi, jew tip ta' sigaretti elettroniċi jew kontenituri ta' rikarika, imqiegħda fis-suq, jista' joħlqu riskju mhux previst għas-saħħa tal-bniedem. Huwa għalhekk rakkomandabbli li tiġi prevista proċedura li tindirizza dan ir-riskju, li għandha tinkludi l-possibbiltà li l-Istat Membru jadotta miżuri adatti proviżorji. Tali miżuri adatti proviżorji jistgħu jinvolvu l-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' sigaretti elettroniċi jew kontenituri ta' rikarika speċifiċi, jew ta' tip ta' sigaretti elettroniċi jew kontenituri ta' rikarika. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati sabiex tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' sigarett elettroniku jew kontenitur ta' rikarika speċifiku, jew tip ta' sigarett elettroniku jew ta' kontenitur ta' rikarika. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tagħmel dan, meta mill-inqas tliet Stati Membri jkun pprojbixxew il-prodotti kkonċernati minħabba raġunijiet ġustifikati u jkun neċessarju li din il-projbizzjoni tiġi estiża għall-Istati Membri kollha sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern għal prodotti konformi ma' din id-Direttiva iżda li ma jippreżentawx l-istess riskji għas-saħħa. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar ir-riskji potenzjali assoċjati ma' sigaretti elettroniċi li jerġgħu jimtlew sal-20 ta' Mejju 2016.
- (47) Din id-Direttiva ma tarmonizzax l-aspetti kollha tas-sigaretti elettroniċi jew tal-kontenituri ta' rikarika. Pereżempju, ir-responsabbiltà għall-adozzjoni ta' regoli dwar l-aromatizzanti jibqgħu fidejn l-Istati Membri. Jista' jkun utli li l-Istati Membri jikkunsidraw li jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti aromatizzanti. Meta jagħmlu hekk, għandhom joqogħdu attenti minħabba l-attrattività potenzjali ta' tali prodotti għaż-żgħażagħ u għal min ma jpejjiwx. Kwalunkwe projbizzjoni ta' tali prodotti aromatizzanti teħtieġ li tiġi ġustifikata u n-notifikazzjoni dwarhom ippreżentata skont id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾.

(¹) Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37).

- (48) Barra minn hekk, din id-Direttiva ma tarmonizzax ir-regoli dwar ambjenti ħielsa mit-tipjip, jew dwar arranġamenti ta' bejgħ domestiku jew reklamar domestiku, jew dwar l-estensjoni ta' ditta, u lanqas ma tintroduċi limitu ta' età għas-sigaretti elettroniċi jew għall-kontenituri ta' rikarika. Fi kwalunkwe każ, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' dawk il-prodotti ma għandhomx iwasslu għall-promozzjoni tal-konsum tat-tabakk jew iwasslu għal konfużjoni ma' prodotti tat-tabakk. L-Istati Membri huma liberi biex jirregolaw tali kwistjonijiet fil-limitu tal-ġuriżdizzjoni tagħhom u huma mħeġġa jagħmlu dan.
- (49) Ir-regolamentazzjoni ta' prodotti erbali għat-tipjip tvarja bejn l-Istati Membri u dawn il-prodotti ta' spiss jitqiesu li ma jagħmlux ħsara jew li jagħmlu inqas ħsara minkejja r-riskju għas-saħħa kkawżat mill-kombustjoni tagħhom. F'ħafna każi l-konsumaturi ma jkunux jafu l-kontenut ta' dawn il-prodotti. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u titjeb l-informazzjoni għall-konsumaturi, ir-regoli komuni tat-tikkettar u r-rappurtar tal-ingredjenti għal dawn il-prodotti għandhom jiġu introdotti fil-livell tal-Unjoni.
- (50) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' ingredjenti ta' priyorità għal rappurtar imsaħħaħ, l-istabbiliment u l-aġġornament tal-format għar-rappurtar tal-ingredjenti u għad-disseminazzjoni ta' dik l-informazzjoni, id-determinazzjoni jekk prodott tat-tabakk għandux togħma karatterizzanti jew għandux livelli ogħla ta' tossiċità, tal-effett ta' dipendenza jew tal-proprietajiet CMR, il-metodoloġija għad-determinazzjoni ta' jekk prodott tat-tabakk għandux togħma karatterizzanti, il-proċeduri għall-istabbiliment u l-operat ta' bord konsultattiv indipendenti għad-determinazzjoni ta' prodotti tat-tabakk b'togħma karatterizzanti, il-pożizzjoni preċiża ta' twissijiet tas-saħħa fuq il-boroż tat-tabakk tal-brim, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għad-disinn, it-tqassim u l-forma ta' twissijiet tas-saħħa kombinati, l-istandards tekniċi għall-istabbiliment u l-operat tas-sistema ta' insewiment u ntraċċar, għall-iżguraw tal-kompatibbiltà tas-sistemi għall-identifikaturi uniċi u għall-karatteristiċi ta' sigurtà kif ukoll għall-istabbiliment ta' format komuni għan-notifika għas-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika u l-istandards tekniċi għall-mekkaniżmu ta' rikarika għal tali prodotti. Dawn is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (51) Sabiex jiġi żgurat li din id-Direttiva hija kompletament operattiva u biex tiġi adattata għall-iżviluppi tekniċi, xjentifiċi u internazzjonali fil-manifattura, il-konsum u r-regolamentazzjoni tat-tabakk, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-FTUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni u l-adattament tal-livelli massimi tal-emissjonijiet u l-metodi għall-kejl ta' dawk l-emissjonijiet, l-istabbiliment tal-livelli massimi għall-adittivi li jirriżultaw f'togħma karatterizzanti jew li jżidu t-tossiċità jew l-effett ta' dipendenza, l-irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet mogħtija lil prodotti tat-tabakk li mhumiex sigaretti u takakk tal-brim, l-adattament tat-twissijiet tas-saħħa, l-istabbiliment u l-adattament tal-librerija ta' stampi, id-definizzjoni tal-elementi ewlenin tal-kuntratti dwar il-ħżin ta' *data* li għandhom jiġu konklużi għall-finijiet tal-intraċċar u s-sistema tal-intraċċar u l-estensjoni tal-miżuri adottati mill-Istati Membri għall-Unjoni kollha rigward sigaretti elettroniċi speċifiċi jew ta' kontenituri ta' rikarika jew tip ta' sigarett elettroniku jew ta' kontenitur ta' rikarika. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tipprepara u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adegwata tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (52) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-iżviluppi rigward l-implimentazzjoni u l-impatt ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport sal-21 ta' Mejju 2021, u meta jkun neċessarju wara dan, sabiex jiġi vvalutat jekk ikunux meħtieġa emendi għal din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-uċuħ tal-pakketti individwali ta' prodotti tat-tabakk li mhumiex irregolati minn din id-Direttiva, l-iżviluppi tas-suq li jikkonċernaw prodotti tat-tabakk ġodda, l-iżviluppi tas-suq li jammontaw għal bidla sostanzjali ta' ċirkostanza, l-iżviluppi tas-suq u l-perspettiva tal-konsumaturi dwar is-sigaretti rraq, it-tabakk tal-pipa tal-ilma u s-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika.

Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar il-fattibbiltà, il-benefiċċji u l-impatti ta' sistema Ewropea għar-regolamentazzjoni tal-ingredjenti fil-prodotti tat-tabakk, inkluż il-fattibbiltà u l-benefiċċji għall-istabbiliment ta' lista

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

tal-ingredjenti fil-livell tal-Unjoni li jistgħu jintużaw, jew ikunu preżenti fi jew miżjuda ma' prodotti tat-tabakk (l-hekk imsejħa "lista pożittiva"). Hi u tħejji dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tevalwa, fost oħrajn, l-evidenza xjentifika disponibbli dwar l-effetti tossiċi u l-effett ta' dipendenza tal-ingredjenti.

- (53) It-tabakk u prodotti relatati li jaderixxu ma' din id-Direttiva għandhom jibbenefikaw mill-moviment liberu tal-oġġetti. Madankollu, fid-dawl tal-grad differenti ta' armonizzazzjoni miksuba minn din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom iżommu, taħt ċerti kondizzjonijiet, is-setgħa li jimponu aktar miżuri ristrettivi f'ċerti aspetti sabiex jipproteġu s-saħħa pubblika. Dan hu l-każ fir-rigward tal-preżentazzjoni u l-ippakkjar, inklużi l-kuluri, ta' prodotti tat-tabakk minbarra t-twissijiet tas-saħħa, li għalihom din id-Direttiva tipprevedi l-ewwel sett ta' regoli komuni bażiċi. Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jintroduċu dispożizzjonijiet li jipprevedu standardizzazzjoni ulterjuri tal-ippakkjar tal-prodotti tat-tabakk (inklużi l-kuluri u t-tipa) sakemm dawn id-dispożizzjonijiet ikunu kompatibbli mat-TFUE, mal-obbligi tad-WTO u ma jaffettwawx l-applikazzjoni sħiħa ta' din id-Direttiva.
- (54) Barra minn hekk, sabiex jittieħed kont ta' żviluppi futuri possibbli tas-suq, l-Istati Membri għandhom ukoll ikunu jistgħu jipprojbixxu ċerta kategorija ta' prodotti tat-tabakk jew relatati miegħu, abbażi tas-sitwazzjoni speċifika fl-Istat Membru kkonċernat u dment li d-dispożizzjonijiet huma ġġustifikati mill-hteġa li tiġi protetta s-saħħa pubblika, b'kont meħud tal-livell għoli ta' protezzjoni miksub b'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw tali dispożizzjonijiet nazzjonali aktar stretti lill-Kummissjoni.
- (55) Stat Membru għandu jibqa' ħieles li jżomm jew jintroduċi liġijiet nazzjonali li japplikaw għall-prodotti kollha mqiegħda fis-suq nazzjonali tiegħu għal aspetti mhux irregolati minn din id-Direttiva, dment li dawn ikunu kompatibbli mat-TFUE u ma jipperikolawx l-applikazzjoni sħiħa ta' din id-Direttiva. Għaldaqstant u taħt dawk il-kondizzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu fost oħrajn jirregolaw jew jipprojbixxu parafernalja użata għal prodotti tat-tabakk (inklużi pipi tal-ilma), u għal prodotti erbali għat-tipij kif ukoll jirregolaw jew jipprojbixxu prodotti li fid-dehra tagħhom jixbhu tip ta' tabakk jew prodott relatat. Notifika minn qabel hija meħtieġa għal regolamenti tekniċi nazzjonali skont id-Direttiva 98/34/KE.
- (56) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data personali tiġi pproċessata biss skont ir-regoli u s-salvagwardji stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (57) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-liġijiet tal-Unjoni li tirregola l-użu u t-tikkettar ta' organiżmi ġenetikament modifikati.
- (58) B'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ⁽²⁾, l-Istati Membri ntrabtu li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom ma' dokument individwali jew aktar li jispjega/aw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġustifikata.
- (59) L-obbligu ta' rispett għad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali ddikjarati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea mhuwiex mibdul b'din id-Direttiva. Diversi drittijiet fundamentali huma affettwati minn din id-Direttiva. Għalhekk meħtieġ li jiġi żgurat li l-obbligi imposti fuq il-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri tat-tabakk u prodotti relatati mhux biss jiġġarantixxu livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-konsumatur, iżda jipproteġu ukoll id-drittijiet fundamentali l-oħra kollha u huma proporzjonati mar-rispett għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tirrispetta l-liġi tal-Unjoni u l-obbligi internazzjonali rilevanti.
- (60) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jikkonċernaw il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti

⁽¹⁾ Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

⁽²⁾ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

relatati, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu minħabba l-iskala u l-effett tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jinkisbu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 1

Suġġett

L-oġġettiv ta' din id-Direttiva hu li tapprossima l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward:

- (a) l-ingredjenti u l-emissjonijiet tal-prodotti tat-tabakk u l-obbligi tar-rappurtar relatati inkluż il-livelli massimi ta' emissjonijiet għall-qatran, in-nikotina u l-monossidu tal-karbonju għas-sigaretti;
- (b) ċerti aspetti tat-tikkettar u l-ippakkjar tal-prodotti tat-tabakk inklużi t-twissijiet tas-saħħa li jridu jidhru fuq il-pakketti individwali tal-prodotti tat-tabakk u fuq l-ippakkjar estern kif ukoll il-miżuri ta' traċċabbiltà u l-karatteristiċi ta' sigurtà li huma applikati għal prodotti tat-tabakk biex tiġi żgurata l-konformità tagħhom ma' din id-Direttiva;
- (c) il-projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq tat-tabakk għall-użu orali;
- (d) il-bejgħ transkonfinali mill-bogħod ta' prodotti tat-tabakk;
- (e) l-obbligu li tiġi ppreżentata notifika dwar prodotti tat-tabakk ġodda;
- (f) it-tqegħid fis-suq u t-tikkettar ta' ċerti prodotti, li huma relatati mal-prodotti tat-tabakk, jiġifieri sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika, u prodotti erbali għat-tipjip;

sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern għat-tabakk u prodotti relatati, billi jittieħed bħala bażi l-livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, speċjalment għaż-żgħażagħ, u biex jintlaħqu l-obbligi tal-Unjoni taħt il-Konvenzjoni Qafas tal-WHO għall-Kontroll tat-Tabakk ("FCTC").

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "tabakk" tfisser weraq u partijiet oħra naturali pproċessati ta' pjanti tat-tabakk, inkluż tabakk imwessa' u rikostitwit;
- (2) "tabakk tal-pipa" tfisser tabakk li jista' jiġi kkunsmat permezz ta' proċess ta' kombustjoni u maħsub esklussivament biex jintuża f'pipa;
- (3) "tabakk tal-brim" tfisser tabakk li jista' jintuża għall-manifattura tas-sigaretti mill-konsumaturi jew stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut;
- (4) "prodotti tat-tabakk" tfisser prodotti li jistgħu jiġu kkunsmati u jikkonsistu, anki parzjalment, mit-tabakk, kemm jekk ġenetikament modifikati kemm jekk le;
- (5) "prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx" tfisser prodott tat-tabakk li ma jinvolvix il-proċess ta' kombustjoni, inkluż it-tabakk tal-magħda, it-tabakk tal-imnieħer u t-tabakk għall-użu orali;
- (6) "tabakk tal-magħda" tfisser prodott tat-tabakk mingħajr duħħan maħsub esklużivament għall-magħda;
- (7) "it-tabakk tal-imnieħer" tfisser prodott tat-tabakk li ma jdaħħnux li jistgħu jiġu kkunsmati mill-imnieħer;
- (8) "tabakk għall-użu orali" tfisser il-prodotti tat-tabakk kollha għall-użu orali, hlied dawk maħsuba għall-inalazzjoni jew għall-magħda, magħmula kompletament jew parzjalment minn tabakk, fi trab jew f'forma ta' partikuli jew fi kwalunkwe taħlita ta' dawk il-forom, partikolarment dawk ippreżentati f'porzjonijiet fi qratas jew qratas porużi;
- (9) "prodotti tat-tabakk għat-tipjip" tfisser prodott tat-tabakk għajr prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx;

- (10) “sigarett” tfisser romblu tat-tabakk li jista’ jiġi kkonsmat permezz ta’ proċess ta’ kombustjoni u huwa definit ulterjorment fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE ⁽¹⁾;
- (11) “sigarru” tfisser romblu tat-tabakk li jista’ jiġi kkonsmat permezz ta’ proċess ta’ kombustjoni u huwa definit ulterjorment fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE;
- (12) “sigarru żgħir” tfisser tip ta’ sigarru żgħir u huwa definit aktar fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2007/74/KE ⁽²⁾;
- (13) “tabakk tal-pipa tal-ilma” tfisser prodott tat-tabakk li jista’ jiġi kkunsmat permezz ta’ pipa tal-ilma. Għall-fini ta’ din id-Direttiva, it-tabakk tal-pipa tal-ilma hu meġjus bħala prodott tat-tabakk għat-tipjip. Jekk prodott jista’ jintuża kemm permezz ta’ pipi tal-ilma kif ukoll bħala tabakk tal-brim, għandu jitqies li huwa tabakk tal-brim;
- (14) “prodott tat-tabakk ġdid” tfisser prodott tat-tabakk li:
- (a) ma jaqa’ taħt l-ebda waħda mill-kategoriji li ġejjin: sigaretti, tabakk tal-brim, tabakk tal-pipa, tabakk tal-pipa tal-ilma, sigarri, sigarri żgħar, tabakk tal-magħda, tabakk tal-immieher jew tabakk għall-użu orali; u
- (b) jitqiegħed fis-suq wara d-19 ta’ Mejju 2014;
- (15) “prodott erbali għat-tipjip” tfisser prodott ibbażat fuq il-pjanti, ħxejjex aromatiċi jew frott li ma fihx tabakk u li jista’ jiġi kkunsmat permezz ta’ proċess ta’ kombustjoni;
- (16) “sigarett elettroniku” tfisser prodott li jista’ jintuża għall-konsum ta’ fwar li fih in-nikotina permezz ta’ bokkin, jew kwalunkwe komponent ta’ dak il-prodott, inklużi skratag, tank, u l-apparat mingħajr l-iskartoċ jew t-tank. Is-sigaretti elettroniċi jistgħu jkunu jintremew jew jerġgħu jimtlew permezz ta’ kontenitur ta’ rikarika u tank jew jerġgħu jiġu ċċarġjati bi skrataċ ta’ użu waħdieni;
- (17) “kontenitur ta’ rikarika” tfisser kontenitur li fih likwidu li fih in-nikotina, li jista’ jintuża biex wieħed jerġa’ jimla s-sigarett elettroniku;
- (18) “ingredjent” tfisser tabakk, addittiv, kif ukoll kwalunkwe sustanza jew element preżenti fi prodott tat-tabakk lest jew prodotti relatati, inkluż il-karta, il-filtru, il-linka, il-kapsuli u l-kolla;
- (19) “nikotina” tfisser alkaloidi nikotiniċi;
- (20) “qatran” tfisser il-kondensazzjoni ħielsa min-nikotina anidruża mhux ipproċessata tad-duħħan;
- (21) “emissjonijiet” tfisser sustanzi li huma rilaxxati meta prodott tat-tabakk jew prodott relatat jintuża kif maħsub, bħal sustanzi li jinsabu fid-duħħan, jew sustanzi rilaxxati waqt il-proċess tal-użu ta’ prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx;
- (22) “livell massimu” jew “livell ta’ emissjoni massimu” tfisser il-kontenut jew l-emissjoni massima, inkluż kontenut żero, ta’ sustanza fi prodott tat-tabakk imkejjet f’milligrammi;
- (23) “addittiv” tfisser sustanza, għajr it-tabakk li tkun miżjuda ma’ prodott tat-tabakk, ma’ pakkett individwali jew ma’ kwalunkwe ppakkjar estern;
- (24) “aroma” tfisser addittiv li jagħti riħa u/jew toġhma;
- (25) “toġhma karatterizzanti” tfisser riħa jew toġhma oħra għajr ta’ tabakk li tista’ tiġi nnotata b’mod ċar, li tirriżulta minn addittiv jew taħlita ta’ addittivi, li tinkludi iżda mhijiex limitata għal frott, ħwawar, ħxejjex aromatiċi, alkoħol, ħelu, mentol jew vanilla, li tista’ tiġi osservata qabel jew matul il-konsum tal-prodott tat-tabakk;
- (26) “effett ta’ dipendenza” tfisser il-potenzjal farmakoloġiku ta’ sustanza li tikkawża d-dipendenza, stat li jaffettwa l-kapaċità tal-individwu li jikkontrolla l-imġiba tiegħu, tipikament permezz ta’ mekkaniżmu ta’ kumpens jew solliev mis-sintomi tal-astinenza, jew it-tnejn li huma;

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE tal-21 ta’ Ġunju 2011 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (ĠU L 176, 5.7.2011, p. 24).

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2007/74/KE tal-20 ta’ Diċembru 2007 dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud u d-dazju tas-sisa fuq oġġetti importati minn persuni li jkunu qed jivvjaġġaw minn pajjiżi terzi (ĠU L 346, 29.12.2007, p. 6).

- (27) "tossiċità" tfisser il-grad li fih sustanza tista' tikkawża effetti ta' ħsara fl-organiżmu uman, inklużi l-effetti li jseħħu matul iż-żmien, normalment permezz tal-konsum jew l-espożizzjoni ripetuta jew kontinwa;
- (28) "bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi" tfisser żieda tal-volumi tal-bejgħ skont il-kategorija tal-prodotti b'mill-inqas 10 % f'mill-anqas ħames Stati Membri abbażi tad-*data* tal-bejgħ trażmessa f'konformità mal-Artikolu 5(6) jew żieda tal-livell ta' prevalenza tal-użu fil-grupp tal-konsumaturi li għandhom inqas minn 25 sena b'mill-anqas ħames punti perċentwali f'mill-anqas ħames Stati Membri għall-kategorija tal-prodott rispettiva bbażata fuq ir-rapport Speċjali tal-Ewrobarometru nru 385 ta' Mejju 2012 jew studji ta' prevalenza ekwivalenti; fi kwalunkwe każ ma jkunx meqjus li seħħet bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi jekk il-volum tal-bejgħ tal-kategorija ta' prodott fil-livell bl-immnuta ma jeċċedix 2,5 % tal-bejgħ totali tal-prodotti tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni;
- (29) "ippakkjar estern" tfisser kwalunkwe ppakkjar li fih il-prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati jitqiegħdu fis-suq u li jinkludi pakkett individwali jew aggregazzjoni ta' pakketti individwali;
- (30) "pakkett individwali" tfisser l-iżgħar ippakkjar individwali ta' prodott tat-tabakk jew prodott relatat li jitqiegħed fis-suq;
- (31) "borża" tfisser pakkett individwali ta' tabakk tal-brim, jew fil-forma ta' pakkett rettangolari b'perpura li tgħatti l-ftuħ jew fil-forma ta' borża wieqfa;
- (32) "twissija tas-saħħa" tfisser twissija dwar l-effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem ta' prodott jew konsegwenzi mhux mixtieqa oħra tal-konsum tiegħu, inklużi t-twissijiet bil-miktub, it-twissijiet tas-saħħa kkombinati, it-twissijiet ġenerali u l-messaġġi ta' informazzjoni, kif previst f'din id-Direttiva;
- (33) "twissija tas-saħħa kkombinata" tfisser twissija tas-saħħa prevista f'din id-Direttiva u li tikkonsisti f'kombinazzjoni ta' twissija bil-miktub u stampa jew immaġni korrispondenti, kif previst f'din id-Direttiva;
- (34) "bejgħ transkonfinali mill-bogħod" tfisser bejgħ mill-bogħod lil konsumaturi fejn, fiż-żmien meta l-konsumatur jordna l-prodott minn stabbiliment tal-bejgħ bl-immnuta, il-konsumatur ikun jinsab fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru jew il-pajjiż terz fejn hu stabbilit dak l-istabbiliment tal-bejgħ bl-immnuta; l-istabbiliment tal-bejgħ bl-immnuta jitqies li hu stabbilit fi Stat Membru:
- (a) fil-każ ta' persuna fiżika, jekk hu jew hi jkollu jew ikollha l-post tan-negożju tiegħu/tagħha f'dak l-Istat Membru;
- (b) f'każijiet oħra, jekk l-istabbiliment tal-bejgħ bl-immnuta ikollu s-sede statutorja, l-amministrazzjoni ċentrali jew post tan-negożju tiegħu, inkluż fergħa, aġenzija jew kwalunkwe stabbiliment ieħor f'dak l-Istat Membru;
- (35) "konsumatur" tfisser persuna fiżika li qed taġixxi għal għanijiet li m'għandhomx x'jaqsmu mal-attività kummerċjali, imprenditorjali, artiġjanali jew professjonali tiegħu jew tagħha;
- (36) "sistema ta' verifika tal-età" tfisser sistema tal-kompjuter li tikkonferma mingħajr ambigwità l-età tal-konsumatur b'mod elettroniku skont ir-rekwiżiti nazzjonali;
- (37) "manifattur" għandha tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott, jew li għandha prodott iddisinjat jew immanifatturat u li tikkummerċjalizza dak il-prodott taħt isimhom jew it-trejdmark tagħhom;
- (38) "importazzjoni tat-tabakk jew prodotti relatati" tfisser id-dħul fit-territorju tal-Unjoni ta' tali prodotti sakemm il-prodotti, ma jitqiegħdux taħt proċedura jew arranġament doganali ta' sospensjoni mad-dħul tagħhom fl-Unjoni, kif ukoll ir-rilaxx tagħhom mill-proċedura u l-arranġament doganali ta' sospensjoni;

- (39) "importatur tat-tabakk jew prodotti relatati" tfisser is-sid ta', jew persuna li għandu d-dritt li jiddisponi mit-tabakk u l-prodotti relatati li ddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni;
- (40) "tqegħid fis-suq" tfisser li l-prodotti, irrispettivament mill-post tal-manifattura tagħhom, isiru disponibbli għall-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni, bi ħlas jew mingħajr ħlas, inkluż permezz ta' bejgħ mill-bogħod; fil-każ ta' bejgħ transkonfinali mill-bogħod, il-prodott jitqies li tqiegħed fis-suq fl-Istat Membru fejn jinsab il-konsumatur;
- (41) "stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut" tfisser kull stabbiliment fejn il-prodotti tat-tabakk jitqiegħdu fis-suq inkluż minn persuna fiżika.

TITOLU II

PRODOTTI TAT-TABAKK

KAPITOLU I

Ingredjenti u emissjonijiet

Artikolu 3

Livelli massimi ta' emissjoni għall-qatran, in-nikotina, il-monossidu tal-karbonju u sustanzi oħra

1. Il-livelli ta' emissjoni minn sigaretti li jitqiegħdu fis-suq jew immanufatturati fl-Istati Membri ("livelli massimi ta' emissjoni") ma għandhomx ikunu akbar minn:
 - (a) 10 mg ta' qatran kull sigarett;
 - (b) 1 mg ta' nikotina kull sigarett;
 - (c) 10 mg ta' monossidu tal-karbonju għal kull sigarett.
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 27 biex tnaqqas il-limiti ta' emissjoni massimi msemmija fil-paragrafu 1, fejn dan ikun meħtieġ abbażi ta' standards maqbulin internazzjonalment.
3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe limiti massimi ta' emissjoni stabbiliti minnhom għal emissjonijiet minn sigaretti għajr l-emissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u għall-emissjonijiet minn prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti.
4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 27 sabiex tintegra fid-dritt tal-Unjoni standards maqbula mill-partijiet għall-FCTC jew mill-WHO relatati mal-livelli massimi ta' emissjoni minn sigaretti għajr l-emissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u għal emissjonijiet minn prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti.

Artikolu 4

Metodi ta' kejl

1. L-emissjonijiet ta' qatran, nikotina u monossidu tal-karbonju minn sigaretti għandu jitkejjel fuq il-bażi tal-istandard ISO 4387 għall-qatran, l-istandard ISO 10315 għan-nikotina, u l-istandard ISO 8454 għall-monossidu tal-karbonju.

L-eżattezza tal-kejl tal-qatran, tan-nikotina u tal-monossidu tal-karbonju għandha tiġi ddeterminata skont l-istandard ISO 8243.

2. Il-kejl imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi verifikat minn laboratorji li huma approvati u monitorjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Dawk il-laboratorji ma għandhomx jappartjenu jew ikunu kkontrollati direttament jew indirettament mill-industrija tat-tabakk.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni lista tal-laboratorji approvati, filwaqt li jispeċifikaw il-kriterji użati għall-approvazzjoni u l-metodi ta' monitoraġġ applikati, u għandhom jaġġornaw dik il-lista kull meta ssir xi bidla. Il-Kummissjoni għandha tagħmel għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, dawk il-listi ta' laboratorji approvati.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 27 biex tadatta l-metodi ta' kejl tal-emissjonijiet tal-qatran, in-nikotina u l-monossidu tal-karbonju, fejn dan ikun meħtieġ, abbażi ta' żviluppi xjentifiċi u tekniċi jew standards maqbulin internazzjonalment.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe metodu ta' kejl li jużaw għal emissjonijiet minn sigaretti għajr l-emissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 u għall-emissjonijiet minn prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 27 sabiex tintegra fid-dritt tal-Unjoni standards maqbula mill-partijiet għall-FCTC jew mill-WHO għal metodi ta' kejl.
6. L-Istati Membri jistgħu jimponu tariffi proporzjonati lill-manifatturi u importaturi ta' prodotti tat-tabakk għall-verifika ta' kejl imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 5

Rappurtar tal-ingredjenti u l-emissjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk jibagħtu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom l-informazzjoni li ġejja skont l-isem tad-ditta u t-tip:
 - (a) lista tal-ingredjenti kollha, u l-kwantitajiet tagħhom, użati fil-manifattura tal-prodotti tat-tabakk f'ordni dixxendenti tal-piż ta' kull ingredjent inkluż fil-prodotti tat-tabakk;
 - (b) il-livelli ta' emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1) u (4);
 - (c) fejn disponibbli, informazzjoni dwar emissjonijiet oħra u l-livelli tagħhom.

Għal prodotti diġà mqiegħda fis-suq, dik l-informazzjoni għandha tingħata sal-20 ta' Novembru 2016.

Il-manifatturi jew l-importaturi għandhom jinformaw ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati, jekk il-kompożizzjoni ta' prodott tiġi modifikata b'mod li taffettwa l-informazzjoni pprovduta skont dan l-Artikolu.

Għal prodott tat-tabakk ġdid jew modifikat l-informazzjoni meħtieġa taħt dan l-Artikolu għandha tiġi ppreżentata qabel ma daww il-prodotti jittqiegħdu fis-suq.

2. Il-lista tal-ingredjenti msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni li tagħti r-raġunijiet għall-inklużjoni ta' tali ingredjenti fil-prodotti tat-tabakk ikkonċernati. Dik il-lista għandha tindika ukoll l-istatus tal-ingredjenti, inkluż jekk dawn ġewx irreġistrati, skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ kif ukoll il-klassifikazzjoni tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.

3. Il-lista msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandha tkun akkumpanjata wkoll bid-*data* tossikoloġika rilevanti fir-rigward tal-ingredjenti fil-forma maħruqa jew mhux maħruqa skont kif xieraq, filwaqt li ssir referenza b'mod partikolari għall-effetti tagħhom fuq is-saħħa tal-konsumaturi u filwaqt li jitqies, fost oħrajn, kull effett ta' dipendenza.

Barra minn hekk, għal sigaretti u tabakk tal-brim, dokument tekniku li jstabbilixxi deskrizzjoni ġenerali tal-addittivi li jintużaw u l-proprietajiet tagħhom, għandu jiġi ppreżentat mill-manifattur jew l-importatur.

Minbarra għall-qatran, in-nikotina u l-monossidu tal-karbonju u għall-emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(4), il-manifatturi u l-importaturi għandhom jindikaw il-metodi tal-kejl tal-emissjonijiet użati. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu wkoll li l-manifatturi jew l-importaturi jwettqu studji kif jistgħu jkun stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jivvalutaw l-effetti ta' ingredjent fuq is-saħħa, billi jitqiesu, fost oħrajn, l-effett ta' dipendenza u t-tossiċità tagħhom.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni ppreżentata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 6 tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali fuq websajt, li. L-Istati Membri għandhom iqisu l-ħtieġa li jipproteġu s-sigriet kummerċjali meta jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-manifatturi u l-importaturi jispesifikaw, meta jippreżentaw l-informazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 6, l-informazzjoni li huma jqisu li tikkostitwixxi sigriet kummerċjali.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

⁽²⁾ Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlittiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi u jekk meħtieġ ta' għorri l-format għall-preżentazzjoni u d-disponibbiltà tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 6 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 6. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(2).

6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-manifatturi u l-importaturi biex jippreżentaw studji interni u esterni li jkollhom disponibbli dwar ir-riċerka tas-suq u l-preferenzi ta' diversi gruppi ta' konsumaturi, inklużi ż-żgħażaġh u dawk li attwalment ipejpu, fir-rigward tal-ingredjenti u l-emissjonijiet, kif ukoll sommarji eżekuttivi ta' kwalunkwe sħarriġ tas-suq li huma jwettqu meta jillanċjaw prodotti ġodda. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu ukoll li l-manifatturi u l-importaturi jirrapportaw il-volumi tal-bejgħ tagħhom għal kull ditta u tip, irrappurtat f'unitajiet jew kilogrammi, u għal kull Stat Membru fuq bażi annwali li tidda mill-1 ta' Jannar 2015. L-Istati Membri għandhom jipprovdu kwalunkwe *data* oħra dwar il-volum tal-bejgħ li hija disponibbli għalihom.

7. Id-*data* u l-informazzjoni kollha li għandha tingħata lill-Istati Membri u minnhom skont dan l-Artikolu u skont l-Artikolu 6, għandhom jingħataw f'forma elettronika. L-Istati Membri għandhom iżommu l-informazzjoni elettronikament u għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni u Stati Membri oħra jkollhom aċċess għal dik l-informazzjoni għall-fini tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li s-sigrieti kummerċjali u informazzjoni kunfidenzjali oħra jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali.

8. L-Istati Membri jistgħu jimponu tariffi proporzjonati fuq il-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk biex jirċievu, jaħżnu, jipproċessaw, janalizzaw u jippubblikaw l-informazzjoni mibgħuta lilhom skont dan l-Artikolu.

Artikolu 6

Lista ta' prijorità ta' addittivi u obbligi ta' rappurtar imsaħħa

1. Minbarra l-obbligi ta' rappurtar stipulati fl-Artikolu 5, obbligi ta' rappurtar imsaħħa għandhom japplikaw għal ċerti addittivi li jinsabu fis-sigaretti u tabakk tal-brim li huma inklużi fl-lista ta' prijorità. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu u sussegwentement jaġġornaw tali lista ta' prijorità ta' addittivi Din il-lista għandu jkun fiha addittivi:

- (a) li għalihom jeżistu indikazzjonijiet inizjali, riċerka, jew regolazzjoni f'ġuriżdizzjonijiet oħra li tissuġġerixxi li huma għandhom waħda mill-proprjetajiet stabbiliti fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu; u
- (b) li huma fost l-addittivi l-aktar użati skont il-piż jew l-għadd skont ir-rappurtar ta' ingredjenti skont il-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 5.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(2). L-ewwel lista ta' addittivi għandha tiġi adottata sal-20 ta' Mejju 2016 u għandu jkun fiha mill-inqas 15-il addittiv.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-manifatturi u lill-importaturi tas-sigaretti u tat-tabakk tal-brim li fihom addittiv li huwa inkluż fil-lista ta' prijorità prevista fil-paragrafu 1, biex iwettqu studji komprensivi, li għandhom jeżaminaw għal kull addittiv jekk huwa:

- (a) jikkontribwixxi għat-tossiċità jew l-effett ta' dipendenza tal-prodotti kkonċernati, u jekk dan għandux l-effett li jżid it-tossiċità jew l-effett ta' dipendenza ta' kwalunkwe wieħed mill-prodotti kkonċernati b'mod sinifikanti jew li jista' jitkejjel;
- (b) jirriżultax f'toġhma karatterizzanti;
- (c) jiffaċilitax l-inalazzjoni jew il-konsum tan-nikotina; jew
- (d) iwassalx għall-formazzjoni ta' sustanzi li għandhom proprjetajiet CMR, li l-kwantitajiet tagħhom, u jekk dan għandux l-effett li jżid il-proprjetajiet CMR fi kwalunkwe wieħed mill-prodotti kkonċernati b'mod sinifikanti jew li jista' jitkejjel.

3. Dawk l-istudji għandhom jieħdu kont tal-użu intenzjonat tal-prodotti kkonċernati u jeżaminaw b'mod partikolari l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-proċess ta' kombustjoni li jinvolvi l-addittiv ikkonċernat. L-istudji għandhom jeżaminaw ukoll l-interazzjoni ta' dak l-addittiv ma' ingredjenti oħra li jkunu jinsabu fil-prodotti kkonċernati. Il-manifatturi jew l-importaturi li jużaw l-istess addittiv fil-prodotti tat-tabakk tagħhom jistgħu jwettqu studju konġunt meta jużaw dak l-addittiv f'kompożizzjoni tal-prodott komparabbli.

4. Il-manifatturi jew l-importaturi għandhom iħejju rapport dwar ir-riżultati ta' dawn l-istudji. Dak ir-rapport għandu jinkludi sommarju eżekuttiv tagħhom, u ħarsa ġenerali komprensiva li telenka l-letteratura xjentifika disponibbli dwar dak l-addittiv u tagħti fil-qosor id-*data* interna dwar l-effetti tal-addittiv.

Il-manifatturi jew l-importaturi għandhom jippreżentaw dawn ir-rapporti lill-Kummissjoni u kopja tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri fejn prodott tat-tabakk li jkun fih dan l-addittiv jitqiegħed fis-suq mhux aktar tard minn 18-il xahar wara li l-addittiv inkwistjoni jkun tqiegħed fil-lista ta' prijorità skont il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati jstgħu wkoll jitolbu informazzjoni supplimentari mill-manifatturi jew l-importaturi rigward l-addittiv ikkonċernat. Din l-informazzjoni supplimentari għandha tkun parti mir-rapport.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati jstgħu jirrikjedu li dawn ir-rapporti ssirilhom revizzjoni bejn il-pari minn korp xjentifiku indipendenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-komprensività, il-metodoloġija u l-konklużjonijiet tagħhom. L-informazzjoni li tasal għandha tgħin lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fit-teħid tad-deċiżjonijiet skont l-Artikolu 7. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jstgħu jimponu tariffi proporzjonali lill-manifatturi u importaturi tal-prodotti tat-tabakk għal dawk ir-reviżjonijiet bejn il-pari.

5. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ⁽¹⁾ għandhom jiġu eżentati mill-obbligi taħt dan l-Artikolu, jekk jitħejja rapport dwar dak l-addittiv minn manifatatur jew importatur ieħor.

Artikolu 7

Regolamentazzjoni ta' ingredjenti

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk b'toġhma karatterizzanti.

L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu l-użu ta' addittivi li huma essenzjali għall-manifattura tal-prodotti tat-tabakk, pereżempju taz-zokkor biex jieħu post iz-zokkor mitluf waqt il-proċess ta' preservazzjoni, dment li dawk l-addittivi ma jirriżultawx fi prodott b'toġhma karatterizzanti u ma jżidux b'mod sinifikanti jew li jista' jitkejjel l-effett ta' dipendenza, it-tossiċità jew il-proprietajiet CMR tal-prodott tat-tabakk.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda skont dan il-paragrafu.

2. Il-Kummissjoni għandha, wara talba ta' Stat Membru, jew tista' fuq inizjattiva tagħha stess, tiddetermina permezz ta' atti ta' implimentazzjoni jekk prodott tat-tabakk jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(2).

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu regoli uniformi tal-proċeduri biex jiġi determinat jekk prodott jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(2).

4. Għandu jiġi stabbilit bord konsultattiv indipendenti fil-livell tal-Unjoni. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jstgħu jikkonsultaw lil dan il-bord qabel ma jadottaw miżura skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-proċeduri għall-istabbiliment u l-operat ta' dan il-bord.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(2).

5. Fejn il-livell ta' kontenut jew konċentrazzjoni ta' ċerti addittivi jew taħlita tagħhom irriżulta fi projbizzjonijiet skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu f'tal-anqas tliet Stati Membri, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 27 biex tistabbilixxi livelli ta' kontenut massimi għal dawk l-addittivi jew taħlita ta' addittivi li jirriżultaw fit-toġhma karatterizzanti.

6. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk li fihom l-addittivi li ġejjin:

- (a) vitamini jew addittivi oħra li joħlqu l-impressjoni li prodott tat-tabakk huwa ta' benefiċċju għas-saħħa jew jippreżenta inqas riskji għas-saħħa;
- (b) kafeina jew tawrina jew addittivi oħra u komposti stimulanti li huma assoċjati mal-enerġija u l-vitalità;
- (c) addittivi li għandhom proprjetajiet koloranti għall-emissjonijiet;

⁽¹⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi ta' daqs mikro, żgħir u medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

- (d) għal prodotti tat-tabakk tat-tipjip, addittivi li jiffaċilitaw l-inalazzjoni jew il-konsum tan-nikotina; u
- (e) addittivi li għandhom proprjetajiet CMR fil-forma mhux maħruqa.

7. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk li fihom aromi fi kwalunkwe wieħed mill-komponenti ta' għandhom bħal filtri, karti, pakketti, kapsuli jew kwalunkwe karatteristika teknika li tippermetti l-modifika tar-riħa jew tat-togħma tal-prodotti tat-tabakk ikkonċernati jew l-intensità ta' duħħan ta' għandhom. Il-filtri, il-karti u l-kapsuli ma għandux ikun fihom tabakk jew nikotina.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet u l-kondizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru1907/2006 jiġu applikati fuq il-prodotti tat-tabakk kif adatt.

9. L-Istati Membri għandhom, abbażi ta' evidenza xjentifika, jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk li fihom addittivi fi kwantitajiet li jżidu l-effett tossiku jew ta' dipendenza, jew il-proprjetajiet CMR ta' prodott tat-tabakk fl-istadju tal-konsum b'mod sinifikanti jew li jista' jitkejjel.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-miżuri li hađu skont dan il-paragrafu.

10. Il-Kummissjoni għandha, wara talba ta' Stat Membru, jew tista' fuq inizjattiva ta' għandha stess, tiddetermina permezz ta' att ta' implimentazzjoni jekk prodott tat-tabakk jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 9. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(2) u għandhom ikunu bbażati fuq l-aħħar evidenza xjentifika.

11. Fejn addittiv jew ċerta kwantità tiegħu jkun irriżulta li jimplifika l-effett tossiku jew ta' dipendenza ta' prodott tat-tabakk, u fejn dan irriżulta fi projbizzjonijiet skont il-paragrafu (9) ta' dan l-Artikolu f'tal-anqas tliet Stati Membri, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 27 biex tistabbilixxi livelli massimi tal-kontenut għal dawk l-addittivi. F'dan il-każ, il-livell massimu tal-kontenut għandu jiġi stabbilit fl-anqas livell massimu li wassal għall-waħda mill-projbizzjonijiet nazzjonali imsemmija f'dan il-paragrafu.

12. Il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti u t-tabakk tal-brim għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27, sabiex tirtira dik l-eżenzjoni għal kategorija partikolari ta' prodott jekk ikun hemm bidla sostanzjali ta' ċirkustanzi kif stabbilit frapport tal-Kummissjoni.

13. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jimponu tariffi proporzjonali fuq il-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk għall-evalwazzjoni biex jiddeterminaw jekk prodott tat-tabakk għandux togħma karatterizzanti, jekk jintużawx addittivi jew aromi pprojbiti u jekk prodott tat-tabakk fihx addittivi fi kwantitajiet li jżidu b'mod sinifikanti u li jitkejjel l-effett tossiku u ta' dipendenza jew il-proprjetajiet CMR tal-prodott tat-tabakk ikkonċernat.

14. Fil-każ ta' prodotti tat-tabakk b'aroma karatterizzanti li l-volum tal-bejgħ ta' għandhom mal-Unjoni kollha jirrappreżenta 3 % jew aktar ta' kategorija partikolari ta' prodott, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mill-20 ta' Mejju 2020.

15. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għat-tabakk għall-użu orali.

KAPITOLU II

Ittikketta u ippakkjar

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Kull pakkett wieħed ta' prodotti tat-tabakk u kull ippakkjar estern għandu jkollu fuqu t-twissijiet tas-saħħa previsti f'dan il-Kapitolu bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-prodott ikun qed jitqiegħed fis-suq.

2. It-twissijiet tas-saħħa għandhom ikopru l-wiċċ sħiħ tal-pakkett individwali jew l-ippakkjar estern li huwa riżervat għalihom u ma għandhomx ikunu oġġett ta' kumment, parafrasi jew riferiment fi kwalunkwe forma.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-twissijiet tas-saħħa fuq pakkett individwali u kull ippakkjar estern jiġu stampati b'mod li ma jkunux jistgħu jitneħħew, b'mod indelibbli u kompletament viżibbli, inkluż li ma jkunux parzjalment jew totalment moħbija jew interrotti permezz ta' bolol tat-taxxi, marki tal-prezz, karatteristiċi ta' sigurtà,

tqartis, għatjiet, kaxex, jew oġġetti oħrajn meta l-prodotti tat-tabakk jitqiegħdu fis-suq. Fuq pakketti individwali tal-prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti u t-tabakk tal-brim fil-borża, it-twissijiet tas-saħħa jistgħu jitwawhlu permezz ta' stickers, dment li t-tali stickers ma jkunux jistgħu jitnehew. It-twissijiet tas-saħħa għandhom jibqgħu sħaħ mal-ftuħ tal-pakkett individwali minbarra l-pakketti b'għatu flip-top fejn it-twissijiet tas-saħħa jistgħu jinkisru mal-ftuħ, iżda b'tali mod li jkunu żgurati l-integrità grafika u l-viżibilità tat-test, ir-ritratti u l-informazzjoni dwar il-waqfien mit-tipjip.

4. It-twissijiet tas-saħħa ma għandhom bl-ebda mod jaħbu jew jinterrompu l-bolol tat-taxxa, il-marki tal-prezz, il-marki tal-provenjenza u t-traċċar, jew il-karatteristiċi tas-sigurtà fuq kull pakkett individwali.

5. Id-daqs tat-twissijiet tas-saħħa previsti fl-Artikoli 9, 10 11 u 12 għandu jkun ikkalkulat frelazzjoni mal-wiċċ ikkonċernat meta l-pakkett ikun magħluq.

6. It-twissijiet tas-saħħa għandhom ikunu mdawra minn bordura sewda b'wisa' ta' 1 mm ġewwa l-wiċċ li huwa riżervat għal dawn it-twissijiet, ħlief għal twissijiet tas-saħħa skont l-Artikolu 11.

7. Meta tadatta twissija tas-saħħa skont l-Artikoli 9(5), 10(3) u 12(3), il-Kummissjoni għandha tiżgura li hija fattwali jew li l-Istati Membri jkollhom għażla ta' żewġ twissijiet, li waħda minnhom għandha tkun fattwali.

8. Stampi ta' pakketti individwali u xi ppakkjar estern li għandhom fil-mira tagħhom il-konsumaturi fl-Unjoni għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu.

Artikolu 9

Twissijiet ġenerali u messaġġi ta' informazzjoni fuq il-prodotti tat-tabakk għat-tipjip

1. Kull pakkett individwali u kwalunkwe ppakkjar estern tal-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għandhom juru waħda mit-twissijiet ġenerali li ġejjin:

“It-tipjip joqtol — Ieqaf issa”

jew

“It-tipjip joqtol”

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw liema minn dawn it-twissijiet ġenerali msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tintuża.

2. Kull pakkett individwali u kull ippakkjar estern tal-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għandhom juru l-messaġġ ta' informazzjoni li ġej:

“Id-duħħan tat-tabakk fih aktar minn 70 sustanza magħrufa li jikkawżaw il-kanċer.”

3. Għall-pakketti tas-sigaretti u t-tabakk tal-brim f'pakketti fil-forma ta' kubu t-twissija ġenerali għandha tidher fuq il-parti t'isfel ta' wieħed mill-uċuħ laterali tal-pakketti individwali u l-messaġġ ta' informazzjoni għandu jidher fuq il-parti ta' isfel tal-wiċċ laterali l-ieħor. Dawn it-twissijiet tas-saħħa għandu jkollhom wisa' ta' mhux inqas minn 20 mm.

Għal pakketti li huma fil-forma ta' kaxxa bl-għatu mitwi f'ċappetta li meta dan jinfetaħ jaqşam fi tnejn il-wiċċ laterali, it-twissija ġenerali u l-messaġġ ta' informazzjoni għandhom jidher fl-intier tagħhom fuq l-akbar parti minn dawk l-uċuħ maqsuma. It-twissija ġenerali għandha tidher ukoll fuq ġewwa tal-wiċċ ta' fuq li huwa viżibbli meta l-pakkett ikun miftuħ.

L-uċuħ laterali ta' dan it-tip ta' pakkett għandu jkollhom għoli ta' mhux anqas minn 16-il mm.

Għat-tabakk tal-brim immarkat fil-boroż it-twissija ġenerali u l-messaġġ ta' informazzjoni għandhom jidher fuq l-uċuħ biex b'hekk tiġi żgurata l-viżibilità sħiħa ta' dawk it-twissijiet tas-saħħa. Għat-tabakk tal-brim fil-pakketti ċilindriċi t-twissija ġenerali għandha tidher fil-wiċċ ta' barra tal-għatu u l-messaġġ ta' informazzjoni fil-wiċċ ta' ġewwa tal-għatu.

Kemm it-twissija ġenerali u kif ukoll il-messaġġ tal-informazzjoni għandhom ikopru 50 % tal-uċuħ li fuqu jkunu stampati.

4. It-twissija ġenerali u l-messaġġ ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu:
 - (a) stampati b'tipa Helvetica sewda grassa fuq sfond abjad. Biex jiġu akkommodati l-ħtiġijiet lingwistiċi, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw id-daqs tat-tipa, dment li d-daqs tat-tipa speċifikat fil-liġi nazzjonali tiżgura li t-test rilevanti jokkupa l-akbar proporzjon possibbli tal-wiċċ riżervat għal dawn it-twissijiet tas-saħħa; u
 - (b) fiċ-ċentru tal-wiċċ riżervat għalihom, u fuq pakketti fil-forma ta' kubu u kull ippakkjar estern għandhom ikunu paralleli max-xifer laterali tal-pakkett individwali jew tal-ippakkjar estern;
5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex tadatta l-kliem tal-messaġġ ta' informazzjoni stipulat fil-paragrafu 2 għall-iżviluppi xjentifiċi u tas-suq.
6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-pożizzjoni preċiża tat-twissija ġenerali u l-messaġġ ta' informazzjoni fuq it-tabakk tal-brim ikkummerċjalizzat fil-boroż, b'kont meħud il-forom differenti ta' boroż.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(2).

Artikolu 10

Twissijiet tas-saħħa kkombinati flimkien għal prodotti tat-tabakk għat-tipij

1. Kull pakkett individwali u kull ippakkjar estern tal-prodotti tat-tabakk għat-tipij għandu juri twissijiet tas-saħħa kkombinati flimkien. It-twissijiet tas-saħħa kkombinati għandhom:
 - (a) ikunu fihom waħda mill-kitbiet ta' twissija elenkati fl-Anness I u ritratt bil-kulur korrispondenti speċifikat fil-librerija tal-istampi fl-Anness II;
 - (b) jinkludu informazzjoni dwar waqfien mit-tipij bħalma huma numri tat-telefon, indirizzi tal-email jew siti tal-Internet maħsuba biex jinfurmaw lill-konsumaturi dwar il-programmi li huma disponibbli biex jgħinu lil dawk li jridu jieqfu jpejpu;
 - (c) ikopru 65 % tal-erja esterna tal-wiċċ ta' quddiem u ta' wara tal-pakkett individwali u kwalunkwe pakkjar estern. Il-pakketti ċilindriċi għandhom juru żewġ twissijiet tas-saħħa kkombinati, ekwidistanti minn xulxin u kull twissija tas-saħħa tkopri 65 % tan-nofs rispettiv tagħhom tal-wiċċ kurvat;
 - (d) juru l-istess kliem ta' twissija u ritratt bil-kulur korrispondenti fuq iż-żewġ naħat tal-pakketti individwali u kwalunkwe pakkjar estern;
 - (e) jidhru fuq ix-xifer ta' fuq ta' pakkett individwali u ta' kwalunkwe pakkjar estern, u għandu jkun fl-istess direzzjoni bħal kwalunkwe informazzjoni oħra li tidher fuq dak il-wiċċ tal-ippakkjar. Eżenzjonijiet tranżizzjonali minn dak l-obbligu dwar il-pożizzjoni ta' twissija tas-saħħa kkombinata jistgħu japplikaw fi Stati Membri fejn il-bolol tat-taxxa jew marki ta' identifikazzjoni nazzjonali użati għal finijiet fiskali għadhom mandatorji, kif ġej:
 - (i) f'dawk il-każijiet, fejn il-bolla tat-taxxa jew il-marka ta' identifikazzjoni nazzjonali użata għal finijiet fiskali hija mwaħħla fuq ix-xifer ta' fuq ta' pakkett individwali magħmul minn materjal tal-kartun, it-twissija tas-saħħa li għandha tidher fuq il-wiċċ ta' wara tkun tista' tiġi pożizzjonata direttament taħt il-bolla tat-taxxa jew il-marka ta' identifikazzjoni nazzjonali.
 - (ii) Fejn il-pakkett individwali huwa magħmul minn materjal artab, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li erja rettangolari tiġi riżervata għall-bolla tat-taxxa jew il-marka ta' identifikazzjoni nazzjonali użata għal finijiet fiskali b'għoli mhux aktar minn 13-il mm bejn ix-xifer ta' fuq tal-pakkett u l-wiċċ u n-naħa ta' fuq tat-twissijiet tas-saħħa kkombinati.
- L-eżenzjonijiet imsemmijin fil-punti (i) u (ii) għandhom japplikaw għal perijodu ta' tliet snin mill-20 ta' Mejju 2016. Ismijiet tad-ditta u logos ma għandhomx jiġu pożizzjonati 'il fuq mit-twissijiet tas-saħħa;
- (f) ikunu riprodotti skont il-format, it-tqassim tal-informazzjoni, id-disinn u l-proporzjonijiet speċifikati mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3;

(g) fil-każ ta' pakketti individwali tas-sigaretti, jirrispettaw id-dimensjonijiet li ġejjin:

(i) għoli: mhux inqas minn 44 mm;

(ii) wisa': mhux inqas minn 52 mm.

2. It-twissijiet tas-saħħa kkombinati flimkien huma raggruppati fi tliet settijiet kif imniżżel fl-Anness II u kull sett għandu jintuża f'sena partikolari u jinbidel għas-sett li jmiss fis-sena ta' wara. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull twissija kkombinata tas-saħħa li tkun tista' tintuża f'sena partikolari tidher kemm jista' jkun possibbli f'ammont ta' drabi ndaq fuq kull marka kummerċjali ta' prodotti tat-tabakk.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 27 biex:

(a) tadatta l-kitba tat-twissijiet elenkati fl-Anness I biex jittieħed kont tal-iżviluppi xjentifiċi u tas-suq;

(b) tistabbilixxi u tadatta l-librerija tal-istampi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu billi jittieħed kont tal-iżviluppi xjentifiċi u tas-suq.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-tqassim tal-informazzjoni, id-disinn u l-forma tat-twissijiet tas-saħħa kkombinati, filwaqt li tqis il-forom differenti tal-pakketti.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(2).

Artikolu 11

It-tikkettar tal-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għajr sigaretti, it-tabakk tal-brim u t-tabakk tal-pipi tal-ilma

1. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għajr is-sigaretti, it-tabakk tal-brim u t-tabakk tal-pipi tal-ilma mill-obbligi li jintwera l-messaġġ tal-informazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 9(2) u t-twissijiet tas-saħħa kkombinati stipulati fl-Artikolu 10. F'dik l-eventwalità, u barra mit-twissija ġenerali prevista fl-Artikolu 9(1), kull pakkett individwali u kwalunkwe ppakkjar estern ta' tali prodotti għandhom juru waħda mill-kitbiet ta' twissija elenkati fl-Anness I. It-twissija ġenerali speċifikata fl-Artikolu 9(1) għandha tinkludi referenza għas-servizzi għall-waqfien mit-tipjip imsemija fl-Artikolu 10(1)(b).

It-twissija ġenerali għandha tidher fuq il-wiċċ l-aktar li jidher tal-pakkett individwali u kull ippakkjar estern.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull kitba ta' twissija tidher kemm jista' jkun possibbli fl-istess ammont ta' drabi fuq kull marka kummerċjali ta' dawn il-prodotti. Dawn il-kitbiet ta' twissija għandhom jidhru fuq il-wiċċ l-aktar viżibbli li jmiss tal-pakkett individwali u kull ippakkjar estern.

Għal pakketti individwali bl-għatu mitwi f'ċappetta, il-wiċċ l-aktar viżibbli li jmiss huwa dak li jsir viżibbli meta l-pakkett ikun miftuħ.

2. It-twissija ġenerali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkopri 30 % tal-wiċċ rilevanti tal-pakkett individwali jew kull ippakkjar estern. Dak il-proporzjon għandu jiżdied għal 32 % għall-Istati Membri b'żewġ ilsna uffiċjali u 35 % għall-Istati Membri b'aktar minn żewġ ilsna uffiċjali.

3. It-twissija ġenerali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkopri 40 % tal-wiċċ rilevanti tal-pakkett individwali jew kull ippakkjar estern. Dak il-proporzjon għandu jiżdied għal 45 % għall-Istati Membri b'żewġ ilsna uffiċjali u 50 % għall-Istati Membri b'aktar minn żewġ ilsna uffiċjali.

4. Fejn it-twissijiet tas-saħħa msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jidhru fuq wiċċ li jkun akbar minn 150 cm², it-twissijiet għandhom jgħattu spazju ta' 45 cm². Dak l-ispażju għandu jiżdied għal 48 cm² għall-Istati Membri b'żewġ ilsna uffiċjali u 52,5 cm² għall-Istati Membri b'aktar minn żewġ ilsna uffiċjali.

5. It-twissijiet tas-saħħa msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 9(4). It-test tat-twissijiet tas-saħħa għandu jkun parallel għat-test ewlieni fuq il-wiċċ riżervat għal dawn it-twissijiet.

It-twissijiet tas-saħħa għandhom ikunu mdawra minn bordura sewda b'wisa' ta' mhux anqas minn 3 mm u mhux aktar minn 4 mm. Din il-bordura għandha tidher barra l-wiċċ riżervat għat-twissijiet tas-saħħa.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27, sabiex tirtira l-possibbiltà li jingħataw eżenzjonijiet għal kwalunkwe kategorija partikolari tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi kif stabbilit frapport tal-Kummissjoni għall-kategorija ta' prodotti kkonċernata.

Artikolu 12

It-tikkettar tal-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux

1. Kull pakkett individwali u kull ippakkjar estern tal-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux għandhom juru t-twissija tas-saħħa li ġejja:

“Dan il-prodott tat-tabakk jagħmel ħsara lil saħħtek u jagħmlek dipendenti.”

2. It-twissija tas-saħħa stipulata fil-paragrafu 1 għandha tikkonforma mar-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 9(4). It-test tat-twissijiet tas-saħħa għandu jkun parallel għat-test ewlieni fuq il-wiċċ riżervat għal dawn it-twissijiet.

Barra minn hekk, għandu:

(a) jidher fuq l-akbar żewġ uċuħ tal-pakkett individwali, u kull ippakkjar estern;

(b) jgħatti 30 % tal-uċuħ tal-pakkett individwali u kull ippakkjar estern. Dak il-proporzjon għandu jiżdied għal 32 % għall-Istati Membri b'żewġ ilsna uffiċjali u 35 % għall-Istati Membri b'aktar minn żewġ ilsna uffiċjali.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex tadatta l-kliem tat-twissija tas-saħħa stipulat fil-paragrafu 1 għall-iżviluppi xjentifiċi.

Artikolu 13

Preżentazzjoni tal-prodott

1. It-tikkettar ta' pakketti individwali u kull ippakkjar estern u l-prodott tat-tabakk innifsu ma għandhom jinkludu ebda element jew karatteristika li:

(a) tippromwovi prodott tat-tabakk jew tħeġġeġ il-konsum tiegħu billi toħloq impressjoni żbaljata dwar il-karatteristiċi, l-effetti fuq is-saħħa, ir-riskji jew l-emissjonijiet tiegħu; it-tikketti ma għandhom jinkludu ebda tagħrif dwar il-kontenut tan-nikotina, il-qatran jew il-monossidu tal-karbonju tal-prodotti tat-tabakk;

(b) tissuġġerixxi li prodott partikolari tat-tabakk jagħmel anqas ħsara minn oħrajn jew li għandu l-għan li jnaqqas l-effett ta' xi komponenti ta' ħsara tad-duħħan jew li għandu karatteristiċi li jagħtu ħajja, enerġetiċi, li jfejqu, li jwasslu biex dak li jkun iħossu aktar żagħżuġh, naturali, organiċi jew li għandu benefiċċji oħrajn għas-saħħa jew l-istil ta' ħajja;

(c) tirreferi għat-togħma, ir-riħa, kwalunkwe aromi jew addittivi oħra jew l-assenza tagħhom;

(d) tixbah prodott tal-ikel jew kożmetiku;

(e) tissuġġerixxi li ċertu prodott tat-tabakk għandu bijodegradabbiltà aħjar jew vantaġġi ambjentali oħra.

2. Il-pakketti individwali u kwalunkwe ippakkjar estern m'għandhomx jissuġġerixxu vantaġġi ekonomiċi billi jinkludu kupuni stampati, joffru skontijiet, distribuzzjoni b'xejn, żewġ prodotti għall-prezz ta' wieħed jew offerti simili.

3. L-elementi u l-karatteristiċi li huma pprojbiti skont il-paragrafi 1 u 2 jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, kliem, simboli, ismijiet, marki kummerċjali, sinjali figurattivi jew sinjali oħrajn.

*Artikolu 14***Id-dehra u l-kontenut tal-pakketti individwali**

1. Pakketti individwali tas-sigaretti għandu jkollhom forma ta' kubu. Pakketti individwali ta' tabakk tal-brim għandu jkollhom forma ta' kubu jew ta' ċilindru, jew il-forma ta' borża. Pakkett individwali tas-sigaretti għandu jinkludi mill-inqas 20 sigarett. Pakkett individwali tat-tabakk tal-brim għandu jkollu tabakk li jiżen mhux anqas minn 30 g.
2. Pakkett individwali tas-sigaretti jista' jikkonsisti minn kartun jew materjal artab u ma għandux ikollu fetħa li tista' tingħalaq mill-ġdid jew tiġi sigillata mill-ġdid wara l-ewwel darba li tinfetaħ, barra mill-għatu flip-top u l-kaxxa bl-għatu mitwi f'ċappetta. Għall-pakketti li għandhom għatu flip-top u dawk li għandhomgħatu mitwi f'ċappetta, l-għatu għandu jkun mitwi f'ċappetta fuq dahar il-pakkett individwali biss.

*Artikolu 15***Traċċabbiltà**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pakketti individwali kollha tal-prodotti tat-tabakk ikunu mmarkati b'identifikatur uniku. Sabiex tkun żgurata l-integrità tal-identifikatur uniku, l-identifikatur uniku għandu jkun stampat jew imwahaal b'tali mod li ma jistax jinqalgha, ma jkunx jista' jitħassar u bl-ebda mod ma jkun moħbi jew interrott, inkluż permezz ta' bolol tat-taxxa jew marki tal-prezz, jew bil-ftuħ tal-pakkett individwali. Fil-każ tal-prodotti tat-tabakk li huma manifatturati barra mill-Unjoni, l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu japplikaw biss għal dawk destinati għal jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni.
2. L-identifikatur uniku għandu jippermetti li jiġu determinati dawn li ġejjin:
 - (a) id-data u l-post tal-manifattura;
 - (b) il-faċilità tal-manifattura;
 - (c) il-magna użata fil-manifattura tal-prodotti tat-tabakk;
 - (d) ix-xift tal-produzzjoni jew il-ħin tal-manifattura;
 - (e) id-deskrizzjoni tal-prodott;
 - (f) is-suq intenzjonat tal-bejgħ bl-imnut;
 - (g) ir-rotta tal-konsenja intenzjonata;
 - (h) fejn applikabbli, l-importatur fl-Unjoni;
 - (i) ir-rotta tal-konsenja attwali mill-manifattura għall-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut, inklużi l-imħażen kollha użati kif ukoll id-data tal-konsenja, id-destinazzjoni tal-konsenja, il-punt tat-tluq u d-destinatarju;
 - (j) l-identità tax-xerrejja kollha mill-manifattura għall-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut; u
 - (k) il-fattura, in-numru tal-ordni u r-rekords tal-ħlas tax-xerrejja kollha mill-manifattura għall-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut.
3. L-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b), (c), (d), (e), (f), (g) u, fejn applikabbli, (h) tal-paragrafu 2 għandha tiffirma parti mill-identifikatur uniku.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-punti (i), (j) u (k) tal-paragrafu 2 tkun aċċessibbli b'mod elettroniku permezz ta' konnessjoni mal-identifikatur uniku.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi kollha involuti fil-kummerċ tal-prodotti tat-tabakk, mill-manifattur sal-aħħar operatur ekonomiku, qabel l-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut, jirreġistraw id-dħul tal-pakketti kollha individwali fil-pussess tagħhom, kif ukoll, il-movimenti kollha intermedjarji u l-aħħar ħruġ tal-pakketti individwali mill-pussess tagħhom. Dan l-obbligu jista' jiġi ssodisfat billi jiġi mmarkat u rreġistrat l-ippakkjar aggregat bħall-kartun, mastercases jew pallets, dment li l-identifikazzjoni tal-provenjenza u t-traċċar tal-pakketti individwali kollha tibqa' possibbli.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha involuti fil-katina ta' provvista ta' prodotti tat-tabakk iżommu reġistri sħaħ u preċiżi tat-transazzjonijiet rilevanti kollha.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi tal-prodotti tat-tabakk jipprovdu lill-operaturi ekonomiċi kollha involuti fil-kummerċ tal-prodotti tat-tabakk, mill-manifattur sal-aħħar operatur ekonomiku, qabel l-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-immnut, inklużi l-importaturi, l-imħażen u l-kumpaniji tat-trasport bit-tagħmir li huwa meħtieġ għar-reġistrazzjoni tal-prodotti tat-tabakk mixtrija, mibjugħa, maħżuna, trasportati jew ittrattati b'mod ieħor. Dak it-tagħmir għandu jkun kapaċi li jaqra u jittrażmetti d-*data* rrekordjata b'mod elettroniku lil faċilità tal-*h*-zin tad-*data* skont il-paragrafu 8.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk jikkonkludu kuntratti ta' *h*-zin ta' *data* ma' parti terza indipendenti għall-finijiet li tospita l-faċilità tal-*h*-zin tad-*data* għad-*data* rilevanti kollha. Il-faċilità tal-*h*-zin tad-*data* għandha tkun tinsab fiżikament fit-territorju tal-Unjoni. Il-konvenjenza tal-parti terza, b'mod partikolari l-indipendenza u l-kapaċitajiet tekniċi tagħha, kif ukoll il-kuntratt għall-*h*-zin tad-*data*, għandhom ikunu approvati mill-Kummissjoni.

L-attivitajiet tal-parti terza għandhom ikunu sorveljati minn awditeur estern, propost u mħallas mill-manifattur tat-tabakk u approvat mill-Kummissjoni. L-awditeur estern għandu jippreżenta rapport annwali lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni, u jevalwa b'mod partikolari kwalunkwe irregolaritajiet fir-riġward tal-aċċess.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, u l-awditeur estern ikollhom aċċess sħiħ għall-faċilitajiet tal-*h*-zin tad-*data*. F'każijiet ġustifikati b'mod xieraq il-Kummissjoni jew l-Istati Membri jistgħu jipprovdu lill-manifatturi jew l-importaturi aċċess għad-*data* maħżuna, bil-kondizzjoni li informazzjoni kummerċjalment sensitiva tibqa' protetta b'mod adegwat skont il-liġi nazzjonali u dik tal-Unjoni.

9. *Data* reġistrata ma għandhiex tiġi modifikata jew imħassra minn kwalunkwe operatur ekonomiku involut fil-kummerċ tal-prodotti tat-tabakk.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* personali tiġi pproċessata skont ir-regoli u s-salvagwardji stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE.

11. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:

(a) tiddetermina l-istandards tekniċi tas-sistema għat-twaqqif u t-tħaddim tas-sistema ta' identifikazzjoni tal-provenjenza u t-traċċar kif previst f'dan l-Artikolu, inklużi l-immarkar b'identifikatur uniku, ir-reġistrazzjoni, it-trażmissjoni, l-ipproċessar, u l-*h*-zin tad-*data* u l-aċċess għal *data* maħżuna;

(b) tiddetermina l-istandards tekniċi biex jiġi żgurat li s-sistemi użati għall-identifikatur uniku u l-funzjonijiet relatati jkunu kompatibbli bis-sħiħ ma' xulxin fl-Unjoni kollha.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(2).

12. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex tiddefinixxi l-elementi ewlenin tal-kuntratti tal-*h*-zin tad-*data* msemmijin fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, bħat-tul ta' żmien tagħhom, il-possibbiltà ta' tiġdid, l-għarfien espert meħtieġ jew il-kunfidenzjalità, inkluż il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni regolari ta' dawk il-kuntratti.

13. Il-paragrafi 1 sa 10 għandhom japplikaw għas-sigaretti u t-tabakk tal-brim mill-20 ta' Mejju 2019 u għall-prodotti tat-tabakk barra mis-sigaretti u t-tabakk tal-brim mill-20 ta' Mejju 2024.

Artikolu 16

Karatteristika ta' Sigurtà

1. Barra l-identifikatur uniku msemmi fl-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom jesigū li l-pakketti kollha individwali tal-prodotti tat-tabakk, li jitqiegħdu fis-suq, ikollhom karatteristika tas-sigurtà li ma tistax titbagħbas, magħmula minn elementi viżibbli u inviżibbli. Il-karatteristika ta' sigurtà għandha tkun stampata jew imwahnha b'tali mod li ma tinqalax, ma tkunx tista' titħassar u bl-ebda mod ma tkun moħbija jew interrotta, inkluż permezz tal-bolol tat-taxxa jew il-marki tal-prezz, jew elementi oħrajn imposti bil-liġi.

Stati Membri li jeħtieġu bolol tat-taxxa jew marki nazzjonali ta' identifikazzjoni li jintużaw għall-finijiet fiskali jistgħu jippermettu li dawn jintużaw għall-karatteristika tas-sigurtà dment li l-bolol tat-taxxa jew il-marki nazzjonali ta' identifikazzjoni jissodisfaw l-istandards tekniċi u l-funzjonijiet kollha meħtieġa taħt dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi l-istandards tekniċi għall-element komuni tas-sigurtà u r-rotazzjoni possibbli tagħhom u li tadattahom għall-iżviluppi xjentifiċi, tekniċi u tas-suq.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(2).

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għas-sigaretti u t-tabakk tal-brim mill-20 ta' Mejju 2019 u għall-prodotti tat-tabakk barra mis-sigaretti u t-tabakk tal-brim mill-20 ta' Mejju 2024.

KAPITOLU III:

Tabakk għall-użu orali, bejgħ transkonfinali mill-bogħod ta' prodotti tat-tabakk u prodotti tat-tabakk ġodda

Artikolu 17

Tabakk għall-użu orali

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tat-tabakk għall-użu orali, mingħajr ħsara għall-Artikolu 151 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja.

Artikolu 18

Bejgħ transkonfinali mill-bogħod ta' prodotti tat-tabakk

1. L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu l-bejgħ transkonfinali mill-bogħod ta' prodotti tat-tabakk lill-konsumaturi. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jipprojbixxu tali bejgħ. L-istabbilimenti tal-bejgħ bl-innut involuti fil-bejgħ transkonfinali mill-bogħod ta' prodotti tat-tabakk ma jistgħux ifornu tali prodotti lill-konsumaturi fl-Istati Membri fejn tali bejgħ għie pprojbit. L-Istati Membri li ma jipprojbixxux tali bejgħ għandhom jeħtieġu lill-istabbilimenti tal-bejgħ bl-innut li biħsiebhom jinvolvu ruħhom f'bejgħ transkonfinali mill-bogħod lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni li jirreġistraw mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn l-istabbiliment tal-bejgħ bl-innut ikun stabbilit u fl-Istat Membru fejn jinsabu l-konsumaturi attwali jew potenzjali. Stabbilimenti tal-bejgħ bl-innut stabbiliti barra l-Unjoni għandhom ikunu mitluba jirreġistraw mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn jinsabu l-konsumaturi attwali jew potenzjali. L-istabbilimenti kollha tal-bejgħ bl-innut li biħsiebhom jinvolvu ruħhom fil-bejgħ transkonfinali mill-bogħod għandhom jippreżentaw tal-anqas din l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti meta jirreġistraw:

- (a) l-isem jew l-isem korporattiv u l-indirizz permanenti tal-post tal-attività minn fejn il-prodotti tat-tabakk ser jiġu fornuti;
- (b) id-data ta' meta bdiet l-attività li qed toffri l-prodotti tat-tabakk għall-bejgħ transkonfinali mill-bogħod lill-konsumaturi permezz tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, kif definit fil-punt 2 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34/KE;
- (c) l-indirizz tal-websajt jew websajts użati għal dak l-iskop u l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex tkun identifikata l-websajt.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom aċċess għal-lista tal-istabbilimenti kollha tal-bejgħ bl-innut reġistrati magħhom. Meta jagħmlu dik il-lista disponibbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli u s-salvagwardji stipulati fid-Direttiva 95/46/KE jiġu sodisfatti. L-istabbilimenti tal-bejgħ bl-innut jistgħu jibdeu iqiegħdu fis-suq prodotti tat-tabakk permezz ta' bejgħ transkonfinali mill-bogħod meta jirċievu l-konferma tar-reġistrazzjoni tagħhom mal-awtorità kompetenti rilevanti.

3. L-Istati Membri tad-destinazzjoni ta' prodotti tat-tabakk mibjugħa permezz ta' bejgħ transkonfinali mill-bogħod jistgħu jesiġu li stabbiliment tal-bejgħ bl-innut supplenti jinnomina persuna fiżika li tkun responsabbli biex tivverifika — qabel il-prodotti tat-tabakk jilhq lill-konsumatur — li dawn jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, jekk tali verifika hija neċessarja sabiex tiżgura l-konformità u tiffaċilita l-infurzar.

4. L-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut involuti f'bejgħ transkonfinali mill-bogħod għandhom joperaw sistema ta' verifika tal-età, li tivverifika fil-mument tal-bejgħ, li l-konsumatur li qed jixtri jikkonforma mar-rekwiżiti minimi tal-età previsti fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni. L-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut jew il-persuna fiżika nominata skont il-paragrafu 3 għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru deskrizzjoni tad-dettalji tas-sistema tal-verifika tal-età u kif taħdem.

5. L-istabbilimenti tal-bejgħ għandhom jipproċessaw biss id-*data* personali tal-konsumatur skont id-Direttiva 95/46/KE u dik id-*data* ma għandhiex tiġi żvelata lill-manifattur tal-prodotti tat-tabakk jew il-kumpaniji li jiffurmaw parti mill-istess grupp ta' kumpaniji jew lil parti terza oħra. Id-*data* personali ma għandhiex tintuża jew tiġi ttrasferita għal finijiet li mhumiex ix-xiri proprju. Dan japplika wkoll jekk l-istabbiliment tal-bejgħ bl-imnut jiffirma parti minn manifattur ta' prodotti tat-tabakk.

Artikolu 19

Notifika dwar prodotti tat-tabakk ġodda

1. L-Istati Membri għandhom jesigū li l-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk ġodda jippreżentaw notifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bi kwalunkwe tali li beħsiebhom iqiegħdu fis-swieq nazzjonali kkonċernati. In-notifika għandha tkun sottomessa f'forma elettronika sitt xhur qabel it-tqegħid maħsub fis-suq. Hija għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni dettaljata tal-prodott tat-tabakk ġdid ikkonċernat kif ukoll struzzjonijiet dwar l-użu tiegħu u informazzjoni dwar l-ingredjenti u l-emissjonijiet skont l-Artikolu 5. Il-manifatturi u l-importaturi li jippreżentaw notifika ta' prodott tat-tabakk ġdid għandhom ukoll jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bi:

- (a) l-istudji xjentifiċi disponibbli dwar it-tossiċità, l-effett tad-dipendenza u l-attrazzjoni tal-prodott tat-tabakk ġdid, b'mod partikolari fir-rigward tal-ingredjenti u l-emissjonijiet tiegħu;
- (b) l-istudji disponibbli, it-taqsiriet eżekuttivi tagħhom u r-riċerka dwar is-suq fuq il-preferenzi ta' diversi gruppi tal-konsumaturi, inklużi ż-żgħażaġh u dawk li bħalissa jpejpu;
- (c) informazzjoni oħra disponibbli u relevanti, inkluża l-analiżi riskju/benefiċċju tal-prodott, l-effetti mistennija tiegħu fuq il-waqfien tal-konsum tat-tabakk, l-effetti mistennija tiegħu fuq il-bidu tal-konsum tat-tabakk u perċezzjoni tal-konsumatur prevista.

2. L-Istati Membri għandhom jesigū li l-manifatturi u l-importaturi ta' prodotti tat-tabakk ġodda jibagħtu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom kwalunkwe informazzjoni ġdida jew aġġornata dwar l-istudji, ir-riċerka u informazzjoni oħra msemmija fil-punti (a) sa (c) fil-paragrafu 1. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu lill-manifatturi jew l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk ġodda li jwettqu testijiet addizzjonali jew jissottomettu informazzjoni addizzjonali. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li jirċievu skont dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu sistema għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti tat-tabakk ġodda. L-Istati Membri jistgħu jimponu tariffi proporzjonati lill-manifatturi u l-importaturi għal dik l-awtorizzazzjoni.

4. Prodotti tat-tabakk ġodda imqiegħda fis-suq għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Liema mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva japplikaw għall-prodotti tat-tabakk ġodda tiddependi fuq jekk dawn il-prodotti ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx jew ta' prodott tat-tabakk għat-tipjip.

TITOLU III

SIGARETTI ELETTRONIĊI U PRODOTTI ERBALI GĤAT-TIPJIP

Artikolu 20

Sigaretti elettroniċi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika jitqiegħdu fis-suq biss jekk jikkonformaw ma' din id-Direttiva u mal-leġiżlazzjoni l-oħra kollha rilevanti tal-Unjoni.

Din id-Direttiva ma tapplikax għal sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika li huma soġġetti għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni skont id-Direttiva 2001/83/KE jew għar-rekwiżiti mniżżlin fid-Direttiva 93/42/KEE.

2. Il-manifatturi u l-importaturi tas-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika għandhom jippreżentaw notifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar tali prodotti li biħsiebhom iqiegħdu fis-suq. In-notifika għandha tingħata f'għamla elettronika sitt xhur qabel it-tqegħid intenzjonat fis-suq. Għal sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika li diġà qiegħdin fis-suq fl-20 ta' Mejju 2016, in-notifika għandha tingħata fi żmien sitt xhur minn dik id-data. Għandha tingħata notifika għdida għal kull bidla sostanzjali tal-prodott.

In-notifika għandha, skont jekk il-prodott ikunx sigarett elettroniku jew kontenitur ta' rikarika, tinkludi t-tagħrif li ġej:

- (a) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-manifattur, persuna ġuridika jew fiżika responsabbli fl-Unjoni, u, jekk applikabbli, l-importatur fl-Unjoni;
- (b) lista tal-ingredjenti kollha li fih il-prodott u l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-użu tiegħu, skont l-isem tad-ditta u t-tip, inklużi l-kwantitajiet tagħhom;
- (c) *data* tossikoloġika dwar l-ingredjenti u l-emissjonijiet tal-prodott, inkluż meta jissaħħnu, b'referenza partikolari għall-effetti tagħhom fuq is-saħħa tal-konsumaturi meta jingħidu man-nifs u b'qies ta', fost l-oħrajn, kwalunkwe effett ta' dipendenza;
- (d) tagħrif dwar id-dożaġġ u l-ammont assorbit tan-nikotina meta kkunsmata taħt kondizzjonijiet normali jew li jistgħu jiġu raġonevolment previsti;
- (e) deskrizzjoni tal-komponenti tal-prodott; inkluż, fejn applikabbli, il-mekkaniżmu ta' ftuħ u mili mill-ġdid tas-sigarett elettroniku jew tal-kontenituri ta' rikarika;
- (f) deskrizzjoni tal-proċess ta' produzzjoni, inkluż jekk dan jinvolvi produzzjoni ta' serje u dikjarazzjoni li l-proċess ta' produzzjoni jiżgura konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu;
- (g) dikjarazzjoni li l-manifattur jew l-importatur iġorru r-responsabbiltà sħiħa għall-kwalità u s-sigurtà tal-prodott, meta jitqiegħed fis-suq u jintuża taħt kondizzjonijiet normali jew li jistgħu jiġu previsti raġonevolment.

Meta l-Istati Membri jqisu li l-informazzjoni ppreżentata ma tkunx kompleta, huma għandhom id-dritt jitolbu li l-informazzjoni kkonċernata tiġi kompluta.

L-Istati Membri jistgħu jimponu tariffi proporzjonati fuq il-manifatturi u importaturi tal-prodotti tat-tabakk biex jirċievu, jaħżnu, jimmaniġġaw u janalizzaw l-informazzjoni mibgħuta lilhom.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) likwidu li fih in-nikotina jitqiegħed fis-suq biss f'kontenituri ta' rikarika apposta li ma jaqbżux volum ta' 10 ml, f'sigaretti elettroniċi li jistgħu jintremew jew fi stoċċijiet li jintużaw darba u li l-istoċċijiet jew tankijiet ma jaqbżux volum ta' 2 ml;
- (b) il-likwidu li fih in-nikotina ma jkunx fih aktar minn 20mg/ml nikotina;
- (c) il-likwidu li fih in-nikotina ma jkunx fih addittivi elenkati fl-Artikolu 7(6);
- (d) ingredjenti ta' purità għolja biss jintużaw fil-manifattura tal-likwidu li fih in-nikotina. Sustanzi għajr l-ingredjenti msemmijin fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jkunu preżenti biss fil-likwidu li fih in-nikotina flivelli ta' traċċi, jekk tali traċċi teknikament ma jkunux jistgħu jiġu evitati waqt il-manifattura;

- (e) ħlief għan-nikotina, fil-likwidu li fih in-nikotina jintużaw biss ingredjenti li mhumiex ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem f'forma msaħħna jew mhux msaħħna;
- (f) is-sigaretti elettroniċi jagħtu d-dożi ta' nikotina flivelli konsistenti taħt kondizzjonijiet normali ta' użu;
- (g) ikun impossibbli li s-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika jintmessu mit-tfal jew li jsir tbagħbis fihom; jkunu mħarsa kontra ksor u tnixxija u jkollhom mekkaniżmu li jiżgura li jintlew mill-ġdid mingħajr tnixxija.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) il-pakketti individwali ta' sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika jinkludu fuljett b'informazzjoni dwar:
 - (i) struzzjonijiet ta' tagħrif għall-użu u l-ħżin tal-prodott, inkluż referenza li l-prodott mhux rakkomandat għall-użu miż-żgħażaġh u dawk li ma jpejpux;
 - (ii) kontraindikazzjonijiet;
 - (iii) twissijiet għal gruppi speċifiċi ta' riskju;
 - (iv) effetti negattivi possibbli;
 - (v) l-effett ta' dipendenza u t-tossiċità; u
 - (vi) dettalji ta' kuntatt tal-manifattur jew importatur u persuna ta' kuntatt ġuridika jew fiżika fl-Unjoni;
- (b) il-pakketti individwali u kwalunkwe ippakkjar estern tas-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika:
 - (i) jinkludu lista tal-ingredjenti kollha li fih il-prodott f'ordni mill-aktar li għandu piż għall-anqas wieħed, u indikazzjoni tal-kontenut tan-nikotina tal-prodott u l-ammont f'kull doża, in-numru tal-lott u rakkomandazzjoni biex il-prodott jinżamm 'il bogħod mit-tfal;
 - (ii) mingħajr preġudizzju għall-punt (i) ta' dan il-punt, ma jinkludux elementi jew karatteristiċi msemmin fl-Artikolu 13, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(1)(a) u (c) li jirrigwarda l-informazzjoni dwar il-kontenut tan-nikotina u dwar aromi; u
 - (iii) iġorru waħda mit-twissijiet ta' saħħa li ġejjin:

“Dan il-prodott fih in-nikotina li hija sustanza li tista' faċilment twassal għad-dipendenza. Mhuwiex rakkomandat għall-użu minn persuni li ma jpejpux.”

jew

“Dan il-prodott fih in-nikotina li hija sustanza li tista' faċilment twassal għad-dipendenza.”

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw liema minn dawn it-twissijiet tas-saħħa għandhom jintużaw;

- (c) it-twissijiet tas-saħha jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 12(2).

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) komunikazzjonijiet kummerċjali fis-servizzi tas-Soċjeta' tal-Infommazzjoni, fl-istampa u pubblikazzjonijiet stampati oħrajn, bil-għan jew l-effett dirett jew indirett tal-promozzjoni ta' sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika jkunu pprojbiti, bl-eċċezzjoni ta' pubblikazzjonijiet li huma maħsuba esklussivament għal professjonisti fil-kummerċ tas-sigaretti elettroniċi jew il-kontenituri ta' rikarika u għal pubblikazzjonijiet li jiġu stampati u ppubblikati fpajjiżi terzi, meta dawk il-pubblikazzjonijiet ma jkunux maħsuba prinċipalment għas-suq tal-Unjoni;
- (b) komunikazzjonijiet kummerċjali fuq ir-radju, bil-għan jew l-effett dirett jew indirett tal-promozzjoni ta' sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika jiġu pprojbiti;

- (c) kwalunkwe forma ta' kontribut pubbliku jew privat għal programmi tar-radju bil-għan jew l-effett dirett jew indirett tal-promozzjoni ta' sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika jiġu pprojbit;
- (d) kwalunkwe forma ta' kontribut pubbliku jew privat lil kwalunkwe avveniment, attività jew persuna individwali bil-għan jew l-effett dirett jew indirett tal-promozzjoni ta' sigaretti elettroniċi jew kontenituri ta' rikarika u li jinvolvi jew isir f'diversi Stati Membri jew li nkella jkollu effetti transkonfinali jkun ipprojbit;
- (e) komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li għalihom tapplika d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ jkunu pprojbiti għas-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika.

6. L-Artikolu 18 ta' din id-Direttiva għandu japplika għall-bejgħ transkonfinali mill-bogħod ta' sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika.

7. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-manifatturi u l-importaturi ta' sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika jippreżentaw kull sena lill-awtoritajiet kompetenti:

- (i) *data* komprensiva dwar il-volumi tal-bejgħ, skont l-isem tad-ditta u t-tip tal-prodott;
- (ii) informazzjoni dwar il-preferenzi ta' diversi gruppi ta' konsumaturi, inklużi ż-żgħażaġh, il-persuni li ma jpejpu u tipi ewlenin ta' utenti attwali;
- (iii) il-mod kif qed jinbiegħu l-prodotti; u
- (iv) taqsiriet eżekuttivi ta' kwalunkwe stħarriġ tas-suq li jkun sar dwar dak imsemmi hawn fuq, inkluża traduzzjoni bl-Ingliż tiegħu.

L-Istati Membri għandhom jissorveljaw l-iżviluppi tas-suq li jikkonċernaw is-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika, inkluż kwalunkwe evidenza li l-użu tagħhom iservi bħala l-ewwel pass għall-vizzju tat-tabakk u fl-aħħar għall-konsum tradizzjonali tat-tabakk fost iż-żgħażaġh u l-persuni li ma jpejpu.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni riċevuta skont il-paragrafu 2 tkun disponibbli għall-pubbliku fuq websajt. L-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-ħtieġa li jiġu protetti s-sigrietijiet kummerċjali meta jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

L-Istati Membri għandhom, fuq talba, jagħmlu l-informazzjoni kollha riċevuta skont dan l-Artikolu disponibbli lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li s-sigrietijiet kummerċjali u informazzjoni kunfidenzjali oħra jiġu trattati b'mod kunfidenzjali.

9. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri ta' sigaretti elettroniċi u kontenitur ta' rikarika jistabbilixxu u jżommu sistema biex tinġabar informazzjoni dwar l-effetti negattivi suspettati kollha fuq is-saħħa tal-bniedem ta' dawn il-prodotti.

Jekk wieħed minn dawn l-operaturi ekonomiċi jkis jew għandu raġuni għaliex jemmnen li s-sigaretti elettroniċi jew il-kontenituri ta' rikarika, li jkunu fil-pussess tagħhom u li jkunu maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-suq, ma jkunux sikuri jew ta' kwalità għolja jew, b'mod ieħor, ma jkunux f'konformità ma' din id-Direttiva, dak l-operatur ekonomiku għandu immedjatament jieħu l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex dak il-prodott ikkonċernat isir konformi ma' din id-Direttiva, biex jirtirah jew jerġa' jiġbru, kif xieraq. F'każijiet bħal dawn l-operatur ekonomiku għandu wkoll jintalab jgħarraf immedjatament lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri li fihom isir disponibbli l-prodott jew maħsub li jsir disponibbli, filwaqt li jagħti dettalji, partikolarment, tar-riskju għas-saħħa tal-bniedem u s-sikurezza u ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva li tkun ittieħdet, u tar-riżultati ta' din l-azzjoni korrettiva.

L-Istati Membri jistgħu jitolbu wkoll aktar informazzjoni mill-operaturi ekonomiċi, pereżempju dwar l-aspetti ta' sikurezza u kwalità jew kwalunkwe effett negattiv tas-sigaretti elettroniċi jew tal-kontenituri ta' rikarika.

10. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riskji potenzjali għas-saħħa pubblika assoċjati mal-użu ta' sigaretti elettroniċi sal-20 ta' Mejju 2016 u meta xieraq wara dan.

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

11. Fil-każ ta' sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu, fejn awtorità kompetenti taċċerta jew ikollha raġunijiet raġonevoli biex temmen li sigaretti elettroniċi jew kontenituri ta' rikarika speċifiċi, jew tip ta' sigaretti elettroniċi jew kontenituri ta' rikarika, jistgħu jippreżentaw riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, hija tista' tiegħu miżuri proviżorji xierqa. Hija għandha tinforma immedjatament lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra dwar il-miżuri li ttehd u għandhom jikkomunikaw kwalunkwe *data* ta' sostenn. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, kemm jista' jkun malajr wara li tkun irċeviet dik l-informazzjoni, jekk il-miżura proviżorja tkunx ġustifikata. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat dwar il-konklużjonijiet tagħha biex tippermetti lill-Istat Membru jieħu miżuri ta' segwitu xierqa.

Fejn, fl-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, it-tqegħid fis-suq ta' tip ta' sigaretti elettroniċi jew kontenituri ta' rikarika speċifiċi, jew tip ta' sigaretti elettroniċi jew kontenituri ta' rikarika jkun ġie pprojbit għal raġunijiet ġustifikata f'mill-inqas tliet Stati Membri, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 27 biex tali projbizzjoni tiġi estiża għall-Istati Membri kollha, jekk tali estensjoni tkun ġustifikata u proporzjonata.

12. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex tadatta l-kliem tat-twissijiet tas-saħħa fil-paragrafu 4(b) ta' dan l-Artikolu. Meta tadatta dik it-twissija tas-saħħa, il-Kummissjoni għandha tiżgura li hija fattwali.

13. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi format komuni għan-notifika prevista fil-paragrafu 2 u l-istandards tekniċi għall-mekkaniżmu ta' rikarika previst fil-paragrafu 3(g).

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(2).

Artikolu 21

Prodotti erbali għat-tipjip

1. Kull pakkett individwali u kull ippakkjar estern tal-prodotti erbali għat-tipjip għandhom juru t-twissija tas-saħħa li ġejja:

"It-tipjip ta' dan il-prodott jagħmel ħsara lil saħħtek."

2. It-twissija tas-saħħa għandha tkun stampata fuq il-wiċċ u d-dahar esterni tal-pakkett individwali, u fuq kull ippakkjar estern.

3. It-twissija tas-saħħa għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9(4). Din għandha tkopri 30 % tal-erja tal-wiċċ korrispondenti tal-pakkett individwali u ta' kull ippakkjar estern. Dak il-proporzjon għandu jiżjed għal 32 % għall-Istati Membri b'żewġ ilsna uffiċjali u għal 35 % għall-Istati Membri b'aktar minn żewġ ilsna uffiċjali.

4. Il-pakketti individwali u kull ippakkjar estern tal-prodotti erbali għat-tipjip ma għandhom jinkludu l-ebda element jew karatteristika stipulata fl-Artikolu 13(1)(a), (b) u (d) u ma għandhomx jiddikjaraw li l-prodott huwa ħieles minn addittivi jew aromi.

Artikolu 22

Rappurtar ta' ingredjenti ta' prodotti erbali għat-tipjip

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti erbali għat-tipjip jibagħtu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom lista tal-ingredjenti kollha, u l-kwantitajiet tagħhom, li huma użati fil-manifattura ta' tali prodotti skont l-isem tad-ditta u t-tip. Il-manifatturi jew l-importaturi għandhom jinformat ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati meta l-kompożizzjoni ta' prodott tiġi modifikata b'mod li taffettwa l-informazzjoni ppreżentata skont dan l-Artikolu. L-informazzjoni meħtieġa skont dan l-Artikolu għandha tiġi ppreżentata qabel it-tqegħid fis-suq ta' prodott erbali ġdid jew modifikat għat-tipjip.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni ppreżentata skont il-paragrafu 1 tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali fuq websajt. L-Istati Membri għandhom jieħdu kont kif xieraq tal-ħtieġa li jipproteġu s-sigriet kummerċjali meta jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. L-operaturi ekonomiċi għandhom jispeċifikaw eżatt liema informazzjoni huma jqisu li tikkostitwixxi sigriet kummerċjali.

TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJET FINALI*Artikolu 23***Kooperazzjoni u infurzar**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi u l-importaturi tat-tabakk u ta' prodotti relatati jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri b'informazzjoni sħiħa u korretta mitluba skont din id-Direttiva u fil-limiti ta' żmien stabbiliti fiha. L-obbligu li jipprovdu l-informazzjoni mitluba hu primarjament tal-manifattur, jekk il-manifattur hu stabbilit fl-Unjoni. L-obbligu li tingħata l-informazzjoni mitluba għandu jkun primarjament tal-importatur, jekk il-manifattur huwa stabbilit barra l-Unjoni u l-importatur huwa stabbilit ġewwa l-Unjoni. L-obbligu li tingħata l-informazzjoni mitluba għandu jkun tal-manifattur u tal-importatur flimkien jekk it-tnejn li huma huma stabbiliti barra l-Unjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi t-tabakk u l-prodotti relatati li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva, inklużi l-implimentazzjoni u l-atti ddelegati previsti hemmhekk, ma jitqegħdux fis-suq. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li prodotti tat-tabakk u prodotti relatati ma jitqegħdux fis-suq jekk ma jkunx hemm konformità mal-obbligi ta' rapportar li jinsabu f'din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li dawn il-pieni jiġu infurzati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Kwalunkwe piena amministrattiva finanzjarja li tista' tiġi imposta bħala riżultat ta' ksur intenzjonat tista' tkun tali li tinnewtralizza l-vantaġġ ekonomiku mfittex permezz tal-ksur.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni sabiex jiżguraw l-applikazzjoni korretta u l-infurzar kif mistħoqq ta' din id-Direttiva u għandhom jibagħtu lil xulxin l-informazzjoni kollha meħtieġa biex din id-Direttiva tiġi applikata b'mod uniformi.

*Artikolu 24***Moviment liberu**

1. L-Istati Membri ma jistgħux, għal konsiderazzjonijiet marbutin ma' aspetti regolati minn din id-Direttiva, u soġġett għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, jipprojbixxu jew jirrestrinġu t-tqegħid fis-suq ta' tabakk jew prodotti relatati li jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tolgot id-dritt ta' Stat Membru li jżomm jew jintroduċi aktar rekwiżiti, applikabbli għall-prodotti kollha li jitqiegħdu fis-suq tiegħu, frabta mal-istandardizzazzjoni tal-pakketti ta' prodotti tat-tabakk, fejn ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, filwaqt li jitqies il-livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem li nkiseb permezz ta' din id-Direttiva. Tali dispożizzjonijiet għandhom ikunu proporzjonati u m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrara jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Dawk il-miżuri għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni flimkien mar-raġunijiet għaż-żamma jew l-introduzzjoni tagħhom.

3. Stat Membru jista' wkoll jipprojbixxi ċerti kategoriji ta' prodotti tat-tabakk jew relatati miegħu, abbażi tas-sitwazzjoni speċifika f'dak l-Istat Membru u dment li d-dispożizzjonijiet huma ġustifikati mill-bżonn li tiġi protetta s-saħħa pubblika b'kont meħud tal-livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem miksub b'din id-Direttiva. Dispożizzjonijiet nazzjonali bħal dawn għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni flimkien mar-raġunijiet tal-introduzzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur mid-data li tirċievi n-notifika prevista f'dan il-paragrafu, tapprova jew tirtirifuta d-dispożizzjonijiet nazzjonali wara li tkun ivverifikat, filwaqt li ħadet inkonsiderazzjoni l-livell għoli tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem miksuba permezz ta' din id-Direttiva, jekk humiex ġustifikati, meħtieġa u proporzjonati jew le għall-għan tagħhom u jekk humiex mezz ta' diskriminazzjoni arbitrara jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Fin-nuqqas ta' deċizzjoni mill-Kummissjoni matul il-perijodu ta' sitt xhur, id-dispożizzjonijiet nazzjonali għandhom ikunu meqjusa bħala approvati.

*Artikolu 25***Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Meta l-opinjoni tal-kumitat trid tinkiseb bi proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tiġi tterminata mingħajr riżultat meta, fil-perjodu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza sempliċi ta' membri tal-kumitat jitolbu hekk.
4. Meta l-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 26***Awtoritajiet kompetenti**

L-Istati Membri għandhom jinnominaw lill-awtoritajiet kompetenti li għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-obbligi previsti f'din id-Direttiva fi żmien tliet xhur mill-20 ta' Mejju 2016. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-identità tal-awtoritajiet maħtura. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dan it-tagħrif f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 27***Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħat biex jiġu adottati l-atti ddelegati msemmijin fl-Artikoli 3(2) u (4), 4(3) u (5), 7(5), (11) u (12), 9(5), 10(3), 11(6), 12(3), 15(12), 20(11) u (12) għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-19 ta' Mejju 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' tul identiku, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 3(2) u (4), 4(3) u (5), 7(5), (11) u (12), 9(5), 10(3), 11(6), 12(3), 15(12), 20(11) u (12) jistgħu jiġu revokati fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta l-att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat adottati skont l-Artikoli 3(2) u (4), 4(3) u (5), 7(5), (11) u (12), 9(5), 10(3), 11(6), 12(3), 15(12), 20(11) u (12) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni espressa mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew jekk, qabel jispiċċa dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li ma joġġezzjonawx. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 28

Rapport

1. Mhux aktar tard minn ħames snin mill-20 ta' Mejju 2016, u kull meta jkun meħtieġ wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Meta tabbozza r-rapport, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn esperti xjentifiċi u tekniċi sabiex tikseb l-informazzjoni kollha neċessarja għad-dispożizzjoni tagħha.

2. Fir-rapport, il-Kummissjoni għandha tindika, b'mod partikolari, l-elementi tad-Direttiva li għandhom jiġu riveduti jew adattati fid-dawl tal-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi, inkluż l-iżvilupp ta' regoli miftehma internazzjonalment u standards dwar it-tabakk u prodotti relatati. Il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċjali lil:

- (a) l-esperjenza miksuba fir-rigward tad-disinn tal-uċuħ tal-pakkett mhux regolati b'din id-Direttiva li tiegħu kont tal-iżviluppi nazzjonali, internazzjonali, legali, ekonomiċi u xjentifiċi;
- (b) l-iżviluppi tas-suq li jikkonċernaw prodotti tat-tabakk ġodda li jieħdu inkonsiderazzjoni, *inter alia*, in-notifiki li jkunu waslu skont l-Artikolu 19;
- (c) l-iżviluppi tas-suq li jikkostitwixxu bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi;
- (d) il-fattibilità, il-benefiċċji u l-impatt possibbli ta' sistema Ewropea għar-regolamentazzjoni tal-ingredjenti użati fil-prodotti tat-tabakk, inkluż l-istabbiliment, fil-livell tal-Unjoni, ta' lista ta' ingredjenti li tista' tintuża jew tkun preżenti fi, jew miżjuda ma' prodotti tat-tabakk, filwaqt li titqies, *inter alia*, l-informazzjoni miġbura skont l-Artikoli 5 u 6;
- (e) l-iżviluppi tas-suq li jikkonċernaw is-sigaretti b'dijametru ta' inqas minn 7,5 mm, u l-perċezzjoni tal-konsumatur ta' kemm jagħmlu ħsara kif ukoll tan-natura qarrieqa ta' dawn is-sigaretti;
- (f) il-fattibilità, il-benefiċċji u l-impatt possibbli ta' bażi ta' *data* tal-Unjoni li jkun fiha l-informazzjoni miġbura dwar l-ingredjenti u l-emissjonijiet mill-prodotti tat-tabakk skont Artikoli 5 u 6;
- (g) żviluppi tas-suq li jikkonċernaw is-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika filwaqt li titqies, fost l-oħrajn, informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 20, inkluż dwar il-bidu tal-konsum ta' tali prodotti miż-żgħażaġħ u persuni li ma jpejpux u l-impatti ta' tali prodotti fuq sforzi ta' waqfien kif ukoll miżuri li jkunu ttieħdu mill-Istati Membri dwar it-togħmiet;
- (h) żviluppi tas-suq u preferenzi tal-konsumaturi dwar tabakk tal-pipi tal-ilma, b'attenzjoni partikolari fuq it-togħmiet tiegħu.

L-Istati Membri għandhom jassistu lill-Kummissjoni u jipprovdu l-informazzjoni disponibbli kollha għat-twettiq tal-valutazzjoni u t-tnejja tar-rapport.

3. Ir-rapport għandu jiġi segwit minn proposti li jemendaw din id-Direttiva, li l-Kummissjoni tqis meħtieġa biex tadattah — sal-punt meħtieġ għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern — għall-iżviluppi fil-qasam tat-tabakk u l-prodotti konnessi, u biex jingħata kont ta' żviluppi ġodda bbażati fuq fatti xjentifiċi u żviluppi dwar standards għat-tabakk u għall-prodotti relatati miftiehma internazzjonalment.

Artikolu 29

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-20 ta' Mejju 2016. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-20 ta' Mejju 2016, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7(14), 10(1)(e), 15(13) u 16(3).

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom riferenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati bit-tali riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Dawn għandhom jinkludu dikjarazzjoni li r-referenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttiva mħassra b'din id-Direttiva għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif issir tali referenza u kif għandha tiġi fformulata dik id-dikjarazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jaddottaw fil-qasam regolat minn din id-Direttiva.

Artikolu 30

Dispożizzjoni transitorji

L-Istati Membri jistgħu jippermettu l-prodotti li ġejjin, li mhumiex konformi ma' din id-Direttiva, biex jitqiegħdu fis-suq sal-20 ta' Mejju 2017:

- (a) prodotti tat-tabakk manifatturati jew rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera u ttikkettati skont id-Direttiva 2001/37/KE qabel l-20 ta' Mejju 2016;
- (b) sigaretti elettroniċi jew kontenituri ta' rikarika manifatturati jew rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera qabel l-20 ta' Novembru 2016;
- (c) prodotti erbali għat-tipjip manifatturati jew rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera qabel l-20 ta' Mejju 2016.

Artikolu 31

Tħassir

Id-Direttiva 2001/37/KE titħassar b'effett mill-20 ta' Mejju 2016, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri dwar il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva fil-liġi nazzjonali.

Referenzi magħmula għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III għal din id-Direttiva.

Artikolu 32

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 33

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2014.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

D. KOURKOULAS

ANNEX I

LISTA TA' TWISSIJET BIL-MIKTUB
(imsemmija fl-Artikolu 10 u fl-Artikolu 11(1))

- (1) It-tipjip jikkawża 9 minn 10 każijiet ta' kanċer fil-pulmun
 - (2) It-tipjip jikkawża kanċer fil-ħalq u fil-gerżuma
 - (3) It-tipjip jagħmel ħsara fil-pulmuni
 - (4) It-tipjip jikkawża l-attakki tal-qalb
 - (5) It-tipjip jikkawża attakki ta' puplesija u diżabilità
 - (6) It-tipjip isoddlok l-arterji
 - (7) It-tipjip iżidlek ir-riskju li tagħma
 - (8) It-tipjip iħassarlek snienek u l-ħanek
 - (9) It-tipjip jista' joqtol it-tarbija tiegħek qabel it-twelid
 - (10) It-tipjip tiegħek jagħmel ħsara lil uliedek, familtek u ħbiebek
 - (11) It-tfal ta' min ipejjepep għandhom possibiltà akbar li jibdeu ipejpu wkoll
 - (12) Aqta' t-tipjip issa — ibqa' ħaj għal dawk li tħobb
 - (13) It-tipjip inaqqas il-fertiltà
 - (14) It-tipjip iżid ir-riskju ta' impotenza
-

ANNEX II

LIBRERIJA TA' STAMPI

(IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 10(1))**[Għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(3)(b).]**

ANNEX III

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Direttiva 2001/37/KE | Din id-Direttiva |
|-------------------------------------|--|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3(1) | Artikolu 3(1) |
| Artikolu 3(2) u (3) | — |
| Artikolu 4(1) | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 4(2) | Artikolu 4(2) |
| Artikolu 4(3) sa (5) | — |
| Artikolu 5(1) | — |
| Artikolu 5(2) punt (a) | Artikolu 9(1) |
| Artikolu 5(2) punt (b) | Artikolu 10(1) punt (a) u 10(2), Artikolu 11(1) |
| Artikolu 5(3) | Artikolu 10(1) |
| Artikolu 5(4) | Artikolu 12 |
| Artikolu 5(5) l-ewwel subparagrafu | Artikolu 9(3) il-ħames subparagrafu Artikolu 11(2) u (3) u Artikolu 12(2) punt (b) |
| Artikolu 5(5) it-tieni subparagrafu | Artikolu 11(4), |
| Artikolu 5(6) punt (a) | Artikolu 9(4) punt (a) |
| Artikolu 5(6) punt (b) | — |
| Artikolu 5(6) punt (c) | Artikolu 9(4) punt (b) |
| Artikolu 5(6) punt (d) | Artikolu 8(6) u Artikolu 11(5) it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 5(6) punt (e) | Artikolu 8(1) |
| Artikolu 5(7) | Artikolu 8(3) u (4) |
| Artikolu 5(8) | — |

| Direttiva 2001/37/KE | Din id-Direttiva |
|--|---|
| Artikolu 5(9) l-ewwel subparagrafu | Artikolu 15(1) u (2) |
| Artikolu 5(9) it-tieni subparagrafu | Artikolu 15(11) |
| Artikolu 6(1) l-ewwel subparagrafu | Artikolu 5(1)) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 6(1) it-tieni subparagrafu | Artikolu 5(2) u (3) |
| Artikolu 6(1) it-tielet subparagrafu | — |
| Artikolu 6(2) | Artikolu 5(4) |
| Artikolu 6(3) u (4) | — |
| Artikolu 7 | Artikolu 13(1) punt (b) |
| Artikolu 8 | Artikolu 17 |
| Artikolu 9(1) | Artikolu 4(3) |
| Artikolu 9(2) | Artikolu 10(2) u (3) punt (a) |
| Artikolu 9(3) | Artikolu 16(2) |
| Artikolu 10(1) | Artikolu 25(1) |
| Artikolu 10(2) u (3) | Artikolu 25(2) |
| Artikolu 11 l-ewwel u t-tieni subparagrafi | Artikolu 28(1) l-ewwel u t-tieni subparagrafi |
| Artikolu 11 it-tielet | Artikolu 28(2) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 11 ir-raba' subparagrafu | Artikolu 28(3) |
| Artikolu 12 | — |
| Artikolu 13(1) | Artikolu 24(1) |
| Artikolu 13(2) | Artikolu 24(2) |
| Artikolu 13(3) | |
| Artikolu 14(1)) l-ewwel subparagrafu | Artikolu 29(1)) l-ewwel subparagrafu |

| Direttiva 2001/37/KE | Din id-Direttiva |
|---|--|
| Artikolu 14(1) it-tieni subparagrafu | Artikolu 29(2) |
| Artikolu 14(2) u (3) | Artikolu 30 punt (a) |
| Artikolu 14(4) | Artikolu 29(3) |
| Artikolu 15 | Artikolu 31 |
| Artikolu 16 | Artikolu 32 |
| Artikolu 17 | Artikolu 33 |
| Anness I (Lista ta' kliem ta' twissijiet tas-saħħa) | Anness I (Lista ta' twissijiet bil-miktub) |
| Annex II (Limiti ta' żmien għat-transpożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttivi) | — |
| Anness III (Tabella ta' korrelazzjoni) | Anness III (Tabella ta' korrelazzjoni) |

DIRETTIVA 2014/42/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tat-3 ta' April 2014****dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 83(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazżjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Ir-raġuni ewlenija għall-kriminalità organizzata transkonfinali, inkluża organizzazzjoni kriminali tat-tip tal-mafja, hija l-gwadann finanzarju. Bħala konsegwenza, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw il-mezzi sabiex jitraċċaw, jiffriżaw, jiggēstixxu u jikkonfiskaw ir-rikavat mill-kriminalità. Madankollu, il-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata u l-ġlieda kontriha b'mod effikaċi għandhom jinkisbu permezz tan-newtralizzazzjoni tar-rikavat mill-kriminalità u għandhom jiġu estiżi, f'ċerti każijiet, għal kwalunkwe proprjetà li tirriżulta minn attivitajiet ta' xorta kriminali.
- (2) Il-gruppi tal-kriminalità organizzata joperaw mingħajr fruntieri u qed jakkwistaw dejjem iktar assi fi Stati Membri li mhumiex ibbażati fihom u f'pajjiżi terzi. Hemm ħtieġa dejjem ikbar għal kooperazzjoni internazzjonali effettiva dwar l-irkupru tal-assi kif ukoll għal assistenza legali reċiproka.
- (3) Fost l-iktar mezzi effettivi biex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata hemm l-istabbiliment ta' konsegwenzi legali serji għat-tweqqif ta' tali reat, kif ukoll l-iskoperta effettiva u l-iffriżar u l-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavat mill-kriminalità.
- (4) Għalkemm l-istatistika eżistenti hija limitata, jidher li l-ammonti rkuprati mir-rikavat mill-kriminalità fl-Unjoni huma insuffiċjenti meta pparagunati mar-rikavat smat. Studji wrew li, għalkemm il-proċeduri ta' konfiska huma rregolati mil-liġi tal-UE u dik nazżjonali, dawn għandhom mhux użati biżżejjed.
- (5) L-adozzjoni ta' regoli minimi ser tqarreb iktar is-sistemi ta' ffrizjar u ta' konfiska tal-Istati Membri, u b'hekk tiffaċilita l-fiduċja reċiproka u l-kooperazzjoni transkonfinali effettiva.

⁽¹⁾ ĠU C 299, 4.10.2012, p. 128.

⁽²⁾ ĠU C 391, 18.12.2012, p. 134.

⁽³⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Frar 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2014.

- (6) Il-Programm ta' Stokkolma u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni dwar il-konfiska u l-irkupru tal-assi, li kienu adottati f'Ġunju 2010, jenfazzaw l-importanza li l-identifikazzjoni, il-konfiska u l-użu mill-ġdid tal-assi kriminali jkunu iktar effikaċi.
- (7) Il-qafas legali attwali tal-Unjoni dwar l-iffriżar, is-sekwestru u l-konfiska tal-assi jikkonsisti ⁽¹⁾ tal-Azzjoni Konġunta 98/699/ĠAI, mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI ⁽²⁾; id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/ĠAI ⁽³⁾; id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI ⁽⁴⁾ u d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI ⁽⁵⁾.
- (8) Ir-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet Kwadru 2003/577/ĠAI, 2005/212/ĠAI u 2006/783/ĠAI juru li s-sistemi eżistenti għall-konfiska estiża u għar-rikonoxximent reċiproku tal-ordnijiet ta' ffrizjar u ta' konfiska mhumiex effettivi għalkollox. Il-konfiska hija ostakolata minħabba differenzi bejn il-liġijiet tal-Istati Membri.
- (9) Din id-Direttiva għandha l-għan li temenda u li tespandi d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjonijiet Kwadru 2001/500/ĠAI u 2005/212/ĠAI. Dawk id-Deċiżjonijiet Kwadru għandhom jiġu parzjalment sostitwiti għall-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva.
- (10) L-Istati Membri huma liberi li jieħdu proċeduri ta' konfiska marbutin ma' każ kriminali quddiem kwalunkwe qorti kompetenti.
- (11) Jeħtieġ li jiġi ċċarat il-kunċett eżistenti ta' rikavat mill-kriminalità biex jinkludi r-rikavat dirett minn attività kriminali u l-benefiċċji indiretti kollha, inklużi l-investment mill-ġdid jew it-trasformazzjoni li jsiru sussegwentement tar-rikavat dirett. B'hekk ir-rikavat jista' jinkludi kwalunkwe proprjetà inkluża dik li ġiet ittrasformata jew ikkonvertita, kompletament jew parzjalment, fi proprjetà oħra, jew meta din tkun tħalltet ma' proprjetà akkwistata minn sorsi leġittimi, sal-valur ivvalutat tar-rikavat imħallat. Dan jista' jinkludi wkoll id-dħul jew benefiċċji oħrajn li jirriżultaw mir-rikavat tal-kriminalità, jew minn proprjetà li fiha jew biha seta' ġie ttrasformat, ikkonvertit jew imħallat tali rikavat.
- (12) Din id-Direttiva tipprevedi definizzjoni wiesgħa ta' proprjetà li tista' tkun soġġetta għal iffriżar u konfiska. Dik id-definizzjoni tinkludi dokumenti legali jew strumenti li jagħtu evidenza tat-titolu jew tal-interess f'tali proprjetà. Tali dokumenti jew strumenti jistgħu jinkludu, pereżempju, strumenti finanzjarji, jew dokumenti li jistgħu joħlqu pretensjonijiet mill-kredituri u li normalment ikunu fil-pussess tal-persuna affettwata mill-proċeduri rilevanti. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-proċeduri nazzjonali eżistenti għaż-żamma ta' dokumenti jew strumenti legali li jagħtu evidenza tat-titolu jew tal-interess fi proprjetà, hekk kif inhuma applikati mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-korpi pubbliċi kompetenti f'konformità mal-liġi nazzjonali.
- (13) L-iffriżar u l-konfiska skont din id-Direttiva huma kunċetti awtonomi, li m'għandhomx jipprevjenu lill-Istati Membri milli jimplementaw din id-Direttiva bl-użu ta' strumenti li f'konformità mal-liġi nazzjonali jitqiesu bħala sanzjonijiet jew tipi oħrajn ta' miżuri.

⁽¹⁾ Azzjoni Konġunta 98/699/ĠAI tat-3 ta' Diċembru 1998 adottata mill-Kunsill fuq il-bażi ta' Artikolu K.3 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea dwar il-money laundering, l-identifikazzjoni, ir-rintraċċar, l-iffriżar, is-sekwestru u l-konfiska ta' għodda u qligħ mill-kriminalità (ĠU L 333, 9.12.1998, p. 1).

⁽²⁾ Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità (ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1).

⁽³⁾ Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-tweqqif fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza (ĠU L 196, 2.8.2003, p. 45).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità (ĠU L 68, 15.3.2005, p. 49).

⁽⁵⁾ Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 59).

- (14) Fil-konfiska tal-mezzi strumentali u r-rikavat mill-kriminalità wara li tittieħed deċiżjoni finali minn qorti u tal-proprjetà li jkollha valur ekwivalenti għal dawk il-mezzi strumentali u dak ir-rikavat, għandu japplikalkunċett wiesa' ta' reati kriminali koperti b'din id-Direttiva. Id-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI kienet teżiġi li l-Istati Membri jippermettu li ssir il-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavat mill-kriminalità wara kundanna definitiva u jippermettu li ssir il-konfiska ta' proprjetà li l-valur tagħha jikkorrispondi għal tali mezzi strumentali jew rikavat. Dawn l-obbligi għandhom jinżammu fir-rigward ta' reati kriminali mhux koperti minn din id-Direttiva, u l-kunċett ta' rikavat kif definit f'din id-Direttiva għandu jiġi interpretat b'mod simili fir-rigward tar-reati kriminali mhux koperti minn din id-Direttiva. L-Istati Membri huma liberi li jiddefinixxu l-konfiska ta' proprjetà ta' valur ekwivalenti bħala sussidjarja jew alternattiva għal konfiska diretta, kif adatt f'konformità mal-liġi nazzjonali.
- (15) Għandu jkun possibbli li jiġu kkonfiskati l-mezzi strumentali u r-rikavat ta' kriminalità, jew il-proprjetà li l-valur tagħha jkun ekwivalenti għal tali mezzi strumentali jew rikavat mill-kriminalità, soġġett għal kundanna definitiva għal reat kriminali. Tali kundanna definitiva tista' tirriżulta wkoll minn proċedimenti *in absentia*. Meta ma jkunx possibbli li ssir konfiska abbażi ta' kundanna definitiva, madankollu f'ċerti ċirkostanzi għandu jibqa' jkun possibbli li jiġu kkonfiskati l-mezzi strumentali u r-rikavat, tal-inqas f'każijiet ta' mard jew ħarba tal-persuna suspettata jew akkużata. Madankollu, ftali każijiet ta' mard jew ħarba, l-eżistenza ta' proċedimenti *in absentia* fi Stati Membri tkun biżżejjed biex ikun hemm konformità ma' dan l-obbligu. Meta l-persuna suspettata jew akkużata tkun ħarbet, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha raġonevoli u jistgħu jirrikjedu li l-persuna kkonċernata titħarrek jew tiġi infurmata bil-proċedimenti ta' konfiska.
- (16) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, mard għandu jinftiehem bħala l-inkapaċità tal-persuna suspettata jew akkużata li tattendi l-proċedimenti kriminali għal perijodu ta' żmien itwal, u li minħabba f'hekk il-proċedimenti ma jkunux jistgħu jtkomplew f'ċirkostanzi normali. Il-persuni suspettati jew akkużati jistgħu jintalbu jagħtu prova tal-mard, pereżempju permezz ta' ċertifikat mediku, li l-qorti għandha tkun tista' tinjora jekk hija tqis li ma jkunx sodisfaċenti. Ma għandux ikun affettwat id-dritt ta' dik il-persuna li tkun rappreżentata minn avukat fil-proċedimenti.
- (17) Meta din id-Direttiva tiġi implimentata fir-rigward tal-konfiska ta' proprjetà li l-valur tagħha jkun ekwivalenti għall-mezzi strumentali, id-dispożizzjonijiet rilevanti jistgħu jkunu applikabbli fejn, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ inkwistjoni, tali miżura tkun proporzjonata, wara li jitqies partikolarment il-valur tal-mezzi strumentali kkonċernati. L-Istati Membri jistgħu wkoll jieħdu f'kunsiderazzjoni jekk u sa fejn il-persuna kkundannata tkun responsabbli għall-fatt li jkun impossibbli li ssir il-konfiska tal-mezzi strumentali.
- (18) Meta jimplementaw din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, f'każijiet eċċezzjonali, m'għandhiex tiġi ordnata l-konfiska, dment li skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali din tkun tirrappreżenta piż indebitu fuq il-persuna affettwata, fuq il-bażi li ċ-ċirkostanzi tal-każ individwali rispettiv li għandhom ikunu deċiżivi. L-Istati Membri għandhom jużaw din il-possibbiltà b'mod ristrett ħafna, u għandhom jitħallew biss jistipulaw li l-konfiska m'għandhiex tiġi ordnata f'każijiet fejn din tqiegħed lill-persuna kkonċernata f'sitwazzjoni li fiha jkun diffiċli għaliha li tgħix.
- (19) Il-gruppi kriminali jwettqu firxa wiesgħa ta' attivitajiet kriminali. Sabiex l-attivitajiet tal-kriminalità organizzata jkunu indirizzati b'mod effettiv, jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn ikun xieraq li wara kundanna kriminali issir konfiska mhux biss tal-proprjetà assoċjata ma' reat kriminali speċifiku, imma anke ta' proprjetà addizzjonali li l-qorti tiddetermina li tkun ir-rikavat ta' reati kriminali oħrajn. Dan il-metodu jissejjaħ konfiska estiża. Id-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI tippredvi tliet settijiet differenti ta' rekwiżiti minimi li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu minnhom sabiex japplikaw il-konfiska estiża. Għaldaqstant, fil-proċess ta' traspożizzjoni ta' dik id-Deċiżjoni Kwadru, l-Istati Membri għamlu għażliet differenti li rriżultaw f'kunċetti diverġenti ta' konfiska estiża fil-ġurisdizzjonijiet nazzjonali. Dik id-diverġenza tfixkel il-kooperazzjoni transkonfinali f'dak li għandu x'jaqsam ma' każijiet ta' konfiska. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu armonizzati iktar id-dispożizzjonijiet dwar il-konfiska estiża billi jiġi stabbilit standard minimu wieħed.
- (20) Meta jstabbilixxu jekk reat kriminali jistax iwassal għal benefiċċju ekonomiku, l-Istati Membri jistgħu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-*modus operandi*, pereżempju jekk xi kondizzjoni għar-reat tkun li dan twettaq fil-kuntest ta' kriminalità organizzata jew bil-ħsieb li jiġu ġġenerati profitti minn reati kriminali. Madankollu, dan ma għandux, inġenerali, jippreġudika l-possibbiltà li wieħed jirrikorri għall-konfiska estiża.

- (21) Il-konfiska estiża għandha tkun possibbli meta l-qorti tkun sodisfatta li l-proprjetà inkwistjoni tkun irriżultat minn imġiba kriminali. Dan ma jfissirx li għandu jiġi stabbilit li l-proprjetà inkwistjoni tkun irriżultat minn imġiba kriminali. L-Istati Membri jistgħu jstipulaw li, pereżempju, ikun biżżejjed li l-qorti tikkunsidra fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet jew tippreżumi b'mod raġonevoli li jkun sostanzjalment aktar probabbli li l-proprjetà inkwistjoni tkun inkisbet minn imġiba kriminali milli minn attivitajiet oħra. F'dan il-kuntest, il-qorti għandha tqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, inklużi l-fatti u l-evidenza disponibbli li abbażi tagħhom tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar il-konfiska estiża. Il-fatt li l-proprjetà tal-persuna tkun sproorzjonata mad-dħul legali tagħha jista' jkun fost dawk il-fatti li jwasslu għal konklużjoni mill-qorti li l-proprjetà tkun ġeġja minn imġiba kriminali. L-Istati Membri jistgħu jstabbilixxu wkoll rekwiżit għal ċertu perijodu ta' żmien li fih il-proprjetà tista' titqies li tkun orġinat minn imġiba kriminali.
- (22) Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi. Ma żżommx lill-Istati Membri milli jipprevedu setgħat aktar estensivi fil-liġi nazzjonali tagħhom, inkluż, pereżempju, fir-rigward tar-regoli tagħhom dwar l-evidenza.
- (23) Din id-Direttiva tapplika għar-reati kriminali li jaqgħu fl-ambitu tal-istrumenti elenkati hawnhekk. Fl-ambitu ta' dawk l-istrumenti, l-Istati Membri għandhom japplikaw konfiska estiża tal-inqas għal ċerti reati kriminali kif definiti f'din id-Direttiva.
- (24) Il-prattika li persuna suspettata jew akkużata tittrasferixxi proprjetà lil parti terza kompliċi sabiex tevita li tiġi kkonfiskata hija komuni u dejjem iktar mifruxa. Il-qafas legali attwali tal-Unjoni ma jinkludix regoli vinkolanti dwar il-konfiska tal-proprjetà trasferita lil partijiet terzi. Għalhekk, qed isir iktar meħtieġ li jkun permess li ssir il-konfiska tal-proprjetà trasferita lil jew akkwistata minn partijiet terzi. L-akkwist minn parti terza jirreferi għal sitwazzjonijiet fejn, pereżempju, il-proprjetà tkun ġiet akkwistata, direttament jew indirettament, pereżempju permezz ta' intermedjarju, mill-parti terza mingħand persuna suspettata jew akkużata, inkluż meta r-reat kriminali jkun twettaq fisimha jew għall-benefiċċju tagħha, u meta persuna akkużata ma jkollhiex proprjetà li tista' tiġi kkonfiskata. Tali konfiska għandha tkun possibbli tal-inqas f'każijiet fejn partijiet terzi kienu jafu jew suppost li kienu jafu li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien biex tiġi evitata l-konfiska, abbażi ta' fatti u ċirkostanzi konkreti, inkluż li t-trasferiment sar mingħajr ħlas jew għal ammont ferm iktar baxx mill-valur fis-suq. Ir-regoli dwar il-konfiska ta' parti terza għandhom jiġu estiżi kemm għall-persuni naturali kif ukoll dawk ġuridiċi. Fi kwalunkwe każ id-drittijiet ta' partijiet terzi *in bona fide* ma għandhomx ikunu ppreġudikati.
- (25) L-Istati Membri huma liberi li jiddefinixxu l-konfiska ta' parti terza bħala sussidjarja jew alternattiva għal konfiska diretta, kif adatt f'konformità mal-liġi nazzjonali.
- (26) Konfiska twassal għaċ-ċaħda definittiva minn proprjetà. Madankollu, il-preservazzjoni ta' proprjetà tista' tkun prerekwiżit għal konfiska u tista' tkun ta' importanza għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska. Proprjetà tiġi ppreservata permezz ta' ffriżar. Sabiex jiġi evitat li l-proprjetà tintefaqq qabel toħroġ l-ordni ta' ffriżar l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jieħdu azzjoni immedjata biex jissalvagwardjaw tali proprjetà.
- (27) Peress li proprjetà spiss tiġi ppreservata għall-finijiet ta' konfiska, l-iffriżar u l-konfiska huma marbuta mill-qrib. F'xi sistemi legali l-iffriżar għall-finijiet ta' konfiska jiqies bħala miżura ta' proċedura separata ta' natura proviżorja, li tista' tkun segwita minn ordni ta' konfiska. Mingħajr preġudizzju għas-sistemi legali nazzjonali differenti u għad-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/ĠAI, din id-Direttiva għandha tqarreb xi aspetti tas-sistemi nazzjonali tal-iffriżar għall-finijiet ta' konfiska.
- (28) Il-miżuri ta' ffriżar huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li proprjetà speċifika titqies bħala evidenza matul il-proċedimenti, dment li fl-aħħar mill-aħħar din issir disponibbli għal eżekuzzjoni effettiva tal-ordni ta' konfiska.

- (29) Fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, il-proprjetà tista' tiġi wkoll iffriżata bil-ħsieb li possibbilment tiġi restitwita sussegwentement jew biex jiġi ssalvagwardjat il-kumpens għad-danni kkawżati minn reat kriminali.
- (30) Il-persuni suspettati jew akkużati spiss jaħbu l-proprjetà sakemm idumu għaddejjin il-proċeduri kriminali. Għaldaqstant, l-ordnijiet ta' konfiska ma jkunux jistgħu jiġu eżegwiti, b'mod li dawk soġġetti għal ordnijiet ta' konfiska jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-proprjetà tagħhom wara li jkunu skontaw is-sentenza tagħhom. Għaldaqstant, jeħtieġ li jkun possibbli li jiġi ddeterminat b'mod preċiż sa fejn għandha tiġi kkonfiskata l-proprjetà anke wara kundanna definitiva għal reat kriminali, sabiex l-ordnijiet ta' konfiska jkunu jistgħu jiġu eżegwiti kompletament meta għall-bidu ma tkun ġiet identifikata l-ebda proprjetà jew il-proprjetà li tkun ġiet identifikata ma tkunx biżżejjed u l-ordni ta' konfiska tkun baqgħet ma ġietx eżegwita.
- (31) Minħabba li l-ordnijiet ta' ffrizjar joħlqu limitazzjoni fuq id-dritt għall-proprjetà, dawn il-miżuri proviżorji m'għandhomx jinżammu fis-seħħ iktar minn kemm ikun meħtieġ biex tiġi ppreservata d-disponibbiltà tal-proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement. Dan jista' jkun jeħtieġ li ssir rieżami mill-qorti sabiex jiġi żgurat li l-għan li l-proprjetà ma tintefaqx ikun għadu validu.
- (32) Il-proprjetà ffrizjata fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement għandha tkun ġestita b'mod adegwat sabiex ma titlifx il-valur ekonomiku tagħha. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, inkluż il-possibbiltà tal-bejgħ jew it-trasferiment tal-proprjetà, sabiex inaqqsu kemm jista' jkun it-telf ta' din ix-xorta. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri rilevanti, pereżempju l-istabiliment ta' Uffiċċji tal-Immaniġġar tal-Assi nazzjonali u ċentralizzati, grupp ta' uffiċċji speċjalizzati jew mekkaniżmi ekwivalenti sabiex jimmaniġġaw b'mod effettiv l-assi ffrizjati qabel il-konfiska u jippreservaw il-valur tagħhom, sakemm tittieħed deċiżjoni mill-qorti.
- (33) Din id-Direttiva taffettwa b'mod sostanzjali d-drittijiet tal-persuni, mhux biss ta' dawk suspettati jew akkużati iżda anke ta' partijiet terzi li ma jkunux qed jitrejssqu quddiem il-qorti. Għaldaqstant huwa meħtieġ li jkun hemm salvagwardji u rimedji ġudizzjarji speċifiċi sabiex jiġi ggarantit il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tagħhom meta ssir l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Dan jinkludi d-dritt li jinstemgħu għall-partijiet terzi li jiddikjaraw li huma s-sidien tal-proprjetà kkonċernata, jew li jiddikjaraw li jkollhom drittijiet oħra ta' proprjetà ("drittijiet reali", "*ius in re*"), bħad-dritt ta' użufrutt. L-ordni ta' ffrizjar għandha tiġi kkomunikata lill-persuna affettwata kemm jista' jkun malajr wara li tiġi eżegwita. Minkejja dan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipposponu l-komunikazzjoni ta' tali ordnijiet lill-persuna affettwata minħabba l-ħtiġijiet tal-investigazzjoni.
- (34) L-għan tal-komunikazzjoni tal-ordni ta' ffrizjar huwa, fost l-oħrajn, li l-persuna affettwata tkun tista' tikkontesta l-ordni. Għalhekk, tali komunikazzjoni għandha tindika, għallinqas fil-qosor, ir-raġuni jew raġunijiet li għalihom ittieħdet l-ordni kkonċernata, filwaqt li jinftiehem li tali indikazzjoni tista' tkun konċiża ferm.
- (35) L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jieħdu miżuri li jippermettu li l-proprjetà konfiskata tintuża għall-interess pubbliku u għall-finijiet soċjali. Tali miżuri jistgħu fost l-oħrajn jinkludu l-allokazzjoni tal-proprjetà għal proġetti ta' infurzar tal-liġi u prevenzjoni tal-kriminalità, kif ukoll għal proġetti oħra ta' interess pubbliku u utilità soċjali. Dak l-obbligu li jiġi kkunsidrat li jittieħdu miżuri jgħib miegħu obbligu ta' proċedura għall-Istati Membri, bħat-tweġiq ta' analiżi legali jew id-diskussjoni dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-introduzzjoni tal-miżuri. Meta jimmaniġġaw proprjetà ffrizjata u meta jieħdu l-miżuri dwar l-użu ta' proprjetà konfiskata, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni adatta biex jipprevjenu l-infiltrazzjoni kriminali jew illegali.
- (36) L-għejun affidabbli ta' *data* dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali huma skarsi. Sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni ta' din id-Direttiva, jeħtieġ li jinġabar sett minimu paragonabbli ta' *data* statistika xierqa dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' proprjetà, dwar l-attivitajiet ta' intraċċar tal-assi, dwar l-attivitajiet ġudizzjarji u dwar l-attivitajiet ta' ċessjoni tal-assi.

- (37) L-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jiġbru *d-data* għal ċerta statistika flivell ċentrali, bil-għan li jibagħtuha lill-Kummissjoni. Dan ifisser li l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jiġbru *d-data* kkonċernata. Madankollu, ma jfissir li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiksbu r-riżultat tal-ġbir tad-*data* meta jkun hemm piż amministrattiv sproporzjonat jew meta dan jikkostitwixxi spejjeż kbar għall-Istat Membru kkonċernat.
- (38) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") u l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali ("il-KEDB"), kif interpretati fil-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata f'konformità ma' dawk id-drittijiet u ma' dawn il-prinċipji. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali fir-rigward tal-għajnuna legali u ma toħloqx xi obbligu għas-sistemi ta' għajnuna legali tal-Istati Membri, li għandhom japplikaw f'konformità mal-Karta u mal-KEDB.
- (39) Għandhom jiddaħħlu fis-seħħ salvagwardji speċifiċi sabiex jiġi żgurat li bħala regola ġenerali jingħataw raġunijiet għal ordnijiet ta' konfiska, ħlief meta, fi proċedimenti kriminali simplifikati dwar każijiet ta' ftit importanza, il-persuna affettwata tkun irrinunzjat id-dritt tagħha li tingħata raġunijiet.
- (40) Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, u d-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ li jikkonċernaw drittijiet proċedurali fi proċeduri kriminali.
- (41) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tiġi ffaċilitata l-konfiska tal-proprjetà fil-qasam kriminali, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri iżda jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif inhu stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif inhu stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.
- (42) F'konformità mal-Artikoli 3 u 4a(1) tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-TUE u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. F'konformità ma' dak il-Protokoll, l-Irlanda għandha tkun marbuta b'din id-Direttiva biss fir-rigward tar-reati koperti mill-istrumenti li bihom hija marbuta.
- (43) F'konformità mal-Artikoli 1, 2 u 4a(1) tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit mhux qed jipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhux marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha. Soġġett għall-parteċipazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit għandu jkun marbut b'din id-Direttiva biss fir-rigward tar-reati koperti mill-istrumenti li bihom huwa marbut.
- (44) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).

⁽²⁾ Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Suġġett

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar l-iffriżar tal-proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement u dwar il-konfiska tal-proprjetà f'materji kriminali.
2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-proċeduri li l-Istati Membri jistgħu jużaw biex jikkonfiskaw il-proprjetà inkwistjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "rikavat" tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku li jirriżulta, direttament jew indirettament minn reat kriminali; dan jista' jikkonsisti minn kwalunkwe forma ta' proprjetà u jinkludi kwalunkwe investment mill-ġdid jew kwalunkwe trasformazzjoni li jsiru sussegwentement ta' rikavat dirett u kwalunkwe benefiċċju ta' valur;
- (2) "proprjetà" tfisser proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni, kemm jekk materjali kif ukoll jekk immaterjali, mobbli jew immobbli u d-dokumenti jew l-istrumenti legali li jixhdu dritt jew interess fi proprjetà bħal din;
- (3) "mezzi strumentali" tfisser kwalunkwe proprjetà użata jew maħsuba biex tintuża, bi kwalunkwe mod, kompletament jew parzjalment, biex jitwettaq reat kriminali jew biex jitwettqu reati kriminali;
- (4) "konfiska" tfisser każda definittiva minn proprjetà ordnata minn qorti fir-rigward ta' reat kriminali;
- (5) "iffriżar" tfisser il-projbizzjoni temporanja tat-trasferiment, tal-qerda, tal-konverżjoni, taċ-ċessjoni jew tal-moviment ta' proprjetà jew l-assunzjoni temporanja ta' kustodja jew ta' kontroll ta' proprjetà;
- (6) "reat kriminali" tfisser reat kopert minn kwalunkwe strument elenkat fl-Artikolu 3.

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva għandha tapplika għar-reati kriminali koperti minn:

- (a) Il-Konvenzjoni mfassla skont l-Artikolu K.3(2)(c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ (il-"Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali");
- (b) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI tad-29 ta' Mejju 2000 dwar li tiżdied il-protezzjoni permezz ta' pjeni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-iffalsifikar inkonnessjoni mad-dħul tal-euro ⁽²⁾;
- (c) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/413/ĠAI tat-28 ta' Mejju 2001 li tiġġieled frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti ⁽³⁾;

⁽¹⁾ ĠU C 195, 25.6.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 140, 14.6.2000, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 149, 2.6.2001, p. 1.

- (d) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità ⁽¹⁾;
- (e) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ⁽²⁾;
- (f) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat ⁽³⁾;
- (g) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pjeni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi ⁽⁴⁾;
- (h) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata ⁽⁵⁾;
- (i) Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/629/ĠAI ⁽⁶⁾;
- (j) Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI ⁽⁷⁾;
- (k) Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attacchi kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/222/ĠAI ⁽⁸⁾,

kif ukoll strumenti legali oħrajn jekk dawk l-istrumenti jipprevedu speċifikament li din id-Direttiva tapplika għar-reati kriminali armonizzati fiha.

Artikolu 4

Konfiska

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jikkonfiskaw, kompletament jew parzjalment, il-mezzi strumentali u r-rikavat jew il-proprjetà li l-valur tagħha jkun ekwivalenti għal tali mezzi strumentali jew rikavat, soġġett għal kundanna definittiva għal reat kriminali, li tista' wkoll tirriżulta minn proċedimenti *in absentia*.
2. Meta l-konfiska abbażi tal-paragrafu 1 ma tkunx possibbli, tal-inqas fejn din l-impossibbiltà tkun ir-riżultat ta' mard jew ħarba tal-persuna suspettata jew akkużata, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jikkonfiskaw il-mezzi strumentali u r-rikavat fkażijiet fejn ikunu nbew il-proċedimenti kriminali fir-rigward ta' reat kriminali li jista' jwassal, direttament jew indirettament, għal benefiċċju ekonomiku, u tali proċedimenti setgħu wasslu għal kundanna kriminali jekk il-persuna suspettata jew akkużata setgħet titressaq quddiem il-qorti.

Artikolu 5

Konfiska estiża

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jikkonfiskaw, kompletament jew parzjalment, il-proprjetà li tappartjeni lil persuna li tkun instabet ħatja ta' reat kriminali li jista' joħloq, direttament jew indirettament, benefiċċju ekonomiku, fejn qorti abbażi taċ-ċirkostanzi tal-każ, inklużi l-fatti speċifiċi u l-evidenza disponibbli, bħal li l-valur tal-proprjetà jkun sproporzjonat meta mqabbel mad-dħul legali tal-persuna li tinstab ħatja, tkun sodisfatta li l-proprjetà inkwistjoni nkisbet minn imġiba kriminali.

⁽¹⁾ ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 192, 31.7.2003, p. 54.

⁽⁴⁾ ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8.

⁽⁵⁾ ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42.

⁽⁶⁾ ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kunċett ta' "reat kriminali" għandu jinkludi tal-inqas dan li ġej:
- (a) il-korruzzjoni attiva u passiva fis-settur privat, kif previst fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru 2003/568/ĠAI, kif ukoll il-korruzzjoni attiva u passiva li tinvolvi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikoli 2 u 3, rispettivament, tal-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali;
 - (b) reati marbuta mal-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, kif previst fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru 2008/841/ĠAI, tal-inqas f'każijiet fejn ir-reat wassal għal benefiċċju ekonomiku;
 - (c) li jwassal jew jirrekluta lil tifel/tifla biex jipparteċipaw f'wirjiet pornografiċi, jew li jagħmel qligħ minn jew li jisfrutta b'xi mod ieħor lil tifel/tifla għal dawn il-finijiet, jekk it-tifel/tifla ikunu għadhom ma laħqux l-età tal-kunsens sesswali, kif previst fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2011/93/UE; id-distribuzzjoni, it-tixrid jew it-trażmissjoni ta' pedopornografija kif previst fl-Artikolu 5(4) ta' dik id-Direttiva; l-offerta, il-forniment jew l-imġiba li tagħmel disponibbli l-pedopornografija, kif previst fl-Artikolu 5(5) ta' dik id-Direttiva; il-produzzjoni ta' pedopornografija, kif previst fl-Artikolu 5(6) ta' dik id-Direttiva;
 - (d) interferenza illegali f'sistema u interferenza illegali fid-*data*, kif previst fl-Artikoli 4 u 5 rispettivament tad-Direttiva 2013/40/UE, fejn ikunu ġew affettwati għadd sostanzjali ta' sistemi tal-informazzjoni permezz tal-użu ta' għodda, kif previst fl-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva, imfassla jew adattata primarjament għal dak l-iskop; il-produzzjoni, il-bejgħ, l-akkwist għall-użu, l-importazzjoni, id-distribuzzjoni intenzjonati jew li b'xi mod ieħor wieħed jagħmel disponibbli l-għodod bl-intenzjoni li jintużaw biex isir reat, għall-inqas għal każijiet li mhumix minuri, kif previst fl-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva;
 - (e) reat kriminali li huwa punibbli, f'konformità mal-istrument rilevanti fl-Artikolu 3 jew, f'każ li l-istrument inkwistjoni ma jkunx fih limitu tal-piena, f'konformità mal-liġi nazzjonali rilevanti, b'sentenza ta' kustodja ta' massimu tal-inqas ta' erba' snin.

Artikolu 6

Konfiska fir-rigward ta' parti terza

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jikkonfiskaw ir-rikavat, jew proprjetà oħra li l-valur tagħha jkun ekwivalenti għar-rikavat, li, direttament jew indirettament, tkun ġiet ittrasferita minn persuna suspettata jew akkużata lil partijiet terzi, jew li tkun ġiet akkwistata minn partijiet terzi mingħand il-persuna suspettata jew akkużata, tal-inqas jekk dawk il-partijiet terzi kienu jafu jew suppost li kienu jafu li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien biex tiġi evitata l-konfiska, abbażi ta' fatti u ċirkostanzi konkreti, inkluż li t-trasferiment jew l-akkwist sar mingħajr ħlaq jew għal ammont ferm aktar baxx mill-valur fis-suq.
2. Il-paragrafu 1 ma għandux jippreġudika d-drittijiet ta' persuni terzi *in bona fide*.

Artikolu 7

Iffriżar

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jiffriżaw proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement. Dawk il-miżuri, li għandhom jiġu ordnati minn awtorità kompetenti, għandhom jinkludu azzjoni urġenti li għandha tittieħed fejn meħtieġ biex tiġi preservata l-proprjetà.
2. Il-proprjetà fil-pussess ta' parti terza, kif imsemmi taħt l-Artikolu 6, tista' tkun soġġetta għal miżuri ta' ffrizjar għall-fini tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement.

*Artikolu 8***Salvagwardji**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni affettwati mill-miżuri previsti skont din id-Direttiva jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħhom.
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ordni ta' ffriżar tiġi kkomunikata lill-persuna affettwata mill-iktar fis possibbli wara li tiġi eżegwita. Tali komunikazzjoni għandha tindika, għall-inqas fil-qosor, ir-raġuni jew raġunijiet li għalihom ittieħdet l-ordni kkonċernata. Meta jkun jeħtieġ li jiġi evitat li tiġi pperikolata l-investigazzjoni kriminali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipposponu l-komunikazzjoni tal-ordni ta' ffriżar lill-persuna affettwata.
3. L-ordni ta' ffriżar għandha tibqa' fis-seħħ biss sakemm ikun meħtieġ li l-proprjetà tiġi ppreservata fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement.
4. L-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà effettiva li l-persuna li l-proprjetà tagħha tkun ġiet affettwata tikkontesta l-ordni ta' ffriżar quddiem qorti, f'konformità mal-proċeduri stipulati fil-liġi nazzjonali. Tali proċeduri jistgħu jipprevedu li meta l-ordni ta' ffriżar inizjali tkun ittieħdet minn awtorità kompetenti li ma tkunx awtorità ġudizzjarja, tali ordni l-ewwel għandha tintbagħat għall-validazzjoni jew ir-rieżami lill-awtorità ġudizzjarja qabel ma tkun tista' tiġi kkontestata quddiem qorti.
5. Il-proprjetà ffriżata li ma tiġix sussegwentement ikkonfiskata għandha tintradd lura immedjatament. Il-kundizzjonijiet jew regoli ta' proċedura li skonthom tali proprjetà tintradd lura għandhom jiġu stabbiliti mil-liġi nazzjonali.
6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kwalunkwe ordni ta' konfiska tkun debitament motivata u li l-ordni tiġi kkomunikata lill-persuna affettwata. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-possibbiltà effettiva li persuna li fil-konfront tagħha tkun inħarġet ordni ta' konfiska tkun tista' tikkontesta dik l-ordni quddiem qorti.
7. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2012/13/UE d-Direttiva 2013/48/UE, il-persuni li l-proprjetà tagħhom tkun ġiet affettwata mill-ordni ta' konfiska għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għal avukat matul il-proċedimenti ta' konfiska relatati mal-istabbiliment tar-rikavat u l-mezzi strumentali sabiex iħarsu d-drittijiet tagħhom. Il-persuni kkonċernati għandhom jiġu infurmati b'dak id-dritt.
8. Fil-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 5, il-persuna affettwata għandu jkollha l-possibbiltà effettiva li tikkontesta ċ-ċirkostanzi tal-każ, inklużi fatti speċifiċi u l-evidenza disponibbli li abbażi tagħhom il-proprjetà kkonċernata titqies bħala proprjetà li tkun rikavata minn imġiba kriminali.
9. Il-partijiet terzi għandhom ikunu intitolati li jitolbu t-titolu tas-sjeda jew drittijiet ta' proprjetà oħrajn, inkluż fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 6.
10. Meta, b'konsegwenza ta' reat kriminali, il-vittmi jagħmlu talbiet kontra l-persuna li tkun soġġetta għal miżura ta' konfiska prevista skont din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-miżura ta' konfiska ma żżommx lil dawk il-vittmi milli jitolbu kumpens għat-talbiet tagħhom.

*Artikolu 9***Konfiska u eżekuzzjoni effettivi**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jiskopru u jintraċċaw il-proprjetà li għandha tiġi ffriżata u kkonfiskata anke wara kundanna definittiva għal reat kriminali jew wara proċedimenti biex jiġi applikat l-Artikolu 4(2) u biex jiżguraw l-eżekuzzjoni effettiva ta' ordni ta' konfiska, jekk tali ordni tkun inħarġet diġà.

*Artikolu 10***Ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, pereżempju permezz tal-istabbiliment ta' uffiċċji ċentralizzati, grupp ta' uffiċċji speċjalizzati jew mekkaniżmi ekwivalenti, biex jiżguraw il-ġestjoni adegwata tal-proprjetà ffriżata fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 jinkludu l-possibbiltà ta' bejgħ jew trasferiment ta' proprjetà, fejn meħtieġ.

3. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jieħdu miżuri li jippermettu li l-proprjetà konfiskata tintuża għal finijiet ta' interess pubbliku u għal finijiet soċjali.

*Artikolu 11***Statistika**

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu b'mod regolari statistika komprensiva mill-awtoritajiet rilevanti. L-istatistika miġbura għandha tintbagħat lill-Kummissjoni kull sena u għandha tinkludi:

(a) l-għadd ta' ordnijiet ta' ffriżar eżegwiti;

(b) l-għadd ta' ordnijiet ta' konfiska eżegwiti;

(c) il-valur stmat tal-proprjetà ffriżata fil-mument tal-iffriżar, tal-inqas tal-proprjetà ffriżata fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi sussegwentement ikkonfiskata;

(d) il-valur stmat tal-proprjetà rkuprata fil-mument tal-konfiska.

2. Kull sena l-Istati Membri għandhom ukoll jibagħtu l-istatistika li ġejja lill-Kummissjoni, jekk din tkun disponibbli flivell ċentrali fl-Istat Membru kkonċernat:

(a) l-għadd ta' talbiet għal mandati ta' ffriżar li għandhom jiġu eżegwiti fi Stat Membru ieħor;

(b) l-għadd ta' talbiet għal mandati ta' konfiska li għandhom jiġu eżegwiti fi Stat Membru ieħor;

(c) il-valur jew il-valur stmat tal-proprjetà rkuprata wara l-eżekuzzjoni fi Stat Membru ieħor.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiġbru *d-data* msemmija fil-paragrafu 2 flivell ċentrali.

*Artikolu 12***Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-4 ta' Ottubru 2015. Huma għandhom jibagħtu immedjatament it-test li jkun fih dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.
2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza ta' dan it-tip meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi biex isiru tali referenzi għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test li jkun fih id-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 13***Rappurtar**

Il-Kummissjoni għandha, sal-4 ta' Ottubru 2018 tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fejn tivvaluta l-impatt tal-liġi nazzjonali eżistenti dwar il-konfiska u l-irkupru tal-assi, akkumpanjat, jekk ikun meħtieġ, minn proposti adegwati.

F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tanalizza jekk ikunx jeħtieġ li tiġi riveduta l-lista ta' reati fl-Artikolu 5(2).

*Artikolu 14***Is-sostituzzjoni tal-Azzjoni Konġunta 98/699/ĠAI u ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjonijiet Kwadru 2001/500/ĠAI u 2005/212/ĠAI**

1. L-Azzjoni Konġunta 98/699/ĠAI, il-punt (a) tal-Artikolu 1 u l-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI, u l-ewwel erba' inċiżi tal-Artikolu 1 u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI, huma sostitwiti b'din id-Direttiva għall-Istati Membri marbuta minn din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' dawk l-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni ta' dawk id-Deċiżjonijiet Kwadru fil-liġi nazzjonali.
2. Għall-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva, ir-referenzi għall-Azzjoni Konġunta 98/699/ĠAI u għad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjonijiet Kwadru 2001/500/ĠAI u 2005/212/ĠAI imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinftiehem b'hal referenzi għal din id-Direttiva.

*Artikolu 15***Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 16***Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2014.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

D. KOURKOULAS

DIRETTIVA 2014/45/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tat-3 ta' April 2014****dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Fil-White Paper tagħha tat-28 ta' Marzu 2011 intitolata "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti", l-Kummissjoni stipulat għan ta' "viżjoni zero" li fiha l-Unjoni għandha tersaq qrib lejn zero fatalitajiet fit-trasport stradali sal-2050. Bil-ħsieb li jintlaħaq dan il-għan, it-teknoloġija tal-vetturi hija mistennija tikkontribwixxi ħafna lejn it-titjib tar-rekord ta' sikurezza tat-trasport tat-triq.
- (2) Il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni intitolata "Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020", il-Kummissjoni proponiet li tnaqqas l-għadd ġenerali tal-fatalitajiet stradali fl-Unjoni bin-nofs sal-2020 mill-2010. Bil-ħsieb li tilħaq dan l-iskop, il-Kummissjoni ddefinit seba' għanijiet strateġiċi u identifikat azzjonijiet għal vetturi aktar sikuri, strateġija biex jitnaqqas l-għadd ta' nies feruti u miżuri biex titjeb is-sikurezza tal-utenti vulnerabli stradali, b'mod partikolari l-motoċiklisti.
- (3) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn reġim usa' mfassal biex jiżgura li l-vetturi jinżammu f'kondizzjoni sikura u aċċettabli ambjentalment matul l-użu tagħhom. Dik is-sistema għandha tkopri l-ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali għall-vetturi kollha u l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għall-vetturi użati għal attivitajiet kummerċjali tat-trasport bit-triq kif ukoll tipprovdi dispożizzjonijiet dwar proċedura għar-reġistrazzjoni tal-vetturi biex tkun tista' tintuża s-sospensjoni ta' awtorizzazzjoni ta' vettura milli tintuża fit-traffiku stradali fejn il-vettura tikkostitwixxi riskju immedjat għas-sikurezza stradali. L-ittestjar perjodiku għandu jkun l-għodda ewlenija biex tiġi żgurata l-affidabilità stradali. L-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-vetturi kummerċjali għandhom ikunu kumpli-mentari biss għat-testijiet perjodiċi.
- (4) L-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati jistabbilixxu standards ogħla ta' ttestjar minn dawk mitluba minn din id-Direttiva.
- (5) L-infurzar tal-miżuri ta' affidabilità stradali jistgħu jinkludu kampanji ta' sensibilizzazzjoni li jiffokaw fuq is-sidien tal-vetturi u bil-għan li jiġu żviluppati prattiki u drawwiet li jirriżultaw mill-kontrolli bażiċi fuq il-vetturi tagħhom.
- (6) Il-vetturi b'sistemi tekniċi li ma jaħdmux tajjeb għandhom impatt fuq is-sikurezza stradali, u jistgħu jikkontribwixxu għal inċidenti fit-toroq li jinvolvu korrimenti u mwiet. Dak l-impatt jista' jitnaqqas jekk jitwettaq titjib adegwat fis-sistema tal-ittestjar tal-affidabilità stradali. L-iżvelar kmieni ta' nuqqas fl-affidabilità stradali ta' vettura għandu jgħin biex dak in-nuqqas jiġi rimedjat u b'hekk jiġu evitati l-inċidenti.

⁽¹⁾ ĠU C 44, 15.2.2013, p. 128.⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2014.

- (7) Il-vetturi b'sistemi tal-kontroll tal-emissjoni li ma jaħdmux sew għandhom impatt ambjentali ikbar mill-vetturi b'manutenzjoni adegwata. Għalhekk, sistema perjodika tal-ittestjar tal-affidabilità stradali għandha tikkontribwixxi għal titjib fl-ambjent permezz ta' tnaqqis tal-emissjonijiet medji tal-vetturi.
- (8) L-Istati Membri għandhom iqisu miżuri xierqa biex jevitaw il-manipulazzjoni ħażina jew it-tbagħbis ta' partijiet u komponenti li jista' jkollhom effett negattiv fuq il-karatteristiċi ta' sikurezza u dawk ambjentali tal-vettura, b'mod partikolari permezz ta' ttestjar perjodiku tal-affidabilità stradali, inklużi peanlitajiet effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.
- (9) Matul l-aħħar għoxrin sena, ir-rekwiżiti fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi għall-approvazzjoni tat-tip issaħħu kontinwament. Madankollu, il-kwalità tal-arja ma tjebitx daqs kemm kien previst bħala riżultat tal-issikkar tal-istandards tal-emissjonijiet għall-vetturi, speċjalment fir-rigward tal-ossidu tan-nitroġenu (NOx) u partikoli fini. Il-possibilitajiet li jitjiebu ċ-ċikli tal-ittestjar biex dawn jaqblu mal-kondizzjonijiet fit-toroq għandhom jiġu eżaminati mill-qrib sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet futuri, inkluż l-istabbiliment ta' metodi ta' ttestjar għat-tkejil tal-livelli tal-NOx u l-valuri ta' limitu għall-emissjonijiet tal-NOx.
- (10) Għall-vetturi li josservaw il-klassijiet ta' emissjonijiet Euro 6 u Euro VI fuq is-sistemi dijanjostiċi abbord (OBD) qed isiru iktar effettivi biex jivvalutaw l-emissjonijiet filwaqt li jiġġustifikaw l-użu tagħhom bħala ekwivalenti għall-ittestjar standard għall-emissjonijiet għall-iskopijiet ta' ttestjar tal-affidabilità stradali. Sabiex l-użu tal-OBD jkun previst għall-ittestjar għall-affidabilità stradali għall-vetturi sal-klassijiet ta' emissjonijiet Euro 5 u Euro V, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jippermettu dan il-metodu ta' ttestjar skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur u rekwiżiti oħra għal tali vetturi meta l-ekwivalenza, b'kunsiderazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti dwar l-approvazzjoni tat-tip, meta jkun xieraq, tkun ġiet verifikata indipendentement.
- (11) Fl-Unjoni ġew adottati għadd ta' standards u rekwiżiti tekniċi fir-rigward tas-sikurezza tal-vetturi. Huwa meħtieġ li jkun żgurat, permezz ta' sistema ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, li l-vetturi jkomplu jissodisfaw l-istandards ta' sikurezza. Dik is-sistema għandha tapplika għal ċerti kategoriji ta' vetturi kif definit fid-Direttivi 2002/24/KE ⁽¹⁾, 2003/37/KE ⁽²⁾ u 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.
- (12) It-tratturi bir-roti b'veloċità massima skont id-disinn ogħla minn 40 km/siegħa qed jintużaw dejjem aktar minflok it-trakkijiet f'attivitajiet tat-trasport lokali u għal skopijiet kummerċjali ta' trasport tal-merkanzija bit-triq. Il-potenzjal ta' riskju tagħhom huwa komparabbli ma' dak tat-trakkijiet u għalhekk il-vetturi f'dik il-kategorija, li jintużaw prinċipalment fit-toroq pubbliċi, għandhom għalhekk ikunu soġġetti għall-ittestjar tal-affidabilità stradali.
- (13) Suppost li l-vetturi ta' interess storiku jikkonservaw il-wirt tal-epoka li nbnew fiha u huma meqjusa bħala li f'it li xejn jintużaw fit-toroq pubbliċi. Għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri biex jiddeterminaw il-perjodiċità tal-ittestjar tal-affidabilità stradali għal vetturi bħal dawn. Għandu jitħalla wkoll f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-ittestjar tal-affidabilità stradali għal tipi oħra ta' vetturi speċjalizzati.
- (14) Il-vetturi użati esklużivament f'territorji remoti tal-Istati Membri, partikolarment fuq gżejjer żgħar b'inqas minn 5 000 abitant jew f'żoni b'popolazzjoni mifruxa b'densità ta' popolazzjoni ta' inqas minn ħames persuni kull kilometru kwadru, jiġu użati taħt kondizzjonijiet li jistgħu jirrikjedu reġim ta' testijiet tal-affidabilità stradali speċifiku. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jingħataw is-setgħa li jeżentaw tali vetturi mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
- (15) L-ittestjar tal-affidabilità stradali hija attività sovrana u għalhekk, għandha ssir mill-Istati Membri jew minn korpi pubbliċi jew privati f'dati bit-tweġiq ta' tali ttestjar taħt is-superviżjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom jibqgħu invarjabbli responsabbli għall-ittestjar tal-affidabilità stradali fil-każijiet kollha anke meta s-sistema nazzjonali tippermetti l-awtorizzazzjoni ta' korpi privati, inklużi dawk li jtwettqu wkoll it-tiswija tal-vetturi.

⁽¹⁾ Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE (ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1).

⁽²⁾ Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2003/37/KE tas-26 ta' Mejju, 2003, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresti, il-karrijiet tagħhom u makkinarju irmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati u r-revoka tad-Direttiva 74/150/KEE (ĠU L 171, 9.7.2003, p. 1).

⁽³⁾ Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

- (16) L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jawtorizzaw ċentri tal-ittejtjar li jinsabu barra mit-territorju tagħhom biex iwettqu testijiet tal-affidabilità stradali għal vetturi rreġistrati fit-territorju tagħhom, jekk daww iċ-ċentri tal-ittejtjar ikunu diġà ġew awtorizzati mill-Istat Membri li fih huma jinsabu li jwettqu testijiet fuq vetturi.
- (17) Għall-ispezzjoni tal-vetturi u speċjalment għall-komponenti ta' sikurezza elettroniċi tagħhom huwa kruċjali li jkun hemm aċċess għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kull vettura individwali. Konsegwentement, il-manifatturi tal-vetturi għandhom jipprovdu d-dejta meħtieġa għall-verifika tal-funzjonalità tal-komponenti relatati mas-sikurezza u mal-ambjent. Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni għandhom jiġu applikati b'mod simili għal dak il-fini, u jippermettu li ċ-ċentri ta' spezzjoni jkollhom aċċess għal daww l-elementi ta' informazzjoni meħtieġa għall-ittejtjar tal-affidabilità stradali. Id-dejta għandha tinkludi d-dettalji li jippermettu li l-funzjonalità tas-sistemi ta' sikurezza tal-vettura tkun ikkontrollata b'mod li tali sistemi jistgħu jiġu ttestjati f'ambjent ta' spezzjoni teknika perjodika. Dan huwa ta' importanza kruċjali fil-qasam ta' sistemi kkontrollati elettronicament u għandu jkopri l-elementi kollha li ġew installati mill-manifattur.
- (18) Il-vetturi użati fit-toroq pubbliċi jridu jkunu affidabbli stradalment meta jintużaw. Id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni u, meta applikabbli, l-operatur tal-vettura għandhom ikunu responsabbli li jżommu l-vettura f'kondizzjoni ta' affidabilità stradali.
- (19) Hu importanti għas-sikurezza stradali u għall-impatt fuq is-soċjetà li l-vetturi li jintużaw fit-toroq jkunu f'kondizzjoni teknika tajba. Għalhekk, l-Istati Membri m'għandhomx ma jitħallewx jawtorizzaw, fuq bażi volontarja, testijiet addizzjonali tal-affidabilità stradali.
- (20) Sabiex ikun permess grad ta' flessibilità għad-detenturi ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni u l-operaturi, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jispeċifikaw perjodu ta' diversi ġimgħat li fih jrid jitwettaq it-test perjodiku tal-affidabilità stradali.
- (21) L-ittejtjar tul iċ-ċiklu ta' ħajja tal-vettura għandu jkun relattivament sempliċi, ta' malajr u mhux għali, u fl-istess ħin effettiv biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' din id-Direttiva.
- (22) It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom ikopru l-elementi kollha rilevanti għad-diżinn, il-kostruzzjoni u t-tagħmir speċifiku tal-vettura ttestjata. Il-kompatibilità bejn il-partijiet u l-komponenti, bħal bejn ir-roti u l-buttni tar-roti, għandha tiġi trattata bħala punt kritiku ta' sikurezza u għandha tiġi ċċekkjata fit-testijiet tal-affidabilità stradali. Fil-kuntest ta' daww l-elementi, u b'qies tal-istat attwali tat-teknoloġija tal-vetturi, is-sistemi elettroniċi moderni għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-elementi ttestjati. Bil-ħsieb li tinkiseb armonizzazzjoni fl-ittejtjar tal-affidabilità stradali, għandhom jiġu stabbiliti metodi ta' ttestjar rakkomandati għal kull wieħed mill-elementi tat-test. Daww l-elementi għandhom jiġu aġġornati biex iqisu r-riċerka li qed tevolve u l-progress tekniku fil-qasam tas-sikurezza tal-vetturi.
- (23) Sabiex tkun iffaċilitata l-armonizzazzjoni u biex tkun żgurata l-konsistenza tal-istandards, għandha tiġi pprovduta lista eżawrenti tar-raġunijiet prinċipali fir-rigward tal-elementi ttestjati li ma jgħaddux mit-test. Sabiex jintlaħaq livell ta' konsistenza fil-ġudizzju tal-kondizzjoni tal-vettura ttestjata, in-nuqqasijiet skoperti għandhom jiġu vvalutati ma' standard komuni.
- (24) Bil-għan li jiġi applikat aħjar il-prinċipju tal-moviment liberu fl-Unjoni, għall-iskopijiet ta' reġistrazzjoni mill-ġidd ta' vettura, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu ċ-ċertifikati ta' affidabilità stradali li jinħarġu minn Stati Membri oħra. Dan ma għandux jaffettwa id-dritt ta' Stat Membru li jivverifika ċ-ċertifikat ta' affidabilità stradali u l-identifikazzjoni tal-vettura waqt ir-reġistrazzjoni mill-ġdid u li jintalab test ġdid ta' affidabilità stradali għandu jitwettaq b'ċerti kondizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva.
- (25) Il-frodi tal-odometru għandu jitqies bħala reat li jista' jiġi pernalizzat għax il-manipulazzjoni ta' odometru tista' twassal għal evalwazzjoni mhux korretta tal-kondizzjoni tal-affidabilità stradali ta' vettura. Ir-reġistrazzjoni tal-kilometraġġ fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali u aċċess għall-ispetturi għal dik l-informazzjoni għandhom jiffaċilitaw l-iskoperta tat-tbagħbis jew tal-manipulazzjoni tal-odometru. L-iskambju ta' informazzjoni dwar il-qari tal-odometru bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandu jiġi eżaminat mill-Kummissjoni.

- (26) Għandu jinħareġ ċertifikat tal-affidabilità stradali wara kull test. Dan għandu jinkludi, fost l-oħrajn, informazzjoni li tikkonċerna l-identità tal-vettura u informazzjoni dwar ir-riżultati tat-test. Ir-riżultati tat-test tal-affidabilità stradali għandu jkun disponibbli elettronicament. Bil-ħsieb li jkun żgurat segwitu xieraq tat-testijiet tal-affidabilità stradali, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu informazzjoni bħal din f'bażi tad-dejta, b'mod partikolari, għall-iskopjiet ta' analiżi tar-riżultati tat-testijiet perjodiċi ta' affidabilità stradali.
- (27) Id-detentur ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni u, meta jkun applikabbli, l-operatur ta' vettura suġġetta għal test tal-affidabilità stradali li matulu jiġu skoperti n-nuqqasijiet, b'mod partikolari dawk li jirrappreżentaw riskju għas-sikurezza stradali, għandhom jirranġaw dawn in-nuqqasijiet mingħajr dewmien. Fil-każ ta' nuqqasijiet perikolużi, jista' jkun neċessarju li l-użu tal-vettura jiġi ristress sakemm jitranġaw dawk in-nuqqasijiet kollha.
- (28) Meta vettura ttestjata tappartjeni għal kategorija ta' vetturi li mhijiex soġġetta għar-reġistrazzjoni fl-Istat Membru fejn bdiet tintuża, dak l-Istat Membru għandu jkun jista' jirrikjedi li l-prova tat-test tintwera b'mod viżibbli fuq il-vettura.
- (29) Biex jintlaħaq livell għoli ta' kwalità fl-ittestjar mal-Unjoni kollha, it-tagħmir għall-ittestjar użat waqt l-ittestjar, kif ukoll il-manutenzjoni u l-kalibrizzjoni tiegħu għandhom jiġu verifikati b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet provduti mill-Istati Membri jew mill-manifatturi.
- (30) Għandu jkun possibbli li jintuża tagħmir alternattiv li jirrifletti l-progress u l-innovazzjoni teknoloġiċi sakemm jiġi żgurat livell ta' kwalità għolja ekwivalenti tal-ittestjar.
- (31) Meta jawtorizzaw iċ-ċentri tal-ittestjar fuq it-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-fatt li d-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, is-servizzi ta' interess ġenerali fil-qasam tat-trasport.
- (32) Iċ-ċentri tal-ittestjar għandhom jiżguraw l-oġġettività u l-kwalità għolja tal-ittestjar tal-vetturi sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti minimi fir-rigward tal-ġestjoni tal-kwalità, iċ-ċentri tal-ittestjar għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti imposti mill-Istat Membru li jawtorizza.
- (33) Standards għoljin tal-ittestjar tal-affidabilità stradali jeħtieġu li l-persunal tal-ittestjar ikollu livell għoli ta' ħilet u kompetenzi. Għandha tiġi introdotta sistema tat-taħriġ inkluż taħriġ inizjali u korsijiet ta' taħriġ ta' aġġornament perjodiku jew eżami xieraq. Għandu jkun dispożizzjoni għal perjodu tranżitorju biex jippermetti t-traniżizzjoni bla tfixkil tal-persunal tal-ittestjar eżistenti f'sistema ta' taħriġ jew eżami perjodiku. Sabiex jiġu żgurati standards għolja ta' taħriġ, kompetenzi u ttestjar, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti ta' kompetenza u taħriġ korrispondenti addizzjonali.
- (34) Meta jkunu qed iwettqu t-testijiet tal-affidabilità stradali, l-ispetturi għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u l-ġudizzju tagħhom m'għandhomx ikunu affettwati minn kunflitti ta' interess, inklużi dawk ta' natura ekonomika u personali. Għalhekk ma għandux ikun hemm korrelazzjoni diretta bejn il-gwadann tal-ispetturi u r-riżultati tat-testijiet tal-affidabilità stradali. Għandu jkun possibbli wkoll li l-Istat Membru jippreskrivu rekwiżiti fir-rigward tas-separazzjoni tal-attività jew jawtorizzaw korp privat biex iwettaq kemm it-testijiet tal-affidabilità stradali kif ukoll it-tiswijiet tal-vetturi, anke fuq l-istess vettura f'każijiet meta l-korp superviżorju jkun sodisfatt li nlaħaq livell għoli ta' oġġettività.
- (35) Ir-riżultati ta' test tal-affidabilità stradali ma għandhomx jiġu mibdula għal finijiet kummerċjali. Il-korp superviżorju għandu jkun jista' jimmodifika r-riżultati ta' dak it-test tal-affidabilità stradali biss jekk ikun ċar li s-sejbiet tat-test tal-affidabilità stradali mwettaq minn spettur ma jkunux korretti.
- (36) Bil-ħsieb li jkun żgurat li jinżamm l-oġġla livell ta' kwalità tal-ittestjar maż-żmien, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi li jiżguraw il-kwalità li jkopru l-proċessi ta' awtorizzazzjoni, is-superviżjoni u l-irtirar, is-sospensjoni jew il-kanċellazzjoni tal-awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' testijiet tal-affidabilità stradali.

⁽¹⁾ Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

- (37) L-akkreditazzjoni taċ-ċentri tal-ittestjar, skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ m'għandhiex tikkostitwixxi obbligu għall-Istati Membri.
- (38) F'diversi Stati Membri għadd għoli ta' ċentri tal-ittestjar privati awtorizzati jwettqu testijiet tal-affidabilità stradali. Sabiex ikun żgurat li l-iskambju tal-informazzjoni fost l-Istati Membri f'dan ir-rigward ikun effiċjenti, għandhom jiġu nnominati punti ta' kuntatt nazzjonali.
- (39) Ittestjar tal-affidabilità stradali jagħmel parti minn skema regolatorja usa', li tirregola l-vetturi matul il-ħajja tagħhom mill-approvazzjoni permezz tar-reġistrazzjonijiet u l-ispezzjonijiet sal-iskreppjar. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni li tinsab fil-bażijiet tad-dejta elettroniċi nazzjonali dwar il-vetturi u tal-manifatturi għandhom, fil-prinċipju, tgħin sabiex titjeb l-effiċjenza tal-katina kollha amministrattiva tal-vetturi u jitnaqqsu l-ispejjeż u għandha tgħin biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-fattibilità, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-istabbiliment ta' pjattaforma elektronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi billi tibbenefika mis-soluzzjonijiet tal-IT eżistenti u li huma diġà implimentati fir-rigward tal-iskambju internazzjonali tad-dejta sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż u biex jiġu evitati id-duplikazzjonijiet. Hi u twestaq l-eżami ta' dan, il-Kummissjoni għandha tqis l-aktar mod adatt biex isir kollegament bejn is-sistemi nazzjonali eżistenti bil-ħsieb li tiġi skambjata informazzjoni dwar dejta relatata mal-ittestjar tal-affidabilità stradali u l-qari tal-odometru bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għall-ittestjar, ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tal-vetturi, iċ-ċentri tal-ittestjar, il-manifatturi tat-tagħmir tal-ittestjar u l-manifatturi tal-vetturi. Il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll il-fattibilità, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-ġbir u l-ħżin tal-informazzjoni disponibbli rigward il-komponenti prinċipali tal-vetturi relatati mas-sikurezza li jkunu ġew involuti f'inċidenti serji kif ukoll il-possibilità li tagħmel l-informazzjoni dwar l-istorja tal-inċidenti u l-qari tal-odometri disponibbli, f'sura anonimizzata, għall-ispetturi tal-vettura, id-detenturi taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni u r-riċerkaturi tal-inċidenti.
- (40) Biex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tiġi kkonferita setgħat ta' implimentazzjoni. Is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (41) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni relatati mal-informazzjoni li għandha ssir aċċessibbli mill-manifatturi tal-vetturi għall-ittestjar tal-affidabilità stradali m'għandhomx jiġu adottati mill-Kummissjoni meta l-kumitat stabbilit skont din id-Direttiva ma jagħti ebda opinjoni dwar l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni preżentat mill-Kummissjoni.
- (42) Sabiex tiġi aġġornata l-għażla tal-kategorija ta' vetturi fl-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 5(1) u (2), jiġi aġġornat il-punt 3 tal-Anness I fir-rigward tal-metodi; u biex jiġi adattat il-punt 3 tal-Anness I, fir-rigward tal-lista tal-elementi, il-metodi u l-valutazzjoni is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twestaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' thejġija, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta thejġi u fassal atti delegati, għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (43) L-affidabilità stradali għandha impatt dirett fuq is-sikurezza fit-toroq u, għalhekk, għandha tiġi reveduta perjodikament. Il-Kummissjoni għandha tirraporta dwar l-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, inklużi dawk relatati mal-kamp ta' applikazzjoni, il-frekwenza tal-ittestjar, iktar titjeb tas-sistema affidabilità stradali permezz tal-iskambju elettroniku ta' informazzjoni, u r-rikonoxximent reċiproku potenzjali futur taċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali.
- (44) Il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ittestjar użati fiċ-ċentri tal-ittestjar għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati għat-tweqqif tat-testijiet tal-affidabilità stradali. Peress li jeħtieġ li jkun hemm investiment sostanzjali u adattamenti li jista' ma jkunx possibbli li jitwettqu immedjatament, għandu jingħata perjodu ta' ħames snin sabiex ikun hemm il-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti. Għandu jingħata perjodu ta' ħames snin lill-korpi superviżorji li jagħtihom ċans jissodisfaw il-kriterji u r-rekwiżiti kollha fir-rigward tal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni taċ-ċentri tal-ittestjar.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (45) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li titjeb is-sikurezza stradali billi jiġu stipulati rekwiżiti komuni minimi u regoli armonizzati li jikkonċernaw testijiet tal-affidabilità stradali tal-vetturi fl-Unjoni, iżda li jista' jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda iktarx jista', minħabba l-iskala tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif inhu stabbilit f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.
- (46) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti partikolarment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (47) Din id-Direttiva tintegra u taġġorna r-regoli li jinsabu fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/378/UE ⁽¹⁾ bil-ħsieb li jirregolaw aħjar ir-riżultati tal-ittejtjar tal-affidabilità stradali.
- (48) Din id-Direttiva taġġorna r-rekwiżiti tekniċi stipulati fid-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ u tkabbar il-kamp ta' applikazzjoni tagħha biex jinkludi, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-istabiliment ta' ċentri tal-ittejtjar u tal-korpi superviżorji tagħhom kif ukoll il-ħatra ta' spetturi li jkunu fdati bl-inkarigu li jwettqu t-testijiet tal-affidabilità stradali. Għalhekk, dik id-Direttiva għandha titħassar.

ADOPTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, DEFINIZZJONIJIET U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi għal sistema ta' testijiet perjoċi tal-affidabilità stradali tal-vetturi użati f'toroq pubbliċi.

Artikolu 2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal vetturi b'veloċità skont id-disinn li taqbeż il-25 km/sieġha tal-kategoriji li ġejjin, kif imsemmi fid-Direttiva 2002/24/KE, id-Direttiva 2003/37/KE u d-Direttiva 2007/46/KE:

- vetturi bil-mutur iddisinjati u mibnija primarjament għall-ġarr ta' persuni u l-bagalji tagħhom, li jkunu magħmula minn mhux aktar minn tmien pożizzjonijiet bil-qiegħda minbarra minbarra l-pożizzjoni bil-qiegħda tax-xufier – kategorija tal-vetturi M₁;
- vetturi bil-magna ddisinjati u mibnija primarjament għall-ġarr tal-persuni u l-bagalji tagħhom li jkunu magħmula minn mhux aktar minn tmien pożizzjonijiet bil-qiegħda, minbarra l-pożizzjoni bil-qiegħda tax-xufier – kategoriji tal-vetturi M₂ u M₃;
- vetturi bil-mutur imfassla u mibnija prinċipalment għall-ġarr ta' oġġetti li għandhom massa massima li ma taqbiżx it-3,5 tunnellati – kategorija tal-vetturi N₁;
- vetturi bil-mutur iddisinjati u mibnija prinċipalment għall-ġarr ta' oġġetti b'massa massima li taqbeż it-3,5 tunnellati – kategoriji tal-vetturi N₂ u N₃;
- trejlers iddisinjati u mibnija primarjament għall-ġarr ta' merkanzija jew ta' persuni, kif ukoll għall-akkomodazzjoni ta' persuni, b'massa massima li taqbeż it-3,5 tunnellati – kategorija tal-vetturi O₃ u O₄;
- mill-1 ta' Jannar 2022, vetturi b'żewġ jew tliet roti – kategoriji tal-vetturi L3e, L4e, L5e u L7e, bi spostar tal-magna ta' iktar minn 125 cm³;
- tratturi bir-roti tal-kategorija T5, li l-użu tagħhom hu l-aktar f'toroq pubbliċi b'veloċità massima skont id-disinn li ma taqbiżx il-40 km/h.

⁽¹⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/378/UE tal-5 ta' Lulju 2010 dwar il-valutazzjoni tad-difetti waqt it-testjar skont id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq (ĠU L 173, 8.7.2010, p. 74).

⁽²⁾ Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq (ĠU L 141, 6.6.2009, p. 12).

2. L-Istati Membri jistgħu jeskludu il-vetturi li ġejjin reġistrati fit-territorju tagħhom mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva:

- vetturi operati jew użati f'kondizzjonijiet eċċezzjonali jew vetturi li ma jintużaw qatt, jew ftit li xejn, fit-toroq pubbliċi, bħal vetturi ta' interess storiku jew vetturi ta' kompetizzjoni,
- vetturi koperti b'immunità diplomatika,
- vetturi użati mill-forzi armati, forzi responsabbli mid-dritt u l-ordni, servizzi tat-tifi tan-nar, is-servizz tal-protezzjoni ċivili, servizzi tal-emerġenzi jew ta' salvataġġ,
- vetturi użati għall-agrikoltura, l-ortikoltura, il-forestija, il-biedja jew tas-sajd bi skopijiet biss fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u prinċipalment fit-territorju fejn titwettaq tali attività, inklużi t-toroq agrikoli, it-toroq tal-forestija jew l-għelieqi agrikoli,
- vetturi użati esklużivament fi gżejjer żgħar jew f'żoni b'popolazzjoni mifruxa,
- vetturi speċjalizzati li jittrasportaw tagħmir għaċ-ċirku u għall-fieri tad-divertiment b'veloċità massima skont id-disinn li ma taqbiżx 140 km/h u li joperaw biss fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat,
- kategoriji tal-vetturi L3e, L4e, L5e u L7e, bi spostar tal-magna ta' iktar minn 125 cm³, meta l-Istat Membru jkun implimenta miżuri alternattivi effettivi għas-sikurezza stradali għall-vetturi b'żewġ jew tliet roti, b'kunsiderazzjoni b'mod partikolari tal-istatistika rilevanti dwar is-sikurezza stradali li tkopri l-aħħar ħames snin. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn ir-regoli lill-Kummissjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu rekwiżiti nazzjonali dwar it-testijiet tal-affidabbiltà stradali għal vetturi rreġistrati fit-territorju tagħhom li mhumiex koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew għal vetturi elenkati fil-paragrafu 2.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw biss għall-fini ta' din id-Direttiva:

- (1) "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur li ma timxix fuq il-linji ferrovjarji jew it-trejler tagħha;
- (2) "vettura bil-mutur" tfisser kull vettura bil-mutur bir-roti li tiċċaqtaq bis-saħħa tal-mezzi tagħha stess b'veloċità massima skont id-disinn li taqbeż il-25 km/h;
- (3) "trejler" tfisser kwalunkwe vettura bir-roti li m'għandhiex propulsjoni tagħha stess iddisinjat u mibnija biex tiġi rmunkata minn vettura bil-mutur;
- (4) "semitrejler" tfisser kwalunkwe trejler iddisinjat biex jingħaqad ma' vettura bil-mutur b'mod li parti minnu jistrieħ fuq il-vettura bil-mutur u li parti sostanzjali tal-massa tiegħu u tal-massa tat-tagħbija tiegħu tinġarr mill-vettura bil-mutur;
- (5) "vetturi b'żewġ jew tliet roti" tfisser kull vettura bil-mutur fuq żewġ roti b'sidecar jew mingħajrha, u kwalunkwe triċikli jew kwadriċikli;
- (6) "vettura rreġistrata fi Stat Membru" tfisser vettura li hija rreġistrata jew li daħlet fis-servizz fi Stat Membru;
- (7) "vettura ta' interess storiku" tfisser kwalunkwe vettura li titqies bħala storika mill-Istat Membru ta' rreġistrazzjoni jew minn wieħed mill-korpi ta' awtorizzazzjoni maħturin tiegħu u li tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - kienet ġiet manifatturata jew irreġistrata għall-ewwel darba tal-inqas 30 sena ilu;
 - it-tip speċifiku tagħha, kif definit fil-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, m'għadux jiġi prodott;
 - qed tiġi preservata jew tinżamm fl-istat oriġinali tagħha u ma ġarrbet ebda tibdil sostanzjali fil-karatteristiċi tekniċi tal-komponenti prinċipali tagħha;

- (8) “detentur ta’ ċertifikat tar-reġistrazzjoni” tfisser il-persuna ġuridika jew fiżika li l-vettura hija rreġistrata fisimha;
- (9) “test tal-affidabbiltà stradali” tfisser spezzjoni, skont l-Anness I mfassal biex jiġi żgurat li vettura ma tkunx perikoluża biex tintuża fit-toroq pubbliċi u li tikkonforma mal-karatteristiċi ambjentali u ta’ sigurtà li huma meħtieġa u mandatorji;
- (10) “approvazzjoni” tfisser proċedura li permezz tagħha Stat Membru jiċċertifika li vettura tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti msemmijin fid-Direttiva 2002/24/KE, id-Direttiva 2003/37/KE u d-Direttiva 2007/46/KE;
- (11) “nuqqasijiet” tfisser difetti tekniċi u istanzi oħra ta’ nuqqas ta’ konformità li jinstabu matul test tal-affidabbiltà stradali;
- (12) “ċertifikat tal-affidabbiltà stradali” tfisser rapport dwar l-affidabbiltà stradali maħruġ mill-awtorità kompetenti jew minn ċentru tal-ittejtjar li fih ir-riżultat tat-test tal-affidabbiltà stradali;
- (13) “spettur” tfisser persuna awtorizzata minn Stat Membru jew mill-awtorità kompetenti tiegħu biex twettaq testijiet tal-affidabbiltà stradali f’ċentru tal-ittejtjar jew, meta jkun xieraq, f’isem awtorità kompetenti;
- (14) “awtorità kompetenti” tfisser awtorità jew korp pubbliku inkarigat minn Stat Membru u responsabbli għall-ġestjoni tas-sistema tal-ittejtjar tal-affidabbiltà stradali, inkluż, fejn xieraq, it-twettiq tat-testijiet tal-affidabbiltà stradali;
- (15) “ċentru tal-ittejtjar” tfisser korpi jew stabbilimenti pubbliċi jew privati awtorizzati minn Stat Membru biex iwettqu testijiet tal-affidabbiltà stradali;
- (16) “korp superviżorju” tfisser korp jew korpi stabbiliti minn Stat Membru, responsabbli għas-superviżjoni taċ-ċentri tal-ittejtjar. Korp superviżorju jista’ jkun parti mill-awtorità kompetenti jew l-awtoritajiet kompetenti;
- (17) “gżira żgħira” tfisser gżira b’inqas minn 5 000 abitant u li mhijiex konnessa ma’ partijiet oħra tat-territorju b’pontijiet ta’ toroq jew b’mini;
- (18) “żona b’popolazzjoni mifruxa” tfisser żona predefinita b’densità ta’ popolazzjoni ta’ inqas minn ħames persuni kull kilometru kwadru;
- (19) “triq pubblika” tfisser triq li hi ta’ utilità pubblika ġenerali bħal toroq lokali, reġjonali jew nazzjonali, awtostradi, expressways jew motorways.

KAPITOLU II

OBBLIGI ĠENERALI

Artikolu 4

Responsabilitajiet

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-vetturi rreġistrati fit-territorju tiegħu jiġu ttejtati perġodikament skont din id-Direttiva miċ-ċentri tal-ittejtjar awtorizzati mill-Istat Membru fejn dawk il-vetturi huma rreġistrati.
2. It-testijiet tal-affidabbiltà stradali għandhom jitwettqu mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura jew minn korp pubbliku fdat bil-kompitu minn dak l-Istat jew minn korpi jew stabbilimenti nominati u sorveljati minn dak l-Istat Membru, inkluż korpi privati awtorizzati.
3. F’konformità mal-prinċipji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ u r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, u qabel l-20 ta’ Mejju 2018, tadotta:

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta’ vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta’ vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswiġa u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

⁽²⁾ Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswiġa u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1).

(a) sett ta' informazzjoni teknika dwar it-tagħmir tal-brejkijiet, l-istering, il-viżibilità, il-bozoz, ir-rifletturi, it-tagħmir elettriku, il-fusijiet, ir-roti, it-tajers, is-suspenxin, ix-xażi, l-aċċessorji tax-xażi, tagħmir ieħor u partijiet neċessarji għall-ittestjar tal-affidabilità stradali tal-elementi li għandhom jiġu ttestjati u l-użu tal-metodi rakkomandati tal-ittestjar, f'konformità mal-Anness I, il-Punt 3; u

(b) ir-regoli dettaljati dwar il-format tad-dejta u l-proċeduri dwar l-aċċess għall-informazzjoni teknika rilevanti.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2).

L-informazzjoni teknika msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandha tkun disponibbli bla ħlas jew bi prezz raġonevoli mill-manifatturi liċ-ċentri tal-ittestjar u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti, b'mod mhux diskriminatorju.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha teżamina l-fattibilità tal-istabbiliment ta' punt uniku ta' aċċess għal din l-informazzjoni teknika.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabilitajiet biex il-vettura tinżamm f'kondizzjoni affidabbli stradament jiġu definiti fil-leġislazzjoni nazzjonali.

KAPITOLU III

REKWIŻITI MINIMI LI JIKKONĊERNAW IT-TESTIJET TAL-AFFIDABILITÀ STRADALI

Artikolu 5

Data u frekwenza tal-ittestjar

1. Il-vetturi għandhom ikunu suġġetti għal test tal-affidabilità stradali tal-inqas fl-intervalli li ġejjin, mingħajr preġudizzju għall-perjodu ta' flessibilità applikat fl-Istati Membri skont il-paragrafu 3:

(a) il-vetturi tal-kategorija M_1 u N_1 : erba' snin wara d-data li fiha l-vettura kienet ġiet irreġistrata għall-ewwel darba u minn dakinhar, kull sentejn;

(b) il-vetturi tal-kategorija M_1 użati bħala taksis jew ambulanzi, vetturi tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 , N_3 , O_3 u O_4 : sena wara d-data li fiha l-vettura kienet ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, u minn dakinhar, kull sena;

(c) vetturi tal-kategorija T5, li l-użu tagħhom prinċipalment isir f'toroq pubbliċi għal skopijiet kummerċjali ta' trasport tal-merkanzija bit-triq: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura kienet ġiet irreġistrata għall-ewwel darba u minn dakinhar, kull sentejn.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu intervalli xierqa li fihom il-vetturi tal-kategoriji L3e, L4e, L5e u L7e, bi spostar tal-magna ta' iktar minn 125 cm^3 , għandhom ikunu suġġetti għall-ittestjar tal-affidabilità stradali.

3. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu perijodu raġonevoli li matulu t-test tal-affidabilità stradali għandu jitwettaq mingħajr ma jinqabżu l-intervalli stipulati fil-paragrafu 1.

4. Irrispettivament mid-data tal-aħħar test tal-affidabilità stradali, l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti konċernati jistgħu jeħtieġu li vettura tkun suġġetta għal test tal-affidabilità stradali qabel id-dati msemmija fil-paragrafi 1 u 2, fil-każijiet li ġejjin:

— wara inċident li jaffettwa l-komponenti prinċipali relatati mas-sikurezza tal-vettura bħar-roti, is-suspenxin, iż-żoni ta' deformazzjoni, is-sistemi ta' airbags, l-istering jew il-brejkijiet;

— meta jkun nbidlu jew ġew modifikati s-sistemi u l-komponenti ta' sikurezza u dawk ambjentali;

— meta jkun inbidel id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' vettura;

— meta l-vettura tkun laħqet kilometraġġ ta' 160 000 km;

— f'każijiet fejn is-sikurezza stradali tkun affettwata serjament.

Artikolu 6

Kontenut u metodi tal-ittestjar

1. Għall-kategorija tal-vetturi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni tal-kategoriji L3e, L4e, L5e u L7e bi spostar tal-magna ta' iktar minn 125 cm^3 , l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-test tal-affidabilità stradali jkopri l-oqsma msemmija fil-punt 2 tal-Anness I.

2. Għal kull qasam imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew iċ-ċentru tal-ittestjar għandhom iwettqu test tal-affidabbiltà stradali li jkopri tal-inqas l-elementi msemmijin fil-punt 3 tal-Anness I billi jintużaw metodu rakkomandat jew wieħed ekwivalenti li jkun approvat mill-awtorita kompetenti applikabbli għall-ittestjar ta' dawk l-elementi, kif stipulat fil-punt 3 tal-Anness I. It-test jista' jinkludi wkoll verifika jekk il-partijiet u l-komponenti rispettivi ta' dik il-vettura jikkorrispondux għall-karatteristiċi rikjesti ta' sikurezza u ambjentali li kienu fis-seħħ fil-mument tal-approvazzjoni jew, jekk applikabbli, fil-mument tar-retrofitting.

It-testijiet għandhom jitwettqu bl-użu ta' tekniki u tagħmir attwalment disponibbli mingħajr l-użu ta' għodod biex tiżżarma jew titneħħa kwalunkwe parti tal-vettura.

3. Għall-kategorija tal-vetturi L3e, L4e, L5e u L7 bi spostar tal-magna ta' iktar minn 125 cm³, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw iż-żoni, l-elementi u l-metodi xierqa għall-ittestjar.

Artikolu 7

Valutazzjoni tan-nuqqasijiet

1. Għal kull element ittestjat, l-Anness I jipprovdi lista minima ta' nuqqasijiet possibbli u l-livell ta' severità tagħhom.
2. Nuqqasijiet li jinstabu matul l-ittestjar perjodik tal-vetturi għandhom jiġu kkategorizzati f'wieħed mill-gruppi li ġejjin:
 - (a) nuqqasijiet minuri li ma għandhom ebda effett sinifikanti fuq is-sikurezza tal-vettura jew ikollhom impatt fuq l-ambjent u nuqqasijiet minuri ta' konformità oħrajn.
 - (b) nuqqasijiet kbar li jistgħu jippreġudikaw is-sikurezza tal-vettura jew ikollhom impatt fuq l-ambjent jew iqiegħdu fil-periklu lil utenti oħra tat-triq jew nuqqasijiet ta' konformità sinifikanti oħrajn,
 - (c) nuqqasijiet perikolużi li jkkostitwixxu riskju dirett u immedjat għas-sikurezza stradali jew li jkollhom impatt fuq l-ambjent, li jiġġustifikaw li Stat Membru jew l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jistgħu jipprojbixxu l-użu tal-vettura fuq toroq pubbliċi.
3. Vettura li jkollha nuqqasijiet li jappartjenu faktar minn grupp ta' nuqqasijiet wieħed imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu kklassifikati fil-grupp li jikkorrispondi għan-nuqqas l-aktar serju. Vettura li turi diversi nuqqasijiet fl-istess qasam ta' spezzjoni kif identifikat fl-ambitu tat-test imsemmi fil-punt 2 tal-Anness I, tista' tiġi kklassifikata fil-grupp li jkun imiss ta' nuqqasijiet serji jekk jista' jintwera li l-effett kombinat ta' dawk in-nuqqasijiet jirriżulta f'riskju ogħla għas-sikurezza tat-traffiku stradali.

Artikolu 8

Ċertifikat tal-affidabilità stradali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li iċ-ċentru tal-ittestjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti, li jkunu wettqu test tal-affidabilità stradali għandhom joħorġu ċertifikat tal-affidabilità stradali għal dik il-vettura li fiha, tal-inqas, l-elementi standardizzati tal-kodċijiet armonizzati korrispondenti tal-Unjoni stipulati fl-Anness II.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li iċ-ċentri tal-ittestjar jew, meta jkun rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti, għandhom jagħmlu disponibbli lill-persuna li tkun qed tippreżenta l-vettura għat-test, ċertifikat tal-affidabilità stradali jew, fil-każ ta' ċertifikat tal-affidabilità stradali stabbilit elettronikament, karta stampata ċertifikata ta' dan iċ-ċertifikat.
3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, f'każ ta' reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vettura li hi diġà reġistrata fi Stat Membru ieħor, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi iċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali maħruġ minn dak l-Istat Membru l-ieħor, daqslikienu kien ħareġ dak iċ-ċertifikat hu stess, dment li iċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali jkun għadu validu skont il-frekwenza tal-intervalli stabbiliti għal testijiet ta' affidabilità stradali perjodiċi mill-Istat Membru fejn tkun qed issir ir-reġistrazzjoni mill-ġdid. F'każijiet ta' dubju, l-Istat Membru fejn tkun qed issir ir-reġistrazzjoni mill-ġdid jista' jivverifika l-validità ta' iċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali qabel ma jirrikonoxxuh. L-Istat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni deskrizzjoni ta' iċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali qabel l-20 ta' Mejju 2018. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 19. Dan il-paragrafu m'għandux japplika għall-kategoriji ta' vetturi L3e, L4e, L5e u L7e.
4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(4) u l-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu, bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-validità ta' iċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali fil-każ li tinbidel is-sjieda ta' vettura, li jkollha prova valida tat-test perjodik tal-affidabilità stradali.

5. Mill-20 ta' Mejju 2018 u mhux iktar tard mill-20 ta' Mejju 2021, iċ-ċentri tal-ittestjar għandhom jikkomunikaw b'mod elettroniku, mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru konċernat, l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali li jorġoġu. Tali komunikazzjoni għandha sseħħ fi żmien raġonevoli wara l-ħruġ ta' kull ċertifikat tal-affidabbiltà stradali. Sad-data l-aħħar imsemmija iċ-ċentri tal-ittestjar jistgħu jikkomunikaw l-informazzjoni rilevanti lill-awtorità kompetenti bi kwalukwe mezz ieħor. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-perjodu li matuli l-awtorità kompetenti għandha żżomm dik l-informazzjoni. Dak il-perjodu m'għandux ikun inqas minn 36 xahar, mingħajr preġudizzju għas-sistemi fiskali nazzjonali tal-Istati Membri.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-finijiet tal-iċċekkjar tal-qari tal-odometru, meta ikun imwaħħal b'mod normali, l-informazzjoni rigward it-test tal-affidabbiltà stradali preċedenti għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-ispetturi hekk kif tkun disponibbli elettronicament. F'każijiet ta' manipolazzjoni ta' odometru biex jitnaqqas jew biex jiġi rappreżentat ħażin ir-rekord tad-distanza ta' vettura, tali manipolazzjoni tista' tiġi kkastigata b'penali effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati tat-test tal-affidabbiltà jiġu nnotifikati jew isiru disponibbli elettronicament malajr kemm jista' jkun għall-awtorità responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-vettura. Din in-notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali.

Artikolu 9

Segwitu tan-nuqqasijiet

1. Fil-każ ta' qbid ta' nuqqasijiet żgħar biss, it-test għandu jitqies li jkun ġie ssuperat, in-nuqqasijiet għandhom jiġu rettifikati, u l-vettura ma għandhiex tiġi ttestjata mill-ġdid.

2. Fil-każ ta' qbid ta' nuqqasijiet kbar, it-test għandu jitqies li jkun falla. L-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar il-perijodu ta' żmien li matulu l-vettura in kwistjoni tista' tintuża qabel ma terġa' tgħaddi minn test ieħor tal-affidabbiltà stradali. It-test sussegwenti li jissema l-aħħar għandu jsir matul il-perijodu definit mill-Istati Membri jew l-awtorità kompetenti iżda mhux aktar tard minn xahrejn wara t-test inizjali.

3. Fil-każ ta' qbid ta' nuqqasijiet perikolużi, it-test għandu jitqies li jkun falla. L-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti jistgħu jiddeċiedu li l-vettura in kwistjoni ma għandhiex tintuża fuq toroq pubbliċi u li l-awtorizzazzjoni sabiex tintuża fit-traffiku stradali tiġi sospiża għal perjodu limitat ta' żmien, mingħajr ma jkun meħtieġ proċess ġdid ta' reġistrazzjoni, sakemm in-nuqqasijiet jiġu rettifikati u jinħareġ ċertifikat ġdid tal-affidabbiltà stradali li juri li l-vettura tinsab f'kundizzjoni ta' affidabbiltà stradali.

Artikolu 10

Prova tat-test

1. Iċ-ċentru tal-ittestjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tkun wettqet it-test tal-affidabbiltà stradali fuq vettura rreġistrata fit-territorju tagħha, għandha tipprovdi prova, b'halma hi indikazzjoni fid-dokument ta' reġistrazzjoni tal-vettura, adeżiv, ċertifikat jew kwalunkwe informazzjoni oħra li tkun aċċessibbli faċilment, lil kull vettura li tkun għaddiet test b'hal dan. Il-prova għandha tindika d-data sa meta għandu jsir it-test tal-affidabbiltà stradali li jmiss.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni deskrizzjoni ta' dik il-prova qabel l-20 ta' Mejju 2018. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 19.

2. Meta l-vettura ttestjata tappartjeni għal kategorija ta' vetturi li mhijiex soġġetta għar-reġistrazzjoni fl-Istat Membru fejn bdiet tintuża, dak l-Istat Membru jista' jirrikjedi li l-prova tat-test għandha tintwera b'mod viżibbli fuq dik il-vettura.

3. Għall-fini ta' ċirkolazzjoni libera, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-prova mogħtija minn ċentru ta' testjar jew awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 1.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI

Artikolu 11

Faċilitajiet u tagħmir tal-ittestjar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ittestjar użati għat-tweġiq ta' testijiet tal-affidabbiltà stradali għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tekniċi minimi stipulati fl-Anness III.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċentri tal-ittejtjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti iżommu l-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ittejtjar f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet ipprovduti mill-manifatturhhom.
3. It-tagħmir użat għall-kejl għandu jiġi kkalibrat perjodikament skont l-Anness III u vverifikat f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet mogħtija mill-Istat Membru konċernat jew mill-manifattur tat-tagħmir.

Artikolu 12

Ċentri tal-ittejtjar

1. Iċ-ċentri tal-ittejtjar, li fihom l-ispetturi jwettqu testijiet tal-affidabilità stradali, għandhom jiġu awtorizzati minn Stat Membru jew mill-awtorità kompetenti tiegħu.
2. Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi fir-rigward tal-ġestjoni tal-kwalità, iċ-ċentri tal-ittejtjar għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati mill-Istat Membru li jawtorizza. Iċ-ċentri tal-ittejtjar għandhom jiżguraw l-oġġettività u l-kwalità għolja tal-ittejtjar tal-affidabilità stradali.

Artikolu 13

Spetturi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-testijiet tal-affidabilità stradali jitwettqu minn spetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ stipulati fl-Anness IV. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali ta' kompetenza fir-rigward tal-kompetenza u t-taħriġ korrispondenti addizzjonali.
2. L-awtoritajiet kompetenti jew, fejn applikabbli, ċentri ta' taħriġ approvati għandhom jipprovdu ċertifikat lill-ispetturi li jilhqgħu l-kompetenza minima u r-rekwiżiti tat-taħriġ. Dak iċ-ċertifikat għandu jinkludi tal-inqas l-informazzjoni msemmija fl-Anness IV, il-punt 3.
3. L-ispetturi impjegati jew awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew minn ċentru tal-ittejtjar fl-20 ta' Mejju 2018 għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fil-punt 1 tal-Anness IV.
4. Meta jkun qed iwettaq test tal-affidabilità stradali, l-ispettur għandu jkun ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess sabiex jiżgura, għas-sodisfazzjon tal-Istat Membru jew tal-awtorità kompetenti konċernati li jkun qed jinżamm livell għoli ta' imparzjalità u oġġettività.
5. Il-persuna li tkun qegħda tippreżenta l-vettura għat-test għandha tiġi informata bi kwalunkwe nuqqast identifikat fuq il-vettura u li teħtieġ tiġi retifikata.
6. Ir-riżultati ta' test tal-affidabilità stradali jistgħu jiġu modifikati biss, fejn adatt, mill-korp superviżorju jew skont il-proċedura stabbilita mill-awtorità kompetenti, jekk is-sejbiet tat-test tal-affidabilità stradali jkunu manifestament inkorretti.

Artikolu 14

Superviżjoni taċ-ċentri tal-ittejtjar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċentri tal-ittejtjar ikunu soġġetti għal superviżjoni.
2. Korp superviżorju għandu jwettaq tal-inqas il-kompiti previsti fil-punt 1 tal-Anness V u jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-punti 2 u 3 ta' dak l-Anness.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli b'mod pubbliku r-regoli u l-proċeduri li jkopru l-organizzazzjoni, il-kompiti u r-rekwiżiti, inklużi r-rekwiżiti ta' indipendenza, applikabbli għall-persunal ta' korp superviżorju.

3. Iċ-ċentri tal-ittejtjar li huma mħaddma b'mod dirett minn awtorità kompetenti għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti fir-rigward l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni fejn il-korp superviżorju huwa parti mill-awtorità kompetenti.
4. Ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu jistgħu jitqiesu li ġew rispettati mill-Istati Membri li jeħtieġu li ċ-ċentri tal-ittejtjar jiġu akkreditati skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008.

KAPITOLU V

KOOPERAZZJONI U SKAMBJU TAL-INFORMAZZJONI

Artikolu 15

Amministrazzjoni kooperattiva bejn l-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw punt ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
2. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-20 ta' Mejju 2015 u jinfurmawha bla dewmien meta jkun hemm xi tibdil għaliha. Il-Kummissjoni għandha tfassal lista tal-punti ta' kuntatt nazzjonali kollha, u tibgħatha lill-Istati Membri.

Artikolu 16

Pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi

Il-Kummissjoni għandha teżamina l-fattibilità, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-istabbiliment ta' pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi billi tibbenefika mis-soluzzjonijiet tal-IT eżistenti u li huma diġà implimentati fir-rigward tal-iskambju internazzjonali tad-data sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż u biex jiġu evitati duplikazzjonijiet. Hi u teżamina l-kwistjoni, il-Kummissjoni għandha tqis l-aktar mod adatt biex isir kollegament bejn is-sistemi nazzjonali eżistenti bil-ħsieb li tifaċilita l-iskambji ta' informazzjoni dwar dejta relatata mal-ittestjar tal-affidabbiltà stradali u l-qari tal-odometru bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għall-ittestjar, ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tal-vetturi, iċ-ċentri tal-ittestjar, il-manifatturi tat-tagħmir tal-ittestjar u l-manifatturi tal-vetturi.

Il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll il-fattibilità, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-ġbir u l-ħżin tal-informazzjoni disponibbli rigward il-komponenti prinċipali tal-vetturi relatati mas-sikurezza li jkunu ġew involuti f'inċidenti serji kif ukoll il-possibilità li l-informazzjoni dwar l-istorja tal-inċidenti u l-qari tal-odometri ssir disponibbli, f'sura anonimizzata, għall-ispetturi, id-detenturi taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni u r-riċerkaturi tal-inċidenti.

KAPITOLU VI

ATTI DDELEGATI U TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 17

Atti delegati

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 18 bil-ħsieb li:

- taġġorna biss in-nominazzjonijiet tal-kategorija ta' vetturi msemmija fl-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 5(1) u (2) kif xieraq f'każ ta' bidliet fil-kategoriji ta' vetturi li jirriżultaw minn emendi għal-leġislazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 2(1), mingħajr ma jiġu affettwati l-kamp ta' applikazzjoni u l-frekwenzi tat-testijiet,
- taġġorna l-punt 3 tal-Anness I fir-rigward tal-metodi fil-każ li jsiru disponibbli metodi ta' ttestjar aktar effiċjenti u effettivi mingħajr ma tiġi estiża l-lista tal-elementi li jridu jiġu ttestjati,
- tadatta l-punt 3 tal-Anness I, wara l-valutazzjoni pożittiva tal-ispejjeż u l-benefiċċji, fir-rigward tal-lista tal-elementi li jridu jiġu eżaminati, il-metodi, ir-raġunijiet tal-falliment u l-valutazzjoni tad-defiċjenzi fil-każ ta' modifika tar-rekwiżiti mandatarji rilevanti għall-approvazzjoni tat-tip fil-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza jew dwar l-ambjent;

Artikolu 18

Eżerċizzju ta' delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 17 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' 5 snin mid-19 ta' Mejju 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħat msemmija fl-Artikolu 17 tista' tiġi irrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 17 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 19

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat (il-“Kumitat tal-Affidabbiltà Stradali”). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att implimentattiv u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 20

Rappurtar

1. Sad-30 ta' April 2020 il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' armonizzazzjoni ta' testijiet ta' affidabbiltà stradali perijodiċi, tal-effikaċja tad-dispożizzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni, il-frekwenza tal-ittestjar, ir-rikonossiment reċiproku taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali f'każijiet ta' reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vetturi li joriġinaw minn Stat Membru ieħor u r-riżultati tal-eżami rigward il-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi kif imsemmi fl-Artikolu 16. Ir-rapport għandu janalizza wkoll jekk hemmx hteġa li jiġu aġġornati l-Annessi, partikolarment fid-dawl tal-progress tekniku u l-prattiki. Ir-rapport għandu jiġi ppreżentat wara l-konsultazzjoni tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 19 u għandu jkun akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposti leġiżlattivi.

2. Sa mhux aktar tard mill-30 ta' April 2019 il-Kummissjoni għandha tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni rapport abbażi ta' studji indipendenti dwar l-effikaċja tal-inklużjoni tat-trejlers ħfief u l-vetturi b'żewġ roti jew bi tliet roti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jivvaluta l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tas-sikurezza tat-toroq fl-Unjoni u, għal kull sottokategorija tal-vetturi L, iqabbel ir-riżultati tal-miżuri nazzjonali tas-sigurtà tat-toroq filwaqt li jqis id-distanza medja li jkunu vvaġġaw dawk il-vetturi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-istandards u l-ispejjeż tal-ittestjar perijodiku tal-affidabilità stradali ta' kull kategorija ta' vettura humiex proporzjonati għall-oġġettivi stabbiliti tas-sikurezza tat-toroq. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn studju dettaljat tal-impatt li janalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji fl-Unjoni kollha, inklużi l-ispeċifitàjiet tal-Istati Membri. Ir-rapport għandu jkun disponibbli tal-inqas sitt xhur qabel is-sottomissjoni ta' kwalunkwe proposta leġiżlattiva, jekk xieraq, biex jinkludi kategoriji ġodda fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 21

Pieni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Dawk il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.

Artikolu 22

Dispożizzjonijiet transizzjonali

1. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, għal perijodu ta' mhux iktar minn ħames snin wara l-20 ta' Mejju 2018 mill-ittestjar tal-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ittestjar imsemmijin fl-Artikolu 11 li ma jikkonformax mar-rekwiżiti minimi stipulati fl-Anness III għat-tweġiq ta' testijiet tal-affidabilità stradali.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness V mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023.

Artikolu 23

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux iktar tard mill-20 ta' Mejju 2017, il-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri amministrattivi neċċessarji biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jinfurmaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni b'dan.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-20 ta' Mejju 2018.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi biex issir tali referenza għandha tiġi stipulata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 24

Revoka

Id-Direttiva 2009/40/KE hija revokata b'effett mill-20 ta' Mejju 2018.

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 26

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2014.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

D. KOURKOULAS

ANNEX I

REKWIŻITI MINIMI LI JIKKONĊERNAW IL-KONTENUTI U L-METODI TAL-ITTESTJAR RAKKOMANDATI

1. ĠENERALI

Dan l-Anness jidentifika s-sistemi u l-komponenti tal-vettura li għandhom jiġu ttestjati; jiddeskrivi l-metodi rakkomandati ta' kif għandhom jiġu ttestjati u l-kriterji li għandhom jintużaw meta jiġi stabbilit jekk il-kundizzjoni tal-vettura hijiex aċċettabbli.

It-test irid ikopri tal-inqas l-elementi elenkati fil-punt 3 hawn taħt, sakemm dawn ikunu relatati mat-verifika dwar jekk il-partijiet u l-komponenti relevanti ta' dik il-vettura jikkorrispondux għall-karatteristiċi rikjesti ta' sikurezza u ambjentali li kienu fis-seħħ fil-mument tal-approvazzjoni jew, jekk applikabbli, fil-mument tar-retrofitting.

Fejn id-disinn tal-vettura ma jippermettix l-applikazzjoni tal-metodi tal-ittestjar stipulati f'dan l-Anness, it-test għandu jitmexxa skont il-metodi tal-ittestjar rakkomandati aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tkun issodisfata li l-istandards tas-sikurezza u ambjentali se jinżammu.

L-ittestjar tal-elementi kollha elenkati għandhom jitqiesu bħala obligatorji fil-kuntest tat-test perjodiku tal-affidabbiltà stradali, għajr dawk immarkati bl-indikazzjoni "X", li huma relatati mal-kundizzjoni tal-vettura u l-adegwatezza tagħha għall-użu fit-triq iżda li mhumiex ikkunsidrati bħala essenzjali fil-kuntest tat-test tal-affidabbiltà stradali.

Ir-"Raġunijiet għala ma jgħaddux" ma japplikawx f'każijiet meta jirreferu għal rekwiżiti li ma kinux preskritti fil-leġislazzjoni rilevanti għall-approvazzjoni tal-vettura fil-mument tal-ewwel reġistrazzjoni jew fl-ewwel dħul fis-servizz jew fir-rekwiżiti tar-retrofitting.

Meta jiġi indikat metodu ta' testjar bħala viżwali, dan ifisser illi minbarra milli jħares lejn l-elementi konċernati, l-ispettur għandu wkoll, jekk xieraq, jimmanigġhom, jevalwa l-istorbju tagħhom jew juża kwalunkwe mezz ta' spezzjoni ieħor xieraq mingħajr l-involviment tal-użu ta' tagħmir.

2. AMBITU TAT-TEST

It-test għandu jkopri mill-inqas l-oqsma li ġejjin:

- (0) Identifikazzjoni tal-vettura;
- (1) Tagħmir tal-brejkijiet;
- (2) Stering;
- (3) Viżibbiltà;
- (4) Tagħmir tat-tidwil u l-partijiet tas-sistema elettrika;
- (5) Fusijiet, roti, tajers, sospensjoni;
- (6) Xażi u aċċessorji tax-xażi;
- (7) Tagħmir ieħor;
- (8) Fastidju;
- (9) Testijiet supplimentari għall-vetturi li jgħorru l-passiġġieri tal-kategoriji M_2 u M_3

3. KONTENUT U METODI TAL-ITTESTJAR, VALUTAZZJONI TAN-NUQQASIJET TAL-VETTURI

It-test għandu jkopri mill-inqas l-elementi u juża l-istandards minimi u l-metodi rakkomandati elenkati fit-tabella li ġejja.

Għal kull sistema u komponent tal-vettura soġġetti għall-ittestjar, il-valutazzjoni tan-nuqqasijiet għandha titwettaq skont il-kriterji stabbiliti f'dik it-tabella, fuq bażi ta' każ b'każ.

In-nuqqasijiet li mhumiex elenkati f'dan l-Anness għandhom jiġu vvalutati skont ir-riskji li jpoġġu lis-sikurezza stradali fiha.

| Element | Metodu | Raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|--|---|--|------------------------------|---------|------------|
| | | | Minuri | Maġġuri | Perikolużi |
| 0. IDENTIFIKAZZJONI TAL-VETTURA | | | | | |
| 0.1. Pjanċi bin-numru tar-reġistrazzjoni (jekk meħtieġ mir-rekwiżiti ¹) | Spezzjoni viżwali | (a) Il-pjanċa/i bin-numru hija/huma neqsin jew tant mhumiex sikuri/imwaħħlin b'tali mod li hemm probabbiltà li jaqgħu. | | X | |
| | | (b) Skrizzjoni nieqsa jew ma tinqarax. | | X | |
| | | (c) Mhumiex skont id-dokumenti jew ir-rekords tal-vettura. | | X | |
| 0.2. Numru ta' identifikazzjoni/xażi/serje tal-vettura | Spezzjoni viżwali | (a) Nieqes jew ma jistax jinstab. | | X | |
| | | (b) Nieqes, ma jinqarax, jidher ċar li ffalsifikat, jew ma jaqbilx mad-dokumenti tal-vettura. | | X | |
| | | (c) Dokumenti tal-vettura ma jinqarawx jew impreċiżjoni-jiet klerikali. | X | | |
| 1. TAGĦMIR TAL-IBBREJKAR | | | | | |
| 1.1. Kundizzjoni mekkanika u tħaddim | | | | | |
| 1.1.1. Pern tal-pedala/liver bl-id tal-brejk ta' servizz | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. Nota: Vetturi b'sistemi tal-brejkijiet assistiti għandhom jiġu spezzjonati bil-magna mitfija. | (a) Pern issikat iżżejjed. | | X | |
| | | (b) Ittieklu jew laxki wisq. | | X | |
 - kategoriji tal-vetturi li għalihom l-ispettur huwa awtorizzat iwettaq testijiet tal-affidabbiltà stradali;
 - isem l-awtorità li toħroġ il-liċenzja;
 - data tal-ħruġ.
-

ANNEX V

KORPI TA' SUPERVIŻJONI

Ir-regoli u l-proċeduri li jikkonċernaw il-korpi ta' superviżjoni stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 14 għandhom ikopru r-rekwiżiti minimi li ġejjin:

1. Kompiti u attivitajiet tal-korpi ta' superviżjoni

Il-korpi ta' superviżjoni għandhom iwettqu mill-inqas l-kompiti li ġejjin:

(a) Superviżjoni taċ-ċentri ta' testjar:

- jiġi verifikat jekk ġewx issodsfa r-rekwiżiti minimi għall-post u t-tagħmir ta' testjar;
- jiġu verifikati r-rekwiżiti obbligatorji tal-entità awtorizzata;

(b) Taħriġ ta' verifika u l-eżami tal-ispetturi:

- jiġi verifikat it-taħriġ inizjali tal-ispetturi;
- jiġi verifikat it-taħriġ perjodiku ta' aġġornament tal-ispetturi;
- taħriġ perjodiku ta' aġġornmanet tal-eżaminaturi tal-korp ta' superviżjoni;
- twettiq jew superviżjoni ta' eżami.

(c) Awditjar:

- preawditjar taċ-ċentri ta' testjar qabel l-awtorizzazzjoni;
- awditjar perjodiku mill-ġdid ta' ċentru ta' testjar;
- awditjar speċjali fil-każ ta' irregolaritajiet;
- awditjar taċ-ċentri ta' taħriġ/eżami.

(d) Monitoraġġ, bl-użu ta' miżuri bħal dawn li ġejjin:

- testjar mill-ġdid ta' proporzjon statistikament validu tal-vetturi ttestjati;
- kontrolli permezz ta' myster shopper (użu ta' vettura difettuża mhux obbligatorja);
- analiżi tar-riżultati tat-testijiet tal-affidabbiltà stradali (metodi statistiċi);
- testijiet ta' appell;
- investigazzjoni tal-ilmenti.

(e) Validazzjoni tar-riżultati tal-kejl tat-testijiet tal-affidabbiltà stradali

(f) Proposta għal irtirar jew sospensjoni tal-awtorizzazzjoni taċ-ċentri ta' testjar u/jew l-awtorizzazzjoni tal-ispetturi:

- meta ċ-ċentru jew l-ispettur konċernat ma jissodisfax rekwiżit sinifikanti ta' awtorizzazzjoni;
- meta jinqabdu irregolaritajiet gravi;
- met ajkun hemm riżultati negattivi kontinwi fl-awditjar;
- meta jkun hemm telf ta' reputazzjoni tajba għaċ-ċentru jew l-ispettur in kwistjoni

2. Rekwiżiti li jikkonċernaw il-korp ta' superviżjoni

Rekwiżiti applikabbli għall-persunal imħaddem minn korp ta' superviżjoni għandhom ikopru l-oqsma li ġejjin:

- kompetenza teknika;
- imparzjalità;
- standards għall-kwalifikazzjoni u t-taħriġ.

3. Kontenuti tar-regoli u proċeduri

Kull Stat Membru jew l-awtorità kompetenti tiegħu għandhom jistabbilixxu r-regoli u l-proċeduri rilvantili għandhom jinkludu minn tal-anqas l-affarijiet li ġejjin:

(a) Rekwiżiti li jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni taċ-ċentri ta' testjar:

- applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-operat ta' ċentru ta' testjar;
- responsabbiltajiet taċ-ċentri ta' testjar;
- żjara, jew żjarat, ta' preawtorizzazzjoni biex jiġi verifikat li r-rekwiżiti kollha huma ssodisfati;
- awtorizzazzjoni ta' ċentru ta' testjar;
- testjar mill-ġdid/awditjar perjodiku taċ-ċentri ta' testjar;
- kontrolli perjodiċi taċ-ċentri ta' testjar biex jaraw jekk għadhomx konformi mar-regoli u proċeduri applikabbli;
- kontrolli speċjali jew awditjar mhux imħabbra bbażati fuq l-evidenza taċ-ċentri ta' testjar;
- analiżi tad-dejta tat-testijiet biex jaraw jekk teżistix evidenza ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli u proċeduri applikabbli;
- irtirar jew sospensjoni ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija liċ-ċentri ta' testjar.

(b) Spetturi taċ-ċentri ta' testjar:

- rekwiżiti biex wieħed isir spettur ċertifikat;
- taħriġ inizjali u taħriġ ta' aġġornament u eżamijiet;
- irtirar jew sospensjoni ta' ċertifikazzjoni tal-ispetturi.

(c) Tagħmir u post:

- rekwiżiti għat-tagħmir ta' testjar;
- rekwiżiti għall-post ta' testjar;
- rekwiżiti għas-sinjalar;
- rekwiżiti għall-manutenzjoni u l-ikkalibrar ta' tagħmir ta' testjar;
- rekwiżiti għas-sistemi kompjuterizzati.

(d) Korpi ta' superviżjoni:

- setgħat tal-korpi ta' superviżjoni;
 - rekwiżiti applikabbli għall-persunal ta' korpi ta' superviżjoni;
 - appelli u lmenti.
-

DIRETTIVA 2014/46/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tat-3 ta' April 2014****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazżjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

- (1) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn sistema usa' li tiżgura li l-vetturi jinżammu f'kundizzjoni sikura u ambjentali aċċettabbli matul l-użu tagħhom. Dik is-sistemagħandha tipprowdi għall-ttestjar perijodiku tal-affidabilità stradali għall-vetturi u l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għall-vetturi użati għal attivitajiet tat-trasport tat-triq kummerċjali kif ukoll bħala proċedura għar-reġistrazzjoni tal-vettura li tippermetti s-sospensjoni tal-użu ta' awtorizzazzjoni ta' vettura fi traffiku fejn il-vettura tikkostitwixxi riskju immedjat għas-sikurezza stradali.
- (2) Ir-reġistrazzjoni ta' vettura tagħti awtorizzazzjoni amministrattiva għad-dħul tagħha fis-servizz fit-traffiku tat-triq. Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE ⁽³⁾ tapplika biss għall-għoti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi. Irrispettivament minn dan, speċjalment fil-każijiet fejn l-użu ta' vettura fit-toroq pubbliċi jkun joħloq riskju, minħabba s-sitwazzjoni teknika tagħha, għandu jkun possibbli li tiġi sospiża awtorizzazzjoni għall-użu ta' dik il-vettura għal ċertu perjodu ta' żmien. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta minn sospensjoni, ma għandux ikun meħtieġ li wieħed jerġa' jgħaddi minn proċess għdid tar-reġistrazzjoni meta titneħħa s-sospensjoni.
- (3) Għandu jiġi introdott obbligu li tiġi kkanċellata b'mod permanenti reġistrazzjoni ta' vettura b'nota li tkun ġiet ittrattata bħala vettura fl-aħħar stadju ta' ħajja bi qbil mad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾. L-Istati Membri għandhom il-possibilità li jispeċifikaw fid-dritt nazżjonali raġunijiet oħra għall-kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni ta' vettura.
- (4) Anki meta tkun ġiet ikkanċellata reġistrazzjoni ta' vettura, għandu jkun possibbli li jinżamm rekord ta' dik ir-reġistrazzjoni.
- (5) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-informazzjoni relatata mal-vetturi għandha tiġi rreġistrata elettronikament.
- (6) Din id-Direttiva m'għandhiex iżżomm lill-Istat Membru milli jqis is-sett tad-data elettroniku miżmum mill-awtoritajiet kompetenti tagħha bħala sors ewlieni ta' informazzjoni dwar vettura rreġistrata fit-territorju tiegħu. Għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jużaw networks elettroniċi, li fih data mill-bażijiet ta' data nazżjonali, sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni.
- (7) F'każijiet fejn jinstabu nuqqasijiet perikolużi matul test tal-affidabilità stradali, u l-awtorizzazzjoni ta' vettura għall-użu fit-toroq pubbliċi tkun ġiet sospiża, dik is-sospensjoni għandha tiġi rreġistrata sakemm il-vettura tgħaddi minn test tal-affidabilità ieħor.

⁽¹⁾ ĠU C 44, 15.2.2013, p. 128.

⁽²⁾ 2. Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2014.

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34).

- (8) Sabiex jiġi aġġornat il-punt II.4, it-tieni inċiż u l-punt III.1.A(b) kemm tal-Anness I u l-Anness II għad-Direttiva 1999/37/KE fil-każ ta' tkabbir tal-Unjoni, kif ukoll biex jiġi aġġornat il-punt II.6 tal-Anness I marbuta ma' elementi mhux obbligatorji fil-każ ta' bidliet fid-definizzjonijiet jew fil-kontenut ta' ċertifikati ta' konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi tax-xogħol ta' thejġija, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (9) Għalhekk id-Direttiva 1999/37/KE għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 1999/37/KE

Id-Direttiva 1999/37/KE hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, l-ewwel sentenza hija sostitwita kif ġej:

“Din id-Direttiva għandha tapplika għad-dokumenti ta' reġistrazzjoni ta' vettura maħruġin mill-Istati Membri.”;

- (2) fl-Artikolu 2, il-punti li ġejjin jiżdiedu:

“(e) ‘sospensjoni’: tfisser perjodu limitat ta' żmien li fih vettura ma tkunx awtorizzata minn Stat Membru biex tintuża fit-traffiku tat-triq li wara li jseħħ dan - sakemm ir-raġunijiet għas-sospensjoni ma jibqgħux japplikaw - tista' tiġi awtorizzata biex terġa' tintuża mingħajr ma jkun involut proċess ġdid ta' reġistrazzjoni;

(f) ‘kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni’: tfisser il-kanċellazzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-Istat Membru għal vettura biex tintuża fit-traffiku tat-triq.”

- (3) fl-Artikolu 3, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“4. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw elettronikament id-data dwar il-vetturi kollha rreġistrati fit-territorju tagħhom. Dawk id-data għandha tinkludi:

- (a) l-elementi obbligatorji kollha skont l-Anness I punt II.5 tal-Anness I kif ukoll l-elementi tal-punti II.6 (j) u II.6 (V.7) u (V.9) ta' dak l-Anness, meta d-data tkun disponibbli;
- (b) data mhux obligatorja oħra elenkata fl-Anness I jew data miċ-ċertifikat tal-konformità kif previst fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), fejn possibbli;
- (c) l-eżitu ta' testijiet perjodiċi obbligatorji tal-affidabilità stradali skont id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) u l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali.

L-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest ta' din id-Direttiva għandu jitwettaq skont id-Direttivi 95/46/KE (***) u 2002/58/KE (****) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

5. Data teknika dwar vettura għandha tkun disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti jew liċ-ċentri għall-finijiet tal-ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-użu u t-tixrid ta' tali data minn ċentri tal-ittestjar sabiex jiġi evitat użu ħażin.

(*) Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

(**) Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom u tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

(***) Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

(****) Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).";

(4) għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 3a

1. Fejn l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tirċievi notifika ta' test perjodiku tal-affidabilità stradali li juri li l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' vettura partikolari fit-traffiku tat-triq tkun għet sospiża bi qbil mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/45/UE, is-sospensjoni għandha tiġi rreġistrata elettronicament u għandu jitwettaq test ieħor tal-affidabilità stradali.

Is-sospensjoni għandha tkun effettiva sakemm il-vettura tgħaddi minn test ġdid tal-affidabilità stradali. Mat-tlestija b'suċċess tat-test tal-affidabilità stradali, l-awtorità kompetenti għandha tawtorizza mill-ġdid mingħajr dewmien l-użu tal-vettura fit-traffiku tat-triq. Ma għandu jkun meħtieġ l-ebda proċess ġdid ta' rreġistrazzjoni.

L-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistgħu jadottaw miżuri biex jiffaċilitaw l-ittestjar mill-ġdid ta' vettura li l-awtorizzazzjoni tagħha għall-użu fit-traffiku tat-triq għet sospiża. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-għoti ta' -permess għall-ivvjaġġar fit-toroq pubbliċi bejn post tat-tiswiġa u ċentru tal-ittestjar għall-fini ta' test tal-affidabilità stradali.

2. Stat Membru jista' jippermetti lid-detentur taċ-ċertifikat ta' rreġistrazzjoni biex jissottometti lill-awtorità kompetenti għat-trasferiment tar-rreġistrazzjoni lis-sid il-ġdid tal-vettura.

3. Fil-każ li awtorità kompetenti ta' Stat Membru tirċievi notifika li vettura għet ittratata bħala vettura fl-aħħar stadju ta' ħajja skont id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), ir-rreġistrazzjoni ta' dik il-vettura għandha tiġi kkanċellata b'mod permanenti u din l-informazzjoni f'dan is-sens għandha tiżdied mar-rreġistru elettronicu.

(*) Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34).";

(5) fl-Artikolu 5, il-paragrafu li ġej jiżdied:

"3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 5(4) u 8(3) tad-Direttiva 2014/45/UE, l-Istati Membri, bħala kwistjoni ta' prinċipju, għandhom jagħrfu l-validità taċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali ta' vettura fil-każ ta' bidla fis-sjeda ta' vettura - li jkollha prova valida tat-test tal-affidabilità stradali perjodiku.";

(6) L-Artikoli 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 6

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 7 sabiex temenda:

- il-punt II.4, it-tieni inċiż u l-punt III.1.A(b) kemm tal-Anness I u tal-Anness II, fil-każ ta' tkabbir tal-Unjoni,
- il-punt II.6 tal-Anness I marbut ma' elementi mhux obligatorji fil-każ ta' bidliet fid-definizzjonijiet jew tal-kontenut ta' ċertifikati ta' konformità fil-leġislażzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip.

Artikolu 7

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 6 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-19 ta' Mejju 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 6 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni biex tirrevoka għandha ttejjm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att ddelegat adottat skont l-Artikolu 6 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn bl-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(7) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Huma jistgħu jiskambjaw informazzjoni fuq livell bilaterali jew multilaterali b'mod partikolari sabiex jikkontrollaw, qabel kwalunkwe reġistrazzjoni ta' vettura, l-istatus ġuridiku ta' din tal-aħħar, meta jkun meħtieġ fl-Istat Membru fejn qabel kienet reġistrata. Tali verifika tista' tinvolvi b'mod partikolari l-użu ta' netwerk elettroniku, li fiha data mill-bażijiet ta' data nazzjonali biex jiġi faċilitat l-iskambju ta' informazzjoni."

(8) fil-punt II.6 tal-Anness I, il-punt li ġej huwa miżjud:

"(X) prova li vettura tkun għaddiet mit-test tal-affidabilità stradali, id-data tat-test tal-affidabilità stradali li jmiss jew l-iskadenza taċ-ċertifikat attwali".

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw sal-20 ta' Mejju 2017 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jinfirmaw immedjatament lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-20 ta' Mejju 2018.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4***Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2014.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

D. KOURKOULAS

DIRETTIVA 2014/47/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tat-3 ta' April 2014****dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Fil-White Paper tagħha tat-28 ta' Marzu 2011 bl-isem 'Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti', l-Kummissjoni stipulat mira ta' 'viżjoni zero' li permezz tagħha l-Unjoni għandha tersaq qrib lejn zero fatalitajiet fit-trasport tat-triq sal-2050. Biex jintlaħaq dan il-għan, it-teknoloġija tal-vetturi hija mistennija tikkontribwixxi ħafna lejn it-titjib tar-rekord ta' sikurezza tat-trasport tat-triq.
- (2) Fil-Komunikazzjoni tagħha bl-isem 'Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020', il-Kummissjoni tippromovi li tnaqqas l-għadd ġenerali tal-fatalitajiet stradali fl-Unjoni bin-nofs sal-2020 mill-2010. Bil-ħsieb li tintlaħaq dik il-mira, l-Kummissjoni stabbilitet seba' għanijiet strateġiċi u identifikat azzjonijiet għal vetturi aktar sikuri, strateġija biex jitnaqqas l-għadd ta' nies feruti u miżuri għat-titjib tas-sikurezza tal-utenti vulnerabli tat-triq, b'mod partikolari l-motoċiklisti.
- (3) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn sistema usa' li hija maħsuba biex tiżgura li l-vetturi jinżammu f'kundizzjoni sikura u ambjentali aċċettabli matul l-użu tagħhom. Dik is-sistema għandha tkopri testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għall-vetturi u l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għall-vetturi użati għal attivitajiet kummerċjali tat-trasport tat-triq, kif ukoll jistipula proċedura għar-reġistrazzjoni tal-vetturi li tippermetti s-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni ta' vettura milli tintuża fit-traffiku tat-triq fejn il-vettura tikkostitwixxi riskju immedjat għas-sikurezza fit-triqfit-triq. L-ittestjar perjodiku għandu jkun l-għodda ewlenija biex tiġi żgurata l-affidabilità stradali. Spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt ta' vetturi kummerċjali għandhom ikunu biss kumplimentari għal testijiet perjodiċi.
- (4) Fl-Unjoni ġew adottati għadd ta' standardsu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tas-sikurezza tal-vetturi u karatteristiċi ambjentali. Huwa meħtieġ li jkun żgurat, permezz ta' sistema ta' spezzjonijiet tekniċi mhux mistennija waqt it-traġitt, li il-vetturi jkomplu jissodisfaw l-istandards ta' sikurezza.
- (5) L-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt huma element kruċjali sabiex jinkiseb livell għoli kontinwu ta' affidabilità stradali tal-vetturi kummerċjali matul l-użu kollu tagħhom. Spezzjonijiet bħal dawn jikkontribwixxu mhux biss għas-sikurezza fit-triq u tnaqqis tal-emissjonijiet tal-vettura iżda wkoll biex tkun evitata l-kompetizzjoni mhux ġusta fit-trasport tat-triq minħabba li jiġu aċċettati livelli differenti ta' spezzjoni bejn l-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU C 44, 15.2.2013, p. 128.

⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2014 (għadha mhix publikata fil-ġurnal Uffiċjali) u d-Deċizzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2014.

- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ stabilixxa r-Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU). ERRU jippermetti reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport li jkunu interkonnessi fl-Unjoni kollha, b'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali. L-użu ta' dik is-sistema, operata mill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru, jiffaċilita l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri.
- (7) Din id-Direttiva għandha tapplika għal ċerti vetturi kummerċjali b'veloċità skont id-disinn li taqbeż il-25 km/siegħa kif definit fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾. Madanakollu, dan ma għandux iwaqqaf lill-Istati Membri milli jwettqu spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt fuq vetturi mhux koperti minn din id-Direttiva jew milli jiċċekkjaw aspetti oħrajn tat-trasport tat-triq, b'mod partikolari dawk relatati mal-ħin tas-sewqan u tal-mistrieħ, jew it-trasport ta' oġġetti perikolużi.
- (8) It-tratturi bir-roti b'veloċità massima skont id-disinn li tisboq l-40 km/siegħa qed jintużaw dejjem aktar minflok it-trakkijiet f'attivitajiet ta' trasport u għal skopijiet ta' trasport kummerċjali tal-merkanzija. Il-potenzjal ta' riskju tagħhom huwa paragonabbli għal dak ta' trakkijiet, u vetturi f'din il-kategorija, li jintużaw prinċipalment f'toroq pubbliċi, għandhom għaldaqstant jiġu trattati bl-istess mod bħat-trakkijiet fir-rigward tal-ispezzjonijiet tekniċi matul it-traġitt.
- (9) Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾ juru biċ-ċar l-importanza tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt. Matul il-perjodu mill-2009 sal-2010, 'il fuq minn 350 000 vettura suġġetta għal spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt madwar l-Unjoni kollha ġew irrappurtati bħala li jinsabu f'kundizzjoni li tirrikjedi li jiġu immobilizzati. Dawk ir-rapporti juru wkoll differenzi sinifikattivi bejn ir-riżultati ta' spezzjonijiet imwettqa mid-diversi Stati Membri. Matul il-perjodu mill-2009 sal-2010, ir-rata ta' detezzjoni għal ċerti nuqqasijiet kienu ta' bejn 2,1 % tal-vetturi kollha spezzjonati fi Stat Membru wieħed għal 48,3 % f'ieħor. Finalment, dawk ir-rapporti juru id-differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fl-għadd ta' spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt imwettqa. Sabiex jintlaħaq approċċ aktar ibbilanċjat, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-impenn li jwettqu għadd adegwat ta' spezzjonijiet, proporzjonali mal-għadd ta' vetturi kummerċjali rreġistrati u/jew li joperaw fit-territorju tagħhom.
- (10) Il-vannijiet, bħall-vetturi N₁, u t-trejlers tagħhom mhumiex soġġetti għall-istess rekwiżiti fil-livell tal-Unjoni bħall-vetturi heavy duty, bħal rekwiżiti dwar il-ħinijiet tas-sewqan, taħriġ għal xufiera professjonali jew l-istallazzjoni ta' apparat li jillimita l-veloċità. Għalkemm il-vetturi N₁ ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom iqisu dawn il-vetturi fl-istrategġiji ġenerali tagħhom ta' sikurezza fit-toroq u spezzjoni waqt it-traġitt.
- (11) Sabiex jiġu evitati piżijiet u spejjeż amministrattivi mhux meħtieġa u biex titjeb l-effikaċja tal-ispezzjonijiet, għandu jkun possibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jagħżlu, bħala prijorità, vetturi operati minn impriżi li ma jikkonformawx ma' standards tas-sikurezza fit-triq u standards ambjentali, filwaqt li vetturi operati minn operatori responsabbli u li jagħtu każ is-sikurezza u li jinżammu kif xieraq jiġu ppremjati bi spezzjonijiet inqas frekwenti. L-għażla ta' vetturi għal spezzjoni waqt it-traġitt abbażi tal-profil ta' riskju tal-operatori tagħhom tista' tkun ta' użu biex impriżi b'riskju oġġa jiġu kkontrollati aktar mill-qrib u aktar ta' spiss.
- (12) Spezzjonijiet matul it-traġitt għandu jkollhom l-appoġġ tal-użu ta' sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju. Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jitlob li l-Istati Membri jestenduh s-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita skont id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴⁾, fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-ħin tas-sewqan u l-perijodi ta' mistrieħ sabiex tkopri oqsma oħra speċifikati li huma relatati mat-trasport bit-triq,

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jstabilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operator tat-trasport bit-triq u li jgħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).

⁽²⁾ Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 5 ta' Settembru 2007 li tistabilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

⁽³⁾ Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq (ĠU L 203, 10.8.2000, p. 1).

⁽⁴⁾ Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġislazzjoni soċjali li għandha x' taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35).

inkluża l-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali. Għaldaqstant, l-informazzjoni dwar l-għadd u severità tan-nuqqasijiet li jinsabu fil-vetturi għandhom jiddaħħlu fis-sistema tal-klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/22/KE. Għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jiddeċiedu dwar l-arranġamenti tekniċi u amministrattivi xierqa għat-tħaddim tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tar-riskju. L-effikaċja u l-armonizzazzjonis-sistemi ta' klassifikazzjoni tar-riskju madwar l-Unjoni għandhom jiġu analizzati aktar fil-fond.

- (13) Id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni u, fejn applikabbli, l-operatur tal-vettura għandhom ikunu responsabbli li jżommu l-vettura f'kondizzjoni ta' affidabilità stradali.
- (14) L-ispetturi, meta jwettqu spezzjonijiet tekniċi matul it-traġitt, għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u d-deċiżjoni tagħhom m'għandhiex tkun affettwata minn kunflitti ta' interess, inklużi dawk ta' natura ekonomika jew personali, b'mod partikolari fir-rigward tas-sewwieq, l-operatur jew id-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni, li jista' jkollhom effett fuq l-imparzjalità u l-oġġettività tad-deċiżjonijiet tagħhom. M'għandu jkun hemm ebda korrelazzjoni diretta bejn il-gwadann tal-ispetturi u r-riżultati tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt. Dan m'għandux jippreveni lil Stat Membru milli jawtorizza korpi privati milli jwettqu kemm spezzjonijiet tekniċi aktar dettaljati matul it-traġitt kif ukoll tiswijiet ta' vetturi, ukoll fuq l-istess vettura.
- (15) L-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għandhom jikkonsistu minn spezzjonijiet inizjali u, fejn ikun meħtieġ, spezzjonijiet aktar iddetaljati. Fiż-żewġ każijiet għandhom ikopru l-partijiet u s-sistemi rilevanti tal-vetturi. Sabiex tinkiseb armonizzazzjoni ta' spezzjonijiet aktar dettaljati fil-livell tal-Unjoni, għandhom jiġu introdotti metodi tat-test u eżempji tan-nuqqasijiet u l-kategorizzazzjoni tagħhom skont is-severità tagħhom.
- (16) L-irbit tal-merkanzija huwa kruċjali għas-sikurezza stradali. Il-merkanzija għalhekk għandha tkun marbuta b'tali mod li tiflaħ għall-aċċellerazzjonijiet li jsiru waqt l-użu tal-vettura fit-triq. Għall-finijiet ta' prattiċità, l-forzi tal-massa li jirriżultaw minn dawk l-aċċellerazzjonijiet għandhom jintużaw bħala valuri ta' limitu bbażati fuq standards Ewropej. Il-persunal involut f'kontrolli ta' jekk il-merkanzija hijiex marbuta b'mod xieraq għandu jitħarreġ b'mod xieraq.
- (17) Il-partijiet kollha involuti fil-proċess tal-loġistika, inkluż min jippakkja, burdnara, kumpanniji tat-trasport, operaturi u sewwieqa, għandhom rwol fl-iżgurar li l-merkanzija tkun ippakkjata u mġhobbija kif suppost fuq vettura xierqa.
- (18) F'bosta Stati Membri, ir-rapporti tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt huma mfasla permezz ta' mezzi elettroniċi. F'każijiet bħal dawn għandha tingħata kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lix-xufier. Id-data u l-informazzjoni kollha miġbura matul l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għandhom jiġu ttrasferiti għand bażi tad-data komuni tal-Istat Membru kkonċernat, sabiex id-data tkun tista' tiġi pproċessata faċilment u biex l-informazzjoni rilevanti tkun tista' tiġi trasferita mingħajr kwalunkwe piż amministrattiv addizzjonali.
- (19) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet ta' spezzjoni, ir-rapporti dwar spezzjonijiet tekniċi inizjali waqt it-traġitt, inkluż fuq vetturi reġistrati f'pajjiżi terzi, għandu jkun fihom biss informazzjoni essenzjali li jirreġistra li jkun seħħ kontroll fuq vettura partikolari u r-riżultati ta' dan il-kontroll. Rapport dettaljat għandu jkun meħtieġ biss meta ssir spezzjoni aktar dettaljata wara spezzjoni inizjali.
- (20) Il-Kummissjoni għandha teżamina l-possibilità li tikkumbina r-rapport li jinsab fl-Anness IV ma' rapporti oħra.
- (21) L-użu tal-unitajiet mobbli tal-ispezzjoni jnaqqas id-dewmien u l-ispejjeż għall-operaturi peress li jkunu jistgħu jitwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati waqt it-traġitt. L-eqreb ċentri tal-ittejtjar prattikabbli u faċilitajiet ta' spezzjoni waqt it-traġitt appuntatimatul it-traġitt jistgħu jintużaw ukoll sabiex iwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati.

- (22) Il-persunal li jwettaq spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għandu jitħarreġ jew jiġi kkwalifikat kif xieraq, inkluż biex iwettaq spezzjonijiet viżivi b'mod effiċjenti. L-isperturi li jwettqu spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt aktar dettaljati għandu, tal-inqas, ikollhom l-istess ħliet u jissodisfaw l-istess rekwiżiti bħal dawk li jwettqu testijiet tal-affidabilità stradali skont id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-isperturi li jwettqu spezzjonijiet f'faċilitajiet dezinji ta' spezzjonijiet matul it-traġitt jew li jużaw unitajiet mobbli ta' spezzjoni jkunu jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti jew rekwiżiti ekwivalenti approvati mill-awtorità kompetenti.
- (23) Biex jittaffew l-ispejjeż dovuti għall-użu ta' tagħmir tekniku għal spezzjoni waqt it-traġitt aktar dettaljata, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jirrikjedu ħlas meta jkunu nstabu xi nuqqasijiet. L-ammont ta' dak il-ħlas għandu jkun raġonevoli u proporzjonat.
- (24) Il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aqwa Prattiki bejn l-Istati Membri huma kruċjali għall-kisba ta' sistema aktar armonizzata tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt mal-Unjoni kollha. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jaħdmu aktar fil-qrib ukoll waqt attivitajiet operazzjonali meta dan ikun possibbli. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi l-organizzazzjoni perijodika ta' spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt organizzati flimkien.
- (25) Sabiex ikun żgurat l-iskambju effikaċi ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, f'kull Stat Membru għandu jkun hemm punt ta' kuntatt biex ikun l-intermedjarju ma' awtoritajiet kompetenti rilevanti oħrajn. Dak il-punt ta' kuntatt għandu jiġbor statistika rilevanti. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom japplikaw strateġija ta' infurzar nazzjonali koerenti fit-territorju tagħhom u għandhom ikunu jistgħu jinnominaw korp biex jikkoordina l-implimentazzjoni tagħha. L-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru għandhom jagħżlu proċeduri li jistipulaw il-limiti ta' żmien u l-kontenuti tal-informazzjoni li għandha tingħata.
- (26) Meta jingħażlu punti ta' kuntatt, għandhom jiġu rrispettati dispożizzjonijiet kostituzzjonali u l-livell ta' kompetenzi li jirriżulta.
- (27) Sabiex jippermettu li s-sistema tal-ispezzjoni waqt it-traġitt implimentata fl-Unjoni tiġi immonitorjata, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Marzu 2021 u qabel il-31 ta' Marzu kull sentejn wara dan, ir-riżultati tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt imwettqa. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta d-data li tingħabar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (28) Sabiex jiġi minimizzat it-telf ta' ħin għall-impriżi u s-sewwieqa u biex tiżdied l-effikaċja kumplessiva tal-kontrolli matul it-traġitt, tajjeb li jkun imħeġġeġ it-twertiq ta' spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt, flimkien ma' spezzjonijiet li jikkontrollaw il-konformità mal-leġislazzjoni soċjali fil-qasam tat-trasport bit-triq, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, id-Direttiva 2006/22/KE u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 ⁽³⁾.
- (29) L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u għandhom jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawk il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji. L-Istati Membri għandhom jinkludu b'mod partikolari miżuri adegwati biex jindirizzaw nuqqas min-naħa ta' sewwieq jew operatur li jikkooperaw mal-ispertur u għall-użu mhux awtorizzat ta' vettura b'nuqqasijiet serji.
- (30) Biex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tinagħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-affidabilità stradali għall-vetturi bil-magna u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ara paġna 51 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali)

⁽²⁾ Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

⁽³⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8).

⁽⁴⁾ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (31) Il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw il-proċeduri għan-notifika ta' vetturi b'nuqqasijiet kbar jew perikolużi lill-punti ta' kuntatt tal-Istati Membri ta' reġistrazzjoni, u lanqas dawk li jistabbilixxu l-format tad-data għall-komunikazzjoni lill-Kummissjoni ta' informazzjoni miġbura mill-Istati Membri b'rabta ma' vetturi kkontrollati, meta l-Kumitat stabbilit skont din id-Direttiva ma jagħtix opinjoni dwar l-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni ppreżentat mill-Kummissjoni.
- (32) Sabiex jiġu aġġornati l-Artikolu 2(1) u l-Anness IV, punt 6, kif xieraq, mingħajr ma jiġi affettwat il-kamp ta' applikazzjoni, ta' din id-Direttiva, (jiġi aġġornat il-punt 2 tal-Anness II b'rabta mal-metodi; u biex jiġi adattat il-punt 2 tal-Anness II, fir-rigward tal-lista ta' elementi li għandhom jiġu ttestjati, tal-metodi, tar-raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test u tal-valutazzjoni tan-nuqqasijiet, għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti bi qbil mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż flivell espert. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (33) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li ttejjeb is-sigurtà fit-toroq billi tistipula rekwiżiti komuni minimi u regoli armonizzati dwar spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-vetturi fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' minflok, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif inhu stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.
- (34) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif imsemmija fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- (35) Din id-Direttiva tiżviluppa l-iskema eżistenti ta' spezzjonijiet tekniċi matul it-traġitt, taġġorna r-rekwiżiti tekniċi tad-Direttiva 2000/30/KE u tintegra r-regoli misjuba fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/379/UE ⁽¹⁾. B'riżultat ta' dan, id-Direttiva 2000/30/KE għandha tiġi revokata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

SUĖĠETT, DEFINIZZJONIJIET U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Artikolu 1

Suġġett

Sabiex jittejjeb s-sigurtà fit-toroq u l-ambjent, din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi għal sistema ta' spezzjonijiet tekniċi tal-affidabilità waqt it-traġitt ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fit-territorju tal-Istati Membri.

Artikolu 2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-vetturi kummerċjali b'veloċità skont id-disinn li tisboq il-25 km/siegħa tal-kategoriji li ġejjin, kif definit fid-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ u d-Direttiva 2007/46/KE:

- (a) vetturi bil-magna ddisinjati u mibnija primarjament għall-ġarr tal-persuni u l-bagalji tagħhom li jkun fihom aktar minn tmien pożizzjonijiet bil-qiegħda barra l-pożizzjoni bil-qiegħda tax-xufier – kategoriji ta' vetturi M₂ u M₃;

⁽¹⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/379/UE tal-5 ta' Lulju 2010 dwar il-valutazzjoni tar-riskju tan-nuqqasijiet li jinstabu waqt spezzjonijiet tekniċi (ta' vetturi kummerċjali) fit-triq skont id-Direttiva 2000/30/KE (ĠU L 173, 8.7.2010, p. 97).

⁽²⁾ Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru. 2003/37/KE tas-26 ta' Mejju, 2003, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresti, il-karrijiet tagħhom u makkinarju irmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati u r-revoka tad-Direttiva 74/150/KEE (ĠU L 171, 9.7.2003, p. 1).

- (b) vetturi bil-magna ddisinjati u mibnija primarjament għall-ġarr ta' oġġetti u b'massa massima li taqbeż it-3,5 tunnellati – kategoriji tal-vetturi N_2 u N_3 ;
- (c) trejlers iddisinjati u mibnija għall-ġarr ta' oġġetti jew persuni, kif ukoll għall-akkomodazzjoni ta' persuni, b'massa massima li taqbeż it-3,5 tunnellati – kategoriji tal-vetturi O_3 u O_4 ;
- (d) tratturi bir-roti tal-kategorija T5, li l-użu tagħhom iseħħ l-aktar f'toroq pubbliċi għal skopijiet ta' trasport kummerċjali bit-triq, b'veloċità massima skont id-disinn li taqbeż 1-40 km/siegħa.

2. Din id-Direttiva ma taffettwax id-dritt tal-Istati Membri li jwettqu spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt fuq vetturi mhux koperti minn din id-Direttiva, bħal vetturi kummerċjali ħief tal-kategorija N_1 li jkollhom massa massima li ma tisboqx 3,5 tunnellata, u li jiċċekkjaw aspetti oħra tat-trasport u s-sigurtà fit-toroq, jew milli jitwettqu spezzjonijiet f'postijiet li mhumiex toroq pubbliċi. Xejn minn din id-Direttiva ma jżomm lil Stat Membru milli jillimita l-użu ta' tip partikolari ta' vettura għal ċerti partijiet tan-netwerk tiegħu tat-toroq minħabba raġunijiet ta' sikurezza fit-triq.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw biss għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

- (1) 'vettura' tfisser kull vettura bil-magna li ma timxix fuq il-linji ferrovjarji jew il-karru jew tagħha;
- (2) 'vettura bil-magna' tfisser kull vettura bir-roti li tuża l-enerġija biex timxi u tiċċaqlaq bis-saħħa tal-mezzi tagħha stess b'veloċità massima skont id-disinn li taqbeż il-25 km/siegħa;
- (3) "trejler" tfisser kwalunkwe vettura bir-roti li ma għandhiex propulsjoni tagħha stess imfassla u mibnija biex tiġi rmunkata minn vettura bil-magna;
- (4) 'semitrejler' tfisser kwalunkwe trejler iddisinjat biex jingħaqad ma' vettura bil-magna b'mod li parti minnu jistrieħ fuq il-vettura bil-magna u parti sostanzjali tal-massa tiegħu u tal-massa tat-tagħbija tiegħu tinġarr mill-vettura bil-magna;
- (5) 'merkanzija' tfisser l-oġġetti kollha li normalment jitpoġġew fi jew fuq il-parti tal-vettura ddisinjata biex iġġorr tagħbija u li mhumiex imwahnha mal-vettura b'mod permanenti, inklużi oġġetti ġewwa l-kerjers tat-tagħbija bħal kannestri, sovrastrutturi interkambjabli ('swap body') jew kontenituri fuq il-vetturi;
- (6) 'vettura kummerċjali' tfisser vettura bil-magna u t-trejler tagħha jew semitrejler użat primarjament għat-trasport ta' oġġetti jew passiġġieri għal finijiet kummerċjali, bħat-trasport għall-kiri u kumpens jew trasport proprju, jew għal finijiet professjonali oħra;
- (7) 'vettura rreġistrata fi Stat Membru' tfisser vettura li hija rreġistrata jew li ddaħlet fis-servizz fi Stat Membru;
- (8) 'detentur ta' ċertifikat tar-reġistrazzjoni' tfisser il-persuna ġuridika jew fiżika li l-vettura hija rreġistrata fisimha;
- (9) 'impriża' tfisser impriża kif definita fil-punt 4 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009;
- (10) 'spezzjoni teknika waqt it-traġitt' tfisser spezzjoni teknika mhux mistennija tal-affidabilità stradali ta' vettura kummerċjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, jew taħt is-supervizzjoni diretta tagħhom;

- (11) 'triq pubblika' tfisser triq li tkun ta' użu għall-pubbliku ġenerali, bħal triq lokali, reġjonali jew nazzjonali, highway, expressway jew awtostradi;
- (12) 'test tal-affidabilità stradali' tfisser spezzjoni skont il-punt (9) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/45/UE;
- (13) 'ċertifikat ta' affidabilità stradali' tfisser rapport tat-test tal-affidabilità stradali maħruġ mill-awtorità kompetenti jew iċ-ċentru tal-ittestjar li fih ir-riżultat tat-test tal-affidabilità stradali;
- (14) 'awtorità kompetenti' tfisser awtorità jew korp pubbliku fdat minn Stat Membru b'responsabbiltà għall-ġestjoni tas-sistema ta' spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt, inkluż, fejn xieraq, it-twettiq ta' tali spezzjonijiet;
- (15) 'spettur' tfisser persuna awtorizzata minn Stat Membru jew mill-awtorità kompetenti tiegħu biex twettaq spezzjonijiet tekniċi inizjali waqt it-traġitt u/jew spezzjonijiet tekniċi aktar dettaljati waqt it-traġitt;
- (16) 'nuqqasijiet' tfisser difetti tekniċi u istanzi oħra ta' nuqqas ta' konformità li jinstabu matul spezzjoni teknika waqt it-traġitt;
- (17) 'spezzjoni konġunta waqt it-traġitt' tfisser spezzjoni teknika waqt it-traġitt magħmula b'mod konġunt mill-awtoritajiet kompetenti ta' żewġ Stati Membri jew aktar.
- (18) 'operatur' tfisser persuna fiżika jew legali li topera l-vettura bħala sidha jew li hija awtorizzata topera l-vettura minn sidha;
- (19) 'unità ta' ispezzjoni mobbli' tfisser sistema trasportabbli ta' tagħmir ta' ittestjar meħtieġ għat-twettiq ta' spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt aktar dettaljati, b'persunal magħmul minn spetturi kompetenti biex iwettqu spezzjonijiet tekniċi aktar dettaljati matul it-traġitt;
- (20) 'faċilità magħżula għall-ispezzjoni waqt it-traġitt' tfisser żona fissa għat-twettiq ta' spezzjonijiet tekniċi aktar dettaljati matul it-traġitt li jstgħu wkoll ikunu mgħammra b'tagħmir ta' ittestjar installat permanentement.

KAPITOLU II

SISTEMA TA' SPEZZJONIJIET TEKNIĊI WAQT IT-TRAĠITT U OBBLIGI ĠENERALI

Artikolu 4

Sistema tal-ispezzjonijiet waqt it-traġitt

Is-sistema tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għandha tinkludi spezzjonijiet tekniċi inizjali waqt it-traġitt kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) u spezzjonijiet tekniċi aktar dettaljati waqt it-traġitt kif imsemmi fl-Artikolu 10(2).

Artikolu 5

Persentaġġ tal-vetturi li għandhom jiġu spezzjonati

1. Għall-vetturi msemmeja fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 2(1), f'kull sena kalendarja l-għadd totali ta' spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt inizjali fl-Unjoni għandu jikkorrispondi għal mhux inqas minn 5 % tal-għadd totali ta' tali vetturi li jkunu rreġistrati fl-Istati Membri.
2. Kull Stat Membru għandu jagħmel sforzi biex iwettaq għadd xieraq ta' spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt inizjali, b'mod proporzjonat għall-għadd totali ta' tali vetturi li jkunu rreġistrati fit-territorju tiegħu.
3. L-informazzjoni dwar il-vetturi spezzjonati għandha tiġi komunikata lill-Kummissjoni bi qbil mal-Artikolu 20(1).

*Artikolu 6***Sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju**

Għall-vetturi msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 2(1), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li tikkonċerna l-għadd u s-severità tan-nuqqasijiet stabbilita fl-Anness III u, fejn ikun applikabbli, l-Anness IV li jinstabu fuq il-vetturi mħaddma minn impriżi individwali tiġi introdotta fis-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/22/KE. Għall-għoti ta' profil ta' riskju lil impriża, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness I. Dik l-informazzjoni għandha tintuża biex jiġu verifikati aktar mill-qrib u aktar ta' spiss impriżi bi klassifikazzjoni għolja ta' riskju. Is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju għandha tiġi mħaddma mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni għandu juża l-informazzjoni rċevuta minn Stati Membri oħra skont l-Artikolu 18(1).

L-Istati Membri jistgħu jippermettu testijiet volontarji ta' affidabilità. L-informazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti ta' affidabilità stradali miksuba minn testijiet volontarji jistgħu jitqiesu sabiex jittejjeb il-profil ta' riskju ta' impriża.

*Artikolu 7***Responsabilitajiet**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, meta dawn ikun disponibbli, jinżammu abbord il-vettura iċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali l-aktar riċenti jew il-kopja tiegħu jew, f'każ ta' ċertifikat ta' affidabilità prodott b'mod elettroniku, kopja stampata ċertifikata jew oriġinali ta' dak iċ-ċertifikat, u r-rapport tal-aħħar spezzjoni teknika waqt it-traġitt. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet tagħhom li jaċċettaw evidenza elettronika ta' dawn l-ispezzjonijiet meta din l-informazzjoni tkun aċċessibbli.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-impriżi u x-xufiera ta' vettura suġġetta għal spezzjoni teknika waqt it-traġitt jikkooperaw mal-ispetturi u jipprovdu aċċess għall-vettura, il-partijiet tagħha u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti għall-finijiet tal-ispezzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabilitajiet tal-impriżi għaż-żamma tal-vetturi tagħhom f'kundizzjoni tajba ta' sikurezza u affidabilità jiġu definiti, mingħajr preġudizzju għar-responsabilitajiet tax-xufiera ta' dawk il-vetturi.

*Artikolu 8***Spetturi**

1. Meta jagħżlu vettura għal spezzjoni teknika waqt it-traġitt u meta jwettqu dik l-ispezzjoni, l-ispetturi ma għandhom iwettqu l-ebda diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità tax-xufier jew il-pajjiż tar-reġistrazzjoni jew tad-dħul fis-servizz tal-vettura.

2. Meta tkun qed titwettaq spezzjoni teknika matul it-traġitt, l-ispettur għandu jkun ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jkollu impatt fuq l-imparzjalità u l-oġġettività tad-deċiżjoni tiegħu.

3. Il-gwadann ta' spetturi m'għandux ikun direttament relatat mar-riżultati tal-ispezzjonijiet tekniċi inizjali jew aktar dettaljati waqt it-traġitt.

4. Għandhom jitwettqu spezzjonijiet tekniċi aktar dettaljati waqt it-traġitt minn spetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ stipulati fl-Artikolu 13 u fl-Anness IV tad-Direttiva 2014/45/UE. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-ispetturi li jwettqu spezzjonijiet f'faċilitajiet dezinji ta' spezzjonijiet matul it-traġitt jew li jużaw unitajiet mobbli ta' spezzjoni għandhom jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti jew rekwiżiti ekwivalenti approvati mill-awtorità kompetenti.

KAPITOLU III

PROĊEDURI TAL-ISPEZZJONIJIET

Artikolu 9

Għażla tal-vetturi għall-ispezzjoni teknika inizjali waqt it-traġitt

Meta jkunu qed jiġu identifikati l-vetturi suġġetti għal spezzjoni teknika inizjali waqt it-traġitt, l-ispetturi jistgħu jagħżlu, bħala prijorità, il-vetturi mħaddma minn impriżi bi profil ta' riskju għoli kif imsemmi fid-Direttiva 2006/22/KE. Il-vetturi jistgħu wkoll jintgħażlu b'mod każwali għall-ispezzjoni, jew fejn hemm suspett li l-vettura tippreżenta riskju għas-sikurezza fit-triq jew għall-ambjent.

Artikolu 10

Kontenut u metodi tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vetturi li jintgħażlu skont l-Artikolu 9 jkunu soġġetti għal spezzjoni teknika inizjali waqt it-traġitt.

Waq t kull spezzjoni teknika inizjali waqt it-traġitt ta' vettura, l-ispettur:

- (a) għandu jivverifika ċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali u r-rapport tal-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt l-aktar reċenti, fejn ikunu disponibbli, li jkunu qed jinżammu abbord jew evidenza elettronika ta' dawn skont l-Artikolu 7(1);
- (b) għandu jwettaq valutazzjoni viżiva tal-kundizzjoni teknika tal-vettura;
- (c) jista' jagħmel valutazzjoni viżiva tal-irbit tal-merkanzija tal-vettura f'konformità mal-Artikolu 13;
- (d) jista' jwettaq kontrolli tekniċi permezz ta' kwalunkwe metodu li huwa jqis xieraq. Kontrolli tekniċi bħal dawn jistgħu jitwettqu sabiex tiġi ssostanzjata deċiżjoni li l-vettura tiġi sottomessa għal spezzjoni teknika aktar dettaljata waqt it-traġitt, jew biex issir talba sabiex in-nuqqasijiet jiġu rrettifikati mingħajr dewmien skont l-Artikolu 14 (1).

L-ispettur għandu jivverifika jekk kwalunkwe nuqqasijiet indikati fir-rapport ta' qabel ta' ispezzjoni teknika waqt it-traġitt ġewx rettifikati.

2. Abbażi tar-riżultat tal-ispezzjoni inizjali, l-ispettur għandu jiddeċiedi jekk il-vettura jew it-trejler tagħha għandhiex tkun soġġetta għal spezzjoni aktar dettaljata waqt it-traġitt.

3. Spezzjoni teknika aktar dettaljata għandha tkopri dawk l-elementi elenkati fl-Anness II li jitqiesu bħala meħtieġa u rilevanti, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu s-sikurezza tal-brejkijiet, t-tajers, r-roti, x-xażi u l-fastidju, u l-metodi rakkomandati applikabbli għall-ittestjar ta' dawk l-elementi.

4. Fejn iċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali jew rapport tal-ispezzjoni waqt it-traġitt juri li spezzjoni ta' wieħed mill-elementi elenkati fl-Anness II twettaq matul it-tliet xhur ta' qabel, l-ispettur ma għandux jiċċekkja dak l-element, ħlief jekk tali ċċekkjar ikun ġustifikat fuq il-bażi ta' nuqqas ovvjju.

Artikolu 11

Faċilitajiet ta' spezzjoni

1. Għandha titwettaq spezzjoni teknika aktar dettaljata waqt it-traġitt permezz ta' unità mobbli tal-spezzjoni jew faċilità magħżula għall-ispezzjoni waqt it-traġitt, jew f'ċentru tal-ittestjar kif imsemmi fid-Direttiva 2014/45/UE.

2. Fejn ikollha titwettaq ispezzjoni aktar dettaljata f'ċentru tal-ittejtjar jew f'faċilità magħżula għall-ispezzjoni waqt it-traġitt, din għandha titwettaq malajr kemm jista' jkun f'wieħed mill-eqreb ċentri jew faċilitajiet Prattikabbli.

3. L-unitajiet mobbli tal-ispezzjoni u l-faċilitajiet magħżula għall-ispezzjoni waqt it-traġitt għandhom jinkludu tagħmir xieraq għat-twettiq ta' spezzjoni teknika aktar dettaljata waqt it-traġitt, inkluż it-tagħmir meħtieġ għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-brejkijiet u l-effiċjenza tal-brejkijiet, l-istering, is-sospensjoni u l-fastidju kkawżat mill-vettura, kif meħtieġ. Meta l-unitajiet ta' spezzjoni mobbli jew il-faċilitajiet magħżula tal-ispezzjoni waqt it-traġitt ma jinkludux it-tagħmir meħtieġ biex jivverifika element indikat fi spezzjoni inizjali, il-vettura għandha tiġi diretta lejn ċentru jew faċilità tal-ittejtjar fejn tkun tista' ssir verifika dettaljata ta' dak l-element.

Artikolu 12

Valutazzjoni tan-nuqqasijiet

1. Għal kull element spezzjonat, L-Anness II jipprovdi l-lista ta' nuqqasijiet possibbli u l-livell tagħhom ta' severità li għandha tintuża matul l-ispezzjonijiet ta' affidabilità teknika matul it-traġitt.

2. In-nuqqasijiet li jinsabu waqt spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-vetturi għandhom jiġu kklassifikati f'wieħed mill-gruppi li ġejjin:

(a) nuqqasijiet minuri li ma għandhom ebda effett sinifikanti fuq is-sikurezza tal-vettura jew ikollhom impatt fuq l-ambjent u nuqqasijiet minuri ta' konformità oħrajn.

(b) nuqqasijiet kbar li jistgħu jippreġudikaw is-sikurezza tal-vettura jew li jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent jew li jistgħu iqiegħdu fil-periklu lil utenti oħra tat-triq jew nuqqasijiet ta' konformità sinifikanti oħrajn;

(c) nuqqasijiet perikolużi li joħlqu riskju dirett u immedjat għas-sikurezza fit-triq jew li jkollhom impatt fuq l-ambjent.

3. Vettura li għandha nuqqasijiet li jappartjenu f'aktar minn grupp ta' nuqqasijiet wieħed imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu kklassifikati fil-grupp li jikkorrispondi għan-nuqqas l-aktar serju. Vettura li turi diversi nuqqasijiet fl-istess oqsma ta' spezzjoni kif definit fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt imsemmija fil-punt 1 tal-Anness II jistgħu jiġu kklassifikati fil-grupp li jkun imiss ta' nuqqasijiet l-aktar serji jekk jitqies li l-effett kombinat ta' dawk in-nuqqasijiet jirriżulta f'riskju ogħla għas-sikurezza fit-triq.

Artikolu 13

L-ispezzjoni tal-irbit tal-merkanzija

1. Waqt spezzjoni waqt it-traġitt vettura tista' tkun soġġetta għal spezzjoni tal-irbit tal-merkanzija tagħha skont l-Anness III, biex ikun żgurat li l-merkanzija hija marbuta b'tali mod li ma tkunx ta' interferenza għas-sewqan sikur, jew tkun ta' theddida għall-ħajja, is-saħħa, il-proprjetà jew l-ambjent. Il-kontrolli jistgħu jitwettqu biex jiġi iiverifikat li matul kull tip ta' tħaddim tal-vettura, inkluż sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew manuvri ta' startjar f'telgħa:

— it-tagħbijiet jistgħu jibdlu biss minimament il-pożizzjoni tagħhom relattivament ma' xulxin, mal-ħitan jew l-uċuh tal-vettura u,

— it-tagħbijiet ma jistgħux iħallu l-ispazju tal-merkanzija jew jiċċaqalqu 'l barra mill-wiċċ tat-tagħbijiet.

2. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti applikabbli għat-trasport ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti bħal dawk koperti mill-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR)⁽¹⁾, l-irbit tal-merkanzija u l-ispezzjoni tal-irbit tal-merkanzija jistgħu jitwettqu skont il-prinċipji u fejn xieraq, l-istandards stabbiliti fit-taqsimi I tal-Anness III. Tista' tintuża l-aħħar verżjoni tal-istandards stipulati fil-punt 5 tat-taqsimi I tal-Anness III.

⁽¹⁾ Traspost bid-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13), kif emendata, inter alia, bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2012/45/UE (ĠU L 332, 4.12.2012, p. 18).

3. Il-proċeduri ta' segwitu msemmija fl-Artikolu 14 jistgħu japplikaw ukoll f'każ ta' nuqqasijiet kbar jew perikolużi relatati mal-irbit tal-merkanzija.

4. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-persunal involut fil-kontrolli tas-sigurtà tal-merkanzija jkunu mħarrġa tajjeb għal dak l-iskop.

Artikolu 14

Segwitu f'każ ta' nuqqasijiet kbar jew perikolużi

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14(3), l-Istati Membri għandhom jipprovdu li kull nuqqas kbir jew perikoluż li joħroġ waqt spezzjoni inizjali jew aktar dettaljata għandu jiġi rrettifikat qabel ma l-vettura tintuża ulterjorment fit-toroq pubbliċi.

2. L-ispettur jista' jiddeċiedi li l-vettura għandha tkun soġġetta għal test komplet tal-affidabilità stradali fl-iskadenza ta' żmien speċifikata jekk il-vettura tkun irreġistrata fl-Istat Membru fejn tkun twettqet l-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt. Jekk il-vettura tkun irreġistrata fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti tista' titlob lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru l-ieħor, permezz tal-punti ta' kuntatt msemmija fl-Artikolu 17, biex twettaq mill-ġdid test tal-affidabilità stradali ieħor tal-vettura filwaqt li ssegwi l-proċedura stipulata fl-Artikolu 18(2). Fejn jinstabu nuqqasijiet kbar jew perikolużi fuq vettura reġistrata barra mill-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinformat lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' reġistrazzjoni tal-vettura.

3. Fil-każ ta' nuqqasijiet li jkunu jirrikjedu rettifika malajr jew minnufih minħabba xi riskju dirett jew indirett għas-sikurezza fit-triq, l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti kkonċernati għandhom jipprovdu li l-użu tal-vettura in kwistjoni jkun ristrett jew ipprojbit sakemm daww in-nuqqasijiet jiġu rrettifikati. L-użu ta' tali vettura jista' jiġi permess sabiex tasal sa wieħed mill-eqreb ħwienet tax-xogħol fejn daww in-nuqqasijiet jistgħu jiġu rrettifikati, bil-kondizzjoni li n-nuqqasijiet perikolużi in kwistjoni jkunu ssewwew b'mod li jippermetti li l-vettura tasal f'dak il-ħanut tax-xogħol u li ma jkun hemm ebda riskju immedjat għas-sikurezza tal-okkupanti jew tal-utenti tat-triq l-oħrajn. F'każ ta' nuqqasijiet li ma jirrikjedux rettifika immedjata, l-Istati Membri jew l-awtorità kompetenti kkonċernata jistgħu jiddeċiedu dwar il-kundizzjonijiet u skadenza ta' żmien raġonevoli li matulha l-vettura tista' tintuża qabel ma n-nuqqasijiet jiġu rrettifikati.

Meta l-vettura ma tistax tisewwa b'tali mod li tasal sal-ħanut tax-xogħol, il-vettura tista' titwassal sa sit disponibbli fejn tista' tisewwa.

Artikolu 15

Tariffi tal-ispezzjoni

Meta jinstabu nuqqasijiet wara spezzjoni aktar dettaljata, l-Istati Membri jistgħu jintalbu l-ħlas ta' tariffa raġonevoli u proporzjonata li għandha tkun marbuta mal-ispiża tat-twettiq tal-ispezzjoni.

Artikolu 16

Rapport tal-ispezzjoni u bażijiet tad-data dwar spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt

1. Għal kull spezzjoni teknika inizjali waqt it-traġitt li titwettaq għandha tiġi kkomunikata l-informazzjoni li ġeja lill-awtorità kompetenti:

(a) il-pajjiż ta' reġistrazzjoni tal-vettura;

(b) il-kategorija tal-vettura;

(c) l-eżitu tal-ispezzjoni teknika inizjali waqt it-traġitt.

2. Mat-tlestija tal-ispezzjoni aktar dettaljata, l-ispettur għandu jfassal rapport skont l-Anness IV. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li x-xufier tal-vettura tingħatalu kopja tar-rapport tal-ispezzjoni.

3. L-ispettur għandu jikkomunika r-risultati tal-ispezzjoni teknika aktar dettaljata waqt it-traġitt lill-awtorità kompetenti, flimutu ta' żmien raġonevoli wara dik l-ispezzjoni. L-awtorità kompetenti għandha żżomm dik l-informazzjoni skont il-leġislazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data għal mhux inqas minn 36 xahar mid-data ta' meta tiġi irċevuta.

KAPITOLU IV

KOOPERAZZJONI U SKAMBJU TAL-INFORMAZZJONI*Artikolu 17***Ħatra ta' punt ta' kuntatt**

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru punt ta' kuntatt li għandu:
 - jiżgura l-koordinazzjoni mal-punti ta' kuntatt li jinħatru mill-Istati Membri l-oħra fir-rigward ta' azzjonijiet li jittieħdu skont l-Artikolu 18,
 - jikkomunika d-data msemmija fl-Artikolu 20 lill-Kummissjoni,
 - jiżgura, meta dan ikun xieraq, kwalunkwe skambju ieħor ta' informazzjoni ma' punti ta' kuntatt tal-Istati Membri l-oħra u għoti ta' għajnuna lill-punti ta' kuntatt tal-Istati Membri l-oħra;
2. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni sal-20 ta' Mejju 2015, u għandhom jinfurmawha bla dewmien bi kwalunkwe tibdil. Il-Kummissjoni għandha tfassal lista tal-punti ta' kuntatt nazzjonali kollha, u tibgħatha lill-Istati Membri.

*Artikolu 18***Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri**

1. Meta jinstabu nuqqasijiet kbar jew perikolużi, jew nuqqasijiet li jirriżultaw f'limitazzjoni jew f'projbizzjoni tal-użu tal-vettura, f'vettura li mhijiex irreġistrata fl-Istat Membru tal-ispezzjoni, il-punt ta' kuntatt għandu jinnotifika ir-riżultati tal-ispezzjoni lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Dik in-notifika għandu jkun fiha l-elementi tar-rapport tal-ispezzjoni waqt it-traġitt kif stipulat fl-Anness IV u għandha tiġi kkomunikata kemm jista' jkun permezz tar-reġistru elettroniku nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri għan-notifika tal-vetturi b'nuqqasijiet kbar jew perikolużi lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(2).
2. Fkażijiet fejn jinstabu nuqqasijiet kbar jew perikolużi f'vettura, il-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru li fih il-vettura ġiet spezzjonata jista' jitlob, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fiha hija rreġistrata l-vettura, permezz tal-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru tal-aħħar, biex tiegħu azzjoni xierqa ta' segwitu, bħas-sottomissjoni tal-vettura għal test ieħor tal-affidabilità stradali kif ipprovdut fl-Artikolu 14.

*Artikolu 19***Spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt kongunti**

Ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom iwettqu regolarment spezzjonijiet konġunti waqt it-traġitt. L-Istati Membri jistgħu jikkombinaw dawk l-attivajiet ma' dawk stipulati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/22/KE.

*Artikolu 20***Komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-Kummissjoni**

1. Qabel il-31 ta' Marzu 2021 u qabel il-31 ta' Marzu kull sentejn wara dan, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, b'mezzi elettroniċi, id-data li tinġabar relatata mas-sentejn kalendarji ta' qabel u li tikkonċerna l-vetturi spezzjonati fit-territorju tagħhom. Dik id-data għandha tinkludi:
 - (a) l-għadd ta' vetturi spezzjonati;
 - (b) il-kategorija tal-vetturi spezzjonati;
 - (c) il-pajjiż ta' reġistrazzjoni ta' kull vettura spezzjonata;

(d) f'każ ta' spezzjonijiet aktar dettaljati, il-partijiet iċċekjati u l-elementi li ma għadewx, skont il-punt 10 tal-Anness IV.

L-ewwel rapport għandu jkompri l-perjodu ta' sentejn li jibda fl-1 ta' Jannar 2019.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati, skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(2), dwar il-format li bih id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkomunikata b'mezzi elettroniċi. Sakemm jiġu stabbiliti dawn ir-regoli, għandha tintuża l-formola standard tar-rappurtar stipulata fl-Anness V.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta d-data li tinġabar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR SETGĦAT IDDELEGATI U TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 21

Atti ddelegati

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 22 sabiex:

- taġġorna l-Artikolu 2(1) u l-punt 6 tal-Anness IV, kif xieraq sabiex tqis it-tibdil fil-kategoriji tal-vetturi li jirriżulta mill-emendi għal-leġislazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu, mingħajr ma jiġi affettwat il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva;
- taġġorna il-punt 2 tal-Anness II, b'raba mal-metodi f'każ li jsiru disponibbli ta' metodi ta' ttestjar aktar effettivi u effiċjenti, mingħajr ma tiġi estiża l-lista ta' oġġetti li jridu jiġu ttestjati;
- tadatta l-punt 2 tal-Anness II, wara l-valutazzjoni pożittiva tal-ispejjeż u l-benefiċċji involuti, fir-rigward tal-lista ta' elementi, metodi, raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test u valutazzjoni tan-nuqqasijiet f'każijiet ta' tibdil ta' rekwiżiti obbligatorji rilevanti għal leġislazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza jew l-ambjent għal approvazzjoni tat-tip.

Artikolu 22

Eżerċitar ta' delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 21 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mid-19 ta' Mejju 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 21 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 21 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu ta' żmien għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 23***Proċedura tal-kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar l-Affidabilità Stradali msemmi fid-Direttiva 2014/45/UE. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet paragrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET AĦĦARIN*Artikolu 24***Rappurtar**

1. Sal-20 ta' Meju 2016, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva. Dan ir-rapport għandu janalizza b'mod partikolari l-effetti f'termini ta' titjib tas-sikurezza fit-triq kif ukoll l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-inklużjoni possibbli ta' vetturi tal-kategoriji N₁ u O₂ fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
2. Mhux aktar tard mill-20 ta' Meju 2022, il-Kummissjoni għandha tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva b'mod partikolari fir-rigward tal-effikaċja u l-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tar-riskju, partikolarment fid-definizzjoni ta' profil ta' riskju reċiprokament paragunabbli tad-diversi impriżi kkonċernati. Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat b'valutazzjoni dettaljata tal-impatt li tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji madwar l-Unjoni. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tkun disponibbli għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill mill-inqas sitt xhur qabel titressaq kwalunkwe proposta leġislattiva, jekk xieraq, biex jiġu inklużi kategoriji ġodda ta' vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 25***Pieni**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Dawk il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.

*Artikolu 26***Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw sal-20 ta' Meju 2017 l-lijigijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni b'dawn.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-20 ta' Meju 2018.

Fir-rigward tas-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva, huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-20 ta' Meju 2019.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza ta' dan it-tip meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stipulati mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 27***Tħassir**

Id-Direttiva 2000/30/KE hija mħassra b'effett mill-20 ta' Mejju 2018.

*Artikolu 28***Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 29***Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2014.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

D. KOURKOULAS

ANNEX I

ELEMENTI TAS-SISTEMA TA' KLASSIFAZZJONI TAR-RISKJU

Is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju għandha tipprovdi l-bażi għal għażla mmirata ta' vetturi mħaddma minn impriżi b'rekord ħażin fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti ta' manutenzjoni tal-vetturi u tal-affidabilità stradali. Din għandha tqis ir-riżultati kemm mit-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali kif ukoll mill-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt.

Is-Sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju għandha tqis il-parametri li ġejjin biex tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni ta' riskju għall-impriża kkonċernata:

- għadd ta' nuqqasijiet
- severità tan-nuqqasijiet
- għadd ta' spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt jew testijiet perjodiċi u volontarji tal-affidabilità stradali
- fattur taż-żmien

1. In-nuqqasijiet għandhom jiġu ppeżati skont is-severità tagħhom bl-użu tal-fatturi ta' severità li ġejjin:

- Nuqqas perikoluż = 40
- Nuqqas maġġuri = 10
- Nuqqas minuri = 1

2. L-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni ta' (vettura ta') impriża għandha tiġi riflessa billi tiġi applikata peżatura aktar baxxa għal riżultati ta' spezzjonijiet "eqdem" (nuqqasijiet) minn dawk aktar "reċenti" billi jintużaw il-fatturi li ġejjin:

- Sena 1 = l-aħħar 12-il xahar = fattur 3
- Sena 2 = xahar 13-24 = fattur 2
- Sena 3 = xahar 25-36 = fattur 1

Dan għandu japplika biss għall-ikkalkular tal-klassifikazzjoni tar-riskju kumplessiv.

3. Il-klassifikazzjoni tar-riskju għandha tiġi kkalkolata bl-użu tal-formoli li ġejjin:

(a) Il-formola għall-klassifikazzjoni kumplessiva tar-riskju

$$RR = \frac{(D_{Y1} \times 3) + (D_{Y2} \times 2) + (D_{Y3} \times 1)}{\#C_{Y1} + \#C_{Y2} + \#C_{Y3}}$$

Fejn

RR = valur tal-klassifikazzjoni kumplessiva tar-riskju

D_{Yi} = total għad-difetti fis-sena 1, 2, 3

D_{Y1} = ($\#DD \times 40$) + ($\#MaD \times 10$) + ($\#MiD \times 1$) fis-sena 1

$\#...$ = għadd ta' ...

DD = nuqqasijiet perikolużi

MaD = nuqqasijiet maġġuri

MiD = nuqqasijiet minuri

C = verifiki (spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt jew testijiet perjodiċi u volontarji tal-affidabilità stradali)
fis-sena 1, 2, 3

(b) Il-formola għall-klassifikazzjoni annwali tar-riskju

$$AR = \frac{(\#DD \times 40) + (\#MaD \times 10) + (\#MiD \times 1)}{\#C}$$

Fejn

AR = valur annwali tar-riskju

#... = għadd ta' ...

DD = nuqqasijiet Perikolużi

MaD = nuqqasijiet Maġġuri

MiD = nuqqasijiet Minuri

C = verifiki (spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt jew testijiet perjodiċi u volontarji tal-affidabilità stradali)

Ir-riskju annwali għandu jintuża biex tiġi vvalutata l-evoluzzjoni ta' impriża tul is-snin.

Il-klassifikazzjoni tal-impriżi (vetturi) ibbażati fuq il-klassifikazzjoni kumplessiva tar-riskju għandha titwettag b'tali mod li tintlaħaq id-distribuzzjoni li ġejja tal-impriżi elenkati (vetturi):

— < 30 % riskju baxx

— 30 % - 80 % riskju medju

— > 80 % riskju għoli.

—

ANNEX II

AMBITU TAL-ISPEZZJONI TEKNIKA WAQT IT-TRAĠITT

1. OQSMA TA' SPEZZJONI

- (0) Identifikazzjoni tal-vettura
- (1) Tagħmir tal-ibbrejtkjar
- (2) Stering
- (3) Viżibbiltà
- (4) Tagħmir tat-tidwil u l-partijiet tas-sistema elettrika
- (5) Fusijiet, roti, tajers, sospensjoni
- (6) Xażi u aċċessorji tax-xażi
- (7) Tagħmir ieħor
- (8) Fastidju
- (9) Testijiet addizzjonali għall-vetturi tal-kategoriji M_2 u M_3 li jgħorru l-passiġġieri.

2. REKWIŻITI TAL-ISPEZZJONI

L-elementi li jistgħu jiġu vverifikati biss bl-użu ta' tagħmir jiġu immarkati bl-ittra E.

L-elementi li jistgħu jiġu vverifikati sa ċertu punt biss mingħajr l-użu ta' tagħmir jiġu immarkati b'+(E).

Meta metodu ta' spezzjoni jiġi indikat bħala viżiv, dan ifisser illi, minbarra milli jhars lejn l-elementi kkonċernati, l-ispettur għandu wkoll, jekk xieraq, jimmaniġġhom, jevalwa l-istorbju tagħhom jew juża kwalunkwe mezz ta' spezzjoni ieħor xieraq li ma jinvolvi l-użu ta' tagħmir.

Spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt jistgħu jkopru elementi elenkati fit-Tabella 1 li tinkludi l-metodi tal-ittejtjar rakkomandati li għandhom jintużaw. Xejn f'dan l-anness m'għandu jipprevjeni spettur milli juża tagħmir addizzjonali fejn rilevanti bħal parank jew fossa.

It-testijiet għandhom jitwettqu bl-użu ta' tekniki u tagħmir attwalment disponibbli mingħajr l-użu ta' għodod biex tiżżarma jew titneħħa kwalunkwe parti tal-vettura. It-test jista' jinkludi wkoll verifika jekk il-partijiet u l-komponenti rispettivi ta' dik il-vettura jikkorrispondux għar-rekwiżiti ta' sikurezza u ambjentali meħtieġa li kienu fis-seħħ fil-mument tal-approvazzjoni jew, jekk applikabbli, fil-mument tar-retrofitting.

Meta d-disinn tal-vettura ma jippermettix l-applikazzjoni tal-metodi tal-ittejtjar stipulati f'dan l-Anness, it-test għandu jitwettaq skont il-metodi tal-ittejtjar rakkomandati aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti.

Ir-“raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test” ma japplikawx f'każijiet meta jirreferu għal rekwiżiti li ma kinux preskritti fil-leġislazzjoni rilevanti għall-approvazzjoni tal-vettura fil-mument tal-ewwel reġistrazzjoni jew fl-ewwel dħul fis-servizz, jew fir-rekwiżiti tar-retrofitting.

3. KONTENUTI U METODI TAL-ITTESTJAR, VALUTAZZJONI TAN-NUQQASIJET TAL-VETTURI

Il-test għandu jkopri dawk l-elementi li huma meqjusa bħala meħtieġa u rilevanti, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari s-sikurezza tal-brejkijiet, t-tajers, r-roti, x-xażi u l-fastidju, u l-metodi rakkomandati elenkati fit-tabella li ġejja.

Għal kull sistema u komponent tal-vettura soġġetti għall-ittestjar, il-valutazzjoni tan-nuqqasijiet għandha titwettaq skont il-kriterji stabbiliti f'dik it-tabella, fuq bażi ta' każ b'każ.

In-nuqqasijiet li mhumiex elenkati f'dan l-Anness għandhom jiġu vvalutati skont ir-riskji li jholqu għas-sikurezza fit-triq.

| Element | Metodu | Raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|--|--|------------------------------|---------|-----------|
| | | | Minuri | Maġġuri | Perikoluż |
| 0. IDENTIFIKAZZJONI TAL-VETTURA | | | | | |
| 0.1. Pjanċi bin-numru tar-reġistrazzjoni (jekk meħtieġ mir-rekwiżiti ¹) | Spezzjoni viżiva | (a) Il-pjanċa/i bin-numru hija/huma neqsin jew tant mhumiex sikuri/imwaħħlin b'tali mod li hemm probabbiltà li jaqgħu. | | X | |
| | | (b) Skrizzjoni nieqsa jew ma tinqarax. | | X | |
| | | (c) Mhux skont id-dokumenti jew ir-rekords tal-vettura. | | X | |
| 0.2. Numru tax-xażi/serjali/ta' identifikazzjoni tal-vettura | Spezzjoni viżiva | (a) Nieqes jew ma jistax jinstab. | | X | |
| | | (b) Inkomplet, ma jinqarax, iffalsifikat b'mod evidenti, jew ma jaqbilx mad-dokumenti tal-vettura. | | X | |
| | | (c) Dokumenti tal-vettura li ma jinqarwx jew imprecizjonijiet klerikali. | X | | |
| 1. TAGĦMIR TAL-IBBREJKAR | | | | | |
| 1.1. Kundizzjoni mekkanika u tħaddim | | | | | |
| 1.1.1. Pern tal-pedala/liver manwali tal-brejk ta' servizz | Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. Nota: Vetturi b'sistemi tal-brejkijiet assistiti għandhom jiġu spezzjonati bil-magna mitfija. | (a) Pern issikat iżżejjed. | | X | |
| | | (b) Ittieklju jew laxki żżejjed. | | X | |

| Element | Metodu | Raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|--|---|--|------------------------------|---------|-----------|
| | | | Minuri | Maġġuri | Perikoluż |
| 1.1.2. Kundizzjoni tal-pedala/liver manwali u kors tal-apparat li jhadem il-brejkijiet | Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. Nota: Vetturi b'sistemi tal-brejkijiet assistiti għandhom jiġu spezzjonati bil-magna mitfija. | (a) Kors ta' riżerva żejjed jew insuffiċjenti. Il-brejk ma jistax jiġi applikat kompletament jew huwa imblukkat | | X | X |
| | | (b) Kontroll tal-brejkijiet li ma jirrilaxxax kif suppost. Jekk hija affettwata l-funzjonalità. | X | X | |
| | | (c) L-element kontra ż-żliq ta' fuq il-pedala tal-brejkijiet nieqes, laxk jew ittiekel bl-użu | | X | |
| 1.1.3. Pompa tal-vakwu jew kompressur u kompartimenti | Spezzjoni viżiva tal-komponenti fi pressjoni operattiva normali. Verifika tal-ħin meħtieġ sakemm il-vakwu jew il-pressjoni tal-arja jilħqu livell sikur ta' tħaddim u l-funzjonament tal-apparat ta' twissija, tal-valv ta' protezzjoni multiċirkwita u tal-valv għar-rilaxx tal-pressjoni. | (a) Il-pressjoni/vakwu huma insuffiċjenti biex jassistu, mill-inqas, erba' applikazzjonijiet tal-brejkijiet wara li jkun ħadem l-apparat ta' twissija (jew il-gejġ juri qari ta' nuqqas ta' sikurezza). mill-inqas żewġ applikazzjonijiet wara li jkun ħadem l-apparat ta' twissija (jew il-gejġ juri qari ta' nuqqas ta' sikurezza). | | X | X |
| | | (b) Il-ħin meħtieġ biex il-pressjoni tal-arja/vakwu jilħqu l-livell sikur ta' tħaddim huwa twil wisq skont ir-rekwiżiti ¹ . | | X | |
| | | (c) Il-valv ta' protezzjoni multiċirkwita jew il-valv għar-rilaxx tal-pressjoni ma jaħdmux | | X | |
| | | (d) Tnixxija tal-arja li tikkawża waqgħa notevoli fil-pressjoni jew tnixxijiet tal-arja li jinstemgħu. | | X | |
| | | (e) Probabbiltà li ħsara esterna taffettwa l-funzjonament tas-sistema tal-ibbrejkjar. Prestazzjoni ta' bbrejkjar sekondarju mhux issodisfata. | | X | X |
| 1.1.4. Gejġ jew indikatur li juri twissija ta' pressjoni baxxa | Kontroll tal-funzjonament | Gejġ jew indikatur difettuż jew jaħdem ħażin. Pressjoni baxxa mhux identifikabbli. | X | | X |

| Element | Metodu | Raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|--|--|---|------------------------------|---------|-----------|
| | | | Minuri | Maġġuri | Perikoluż |
| 1.1.5. Kontroll tal-brejkijiet imhad-dem manwalment | Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. | (a) Il-kontroll imxaqqaq, bil-ħsara jew mittiekel iżżejjed. | | X | |
| | | (b) Il-kontroll mhux imwaħħal sew mal-valv jew il-valv mhux imwaħħal sew. | | X | |
| | | (c) Konnessjonijiet laxki fis-sistema jew tnixxijiet fis-sistema. | | X | |
| | | (d) Tħaddim mhux sodisfaċenti. | | X | |
| 1.1.6. Attivatur tal-brejk tal-ipparkjar, kontroll tal-liver, krikk tal-brejk tal-ipparkjar, brejk tal-ipparkjar elettroniku | Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. | (a) Il-krikk mhux jorbot sew. | | X | |
| | | (b) Il-pern tal-liver jew tal-mekkaniżmu tal-krikk ittiekel. Użu eċċessiv | X | X | |
| | | (c) Ċaqliq eċċessiv tal-liver li jindika aġġustament inkorrett. | | X | |
| | | (d) L-attivatur nieqes, bil-ħsara jew ma jaħdimx. | | X | |
| | | (e) Funzjonament ħażin, l-indikatur ta' twissija ma jaħdimx sew. | | X | |
| 1.1.7. Valvijiet tal-brejkijiet (valvijiet irregolati bis-sieq, unloaders, u regolaturi) | Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. | (a) Valv bil-ħsara jew tnixxija eċċessiva tal-arja. Jekk hija affettwata l-funzjonalità. | | X | X |
| | | (b) Skariku eċċessiv ta' żejt mill-kompressur. | X | | |
| | | (c) Valv jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. | | X | |
| | | (d) Skariku jew tnixxija ta' fluwidu idrawliku. Jekk hija affettwata l-funzjonalità. | | X | X |
| 1.1.8. Agganċi għall-brejkijiet tatrejlers (tal-elettriku u pneumatici) | Skonnettja u kkonnettja mill-ġdid l-agganċi tas-sistema tal-ibbrejkjar bejn il-vettura tal-irmonk u t-trejler. | (a) Difett fit-tapp jew fil-valv awtosigillanti. Jekk hija affettwata l-funzjonalità. | X | X | |

| Element | Metodu | Raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|--|---|--|------------------------------|---------|-----------|
| | | | Minuri | Maġġuri | Perikoluż |
| | | (b) Vit jew valv jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. Jekk hija affettwata l-funzjonalità. | X | X | |
| | | (c) Tnixxijiet eċċessivi. Jekk hija affettwata l-funzjonalità. | | X | X |
| | | (d) Ma jaħdmux sew. Tħaddim tal-brejk affettwat | | X | X |
| 1.1.9. Akkumulatur/tank tal-pressjoni | Spezzjoni viżiva | (a) It-tank kemxejn bil-ħsara jew imsaddad. It-tank għandu ħafna ħsara,imsaddad jew inixxi. | X | X | |
| | | (b) Apparat ta' skular ma jaħdimx. | | X | |
| | | (c) It-tank jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. | | X | |
| 1.1.10. Unitajiet servo tal-brejk, iċ-ċilindru ewlieni (sistemi idrawliċi) | Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar, jekk possibbli. | (a) L-unità servo difettuża jew mhux effettiva. Jekk ma taħdimx. | | X | X |
| | | (b) Iċ-ċilindru ewlieni difettuż iżda l-brejk għadu jaħdem. Iċ-ċilindru ewlieni difettuż jew inixxi. | | X | X |
| | | (c) Iċ-ċilindru ewlieni mhux imwaħħal sew iżda l-brejk għadu jaħdem. Iċ-ċilindru ewlieni mhux imwaħħal sew. | | X | X |
| | | (d) Fluwidu tal-brejk insuffiċjenti, taħt il-marka MIN. Fluwidu tal-brejk sew taħt il-marka MIN L-ebda fluwidu tal-brejk viżibbli. | X | X | X |

| Element | Metodu | Raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|------------------------------|---------|-----------|
| | | | Minuri | Maġġuri | Perikoluż |
| | | (e) It-tapp tat-tank taċ-ċilindru ewlieni nieqes. | X | | |
| | | (f) Id-dawl ta' twissija tal-fluwidu tal-brejk mixgħula jew difettuża | X | | |
| | | (g) L-apparat li jwissi li l-livell tal-fluwidu tal-brejk ma jaħdimx sew. | X | | |
| 1.1.11. Pajpijiet riġidi tal-brejkijiet | Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar, jekk possibbli. | (a) Riskju imminenti li jċedu jew jinqasmu. | | | X |
| | | (b) Il-pajpijiet jew il-konnessjonijiet inixxu (sistemi ta' brejkijiet bl-arja) Il-pajpijiet jew il-konnessjoni inixxu (sistemi ta' brejkijiet idrawliċi) | | X | X |
| | | (c) Il-pajpijiet bil-ħsara jew imsadda żżejjed. Jaffettwaw il-funzjonament tal-brejkijiet b'imblukkar jew riskju imminenti ta' tnixxija. | | X | X |
| | | (d) Il-pajpijiet mhux f'posthom. Riskju ta' ħsara. | X | X | |
| 1.1.12. Pajpijiet flessibbli tal-brejkijiet | Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar, jekk possibbli. | (a) Riskju imminenti li jċedu jew jinqasmu. | | | X |
| | | (b) Pajpijiet flessibbli bil-ħsara, mittiekla, mibrumin jew qosra wisq. Pajpijiet flessibbli bil-ħsara jew mittiekla. | X | X | |
| | | (c) Pajpijiet flessibbli jew konnessjonijiet li jnixxu (sistemi ta' brejkijiet bl-arja). Il-pajpijiet jew il-konnessjonijiet inixxu (sistemi ta' brejkijiet idrawliċi) | | X | X |
| | | (d) Pajpijiet flessibbli minfuħin bil-pressjoni. Kejbil imdgħajjef | | X | X |
| | | (e) Pajpijiet flessibbli porużi. | | X | |
| | | | | | |

| Element | Metodu | Raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|------------------------------|---------|-----------|
| | | | Minuri | Maġġuri | Perikoluż |
| 1.1.13. Firrodu u peddijiet tal-brejki-jiet | Spezzjoni viżiva | (a) Il-firrodu jew il-pedd mittiekla żżejjed. (marka minima milħuqa). Il-firrodu jew il-pedd mittiekla żżejjed. (marka minima mhux viżibbli) | | X | X |
| | | (b) Firrodu u peddijiet ikkontaminati (żejt, griż, eċċ.). Prestazzjoni tal-brejk affettwata | | X | X |
| | | (c) Firrodu jew peddijiet neqsin jew imwahnin ħażin. | | | X |
| 1.1.14. Tanbur tal-brejkijiet, diski tal-brejkijiet | Spezzjoni viżiva | (a) It-tanbur jew id-diska mittiekla. It-tanbur jew id-diska mibruxin iżżejjed, imxaqqin, mhux imwahnin sew jew maqsumin. | | X | X |
| | | (b) It-tanbur jew id-diska kkontaminati (żejt, griż, eċċ.). Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata serjament | | X | X |
| | | (c) It-tanbur jew id-diska neqsin. | | | X |
| | | (d) Il-pjanċa mhix imwahnin sew. | | X | |
| 1.1.15. Kejbils, vireg, livers u konnessjonijiet tal-brejkijiet | Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar, jekk possibbli. | (a) Kejbil bil-ħsara jew mgħaqqad. Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata. | | X | X |
| | | (b) Komponent mittiekel jew imsaddad iżżejjed. Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata | | X | X |
| | | (c) Kejbil, virga jew ġonta mhux imwahnin sew. | | X | |
| | | (d) Il-gwida tal-kejbil difettuża. | | X | |
| | | (e) Restrizzjoni għaċ-ċaqliq ħieles tas-sistema tal-ibbrejkjar. | | X | |

| Element | Metodu | Raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|---|---|------------------------------|---------|-----------|
| | | | Minuri | Maġġuri | Perikoluż |
| | | (f) Ċaqliq mhux normali tal-livers/konnessjoni li jindika twaħħil ħażin jew li ttiekl u żżejjed. | | X | |
| 1.1.16. Attwatur tal-brejkijiet (inklużi brejkijiet bil-molla jew ċilindri idrawliċi) | Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar, jekk possibbli. | (a) L-attwatur maqsum jew bil-ħsara. Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata | | X | X |
| | | (b) L-attwatur inixxi. Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata | | X | X |
| | | (c) L-attwatur jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata | | X | X |
| | | (d) L-attwatur imsaddad iżżejjed. Probabbiltà li jixxaqqaq | | X | X |
| | | (e) Kors eċċessiv jew insuffiċjenti tal-pistun operattiv jew tal-mekkaniżmu tad-dijaframma. Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata (nuqqas ta' ċaqliq ta' riżerva) | | X | X |
| | | (f) L-għatu ta' protezzjoni mit-trab għandu l-ħsara. L-għatu ta' protezzjoni mit-trab nieqes jew għandu ħsara eċċessiva. | X | X | |
| 1.1.17. Valv ta' detezzjoni tat-tagħbija | Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar, jekk possibbli. | (a) Konnessjoni difettuża. | | X | |
| | | (b) Konnessjoni aġġustata ħażin. | | X | |
| | | (c) Valv iġġammjat jew ma jaħdimx. (Funzjonament ABS) Valv iġġammjat jew ma jaħdimx. | | X | X |
| | | (d) Valv nieqes. (Jekk meħtieġ) | | | X |
| | | (e) Pjanċa tad-data nieqsa. | X | | |

| Element | Metodu | Raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|--|--|--|------------------------------|---------|-----------|
| | | | Minuri | Maġġuri | Perikoluż |
| | | (f) Id-data ma tinqarax jew mhix skont ir-rekwiżiti ¹ . | X | | |
| 1.1.18. Indikaturi u mezzi għall-aġġustament tal-laxkezza | Spezzjoni viżiva | (a) Il-mezz għall-aġġustament bil-ħsara, iġġammjat jew jiċċaqlaq b'mod anormali, ittiekel iżżejjed jew aġġustat ħażin. | | X | |
| | | (b) Il-mezz għall-aġġustament tal-laxkezza difettuż. | | X | |
| | | (c) Installati jew mibdula ħażin. | | X | |
| 1.1.19. Sistema ta' bbrejkjar ta' reżistenza (meta mgħammra jew meħtieġa) | Spezzjoni viżiva | (a) Konnetturi jew muntaturi (immuntar) mhux imwahrin sew. Jekk hija affettwata l-funzjonalità. | X | | |
| | | (b) Is-sistema għandha difetti ċari jew nieqsa | | X | |
| 1.1.20. Funzjonament awtomatiku tal-brekijiet tat-trejler | Skonnettja l-aġġanċ tal-brekijiet bejn il-vettura tal-irmunkar u t-trejler | Il-brek tat-trejler ma jidħolx awtomatikament meta jiġi skonnettjat l-aġġanċ. | | | X |
| 1.1.21. Sistema tal-ibbrejkjar kompluta | Spezzjoni viżiva | (a) Apparati oħra tas-sistema (eż., il-pompa tal-antifriża, id-diżidratatur tal-arja, eċċ) bi ħsara esterna jew imsaddin iżżejjed tant li jaffettwaw ħażin lis-sistema tal-ibbrejkjar. Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata | | X | |
| | | (b) Tnixxija ta' arja jew tal-antifriża. Funzjonalità tas-sistema affettwata. | X | | |
| | | (c) Kwalunkwe komponent li mhux sikur jew imwahrin ħażin. | | X | |
| | | (d) Modifika mhux sikura għal kwalunkwe komponent ³ . Prestazzjoni tal-ibbrejkjar affettwata | | X | |
| 1.1.22. Konnessjonijiet li jintużaw għall-ittestjar (meta mgħammra jew meħtieġa) | Spezzjoni viżiva | Neqsin. | | X | |

| Element | Metodu | Raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|--|---|--|------------------------------|---------|-----------|
| | | | Minuri | Maġġuri | Perikoluż |
| 1.1.23. Brejk bl-inerzja | Spezzjoni viżiva u billi jitħaddem | Mhux effiċjenti biżżejjed | | X | |
| 1.2. Prestazzjoni u effiċjenza tal-brejk ta' servizz | | | | | |
| 1.2.1. Prestazzjoni (E) | Waqt test fuq tester tal-brejkijiet applika l-brejkijiet progressivament sal-isforz massimu. | (a) Sforz ta' bbrejkjar inadegwat fuq rota waħda jew aktar. L-ebda sforz ta' bbrejkjar fuq rota waħda jew aktar | | X | |
| | | (b) L-isforz ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota hija anqas minn 70 % tal-isforz massimu ta' bbrejkjar irregiŋtrat mir-rota l-oħra fuq l-istess fus. Jew fil-każ tal-itteŋtjar fit-triq, il-vettura tiddevja żżejjed minn linja dritta. L-isforz ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota jkun inqas minn 50 % tal-isforz massimu ta' bbrejkjar irregiŋtrat mir-rota l-oħra fuq l-istess fus fil-każ ta' fusijiet direzzjonali | | X | X |
| | | (c) L-ebda varjazzjoni gradwali tal-isforz ta' bbrejkjar (qbid). | | X | |
| | | (d) Dewmien anormali fit-tħaddim tal-brejk ta' kwalunkwe rota. | | X | |
| | | (e) L-isforz tal-brejkijiet ivarja wisq fil-perjodu li fih ir-rota ddu dawra sħiħa. | | X | |
| 1.2.2. Effiċjenza (E) | Test b'tester tal-brejkijiet bil-piż ippreżentat jew, jekk ma tistax tintuża waħda għal raġunijiet tekniċi, permezz ta' test fit-triq bl-użu ta' strument li jirregiŋtra d-deċellerazzjoni ⁽¹⁾ | Ma tirriżultax, mill-inqas, iċ-ċifra minima kif ġej ⁽²⁾ : Kategoriji M ₁ , M ₂ u M ₃ : 50 % ⁽³⁾ Kategorija N ₁ : 45 % Kategoriji N ₂ u N ₃ : 43 % ⁽⁴⁾ Kategoriji O ₃ u O ₄ : 40 % ⁽⁵⁾ Inqas minn 50 % tal-valuri ta' hawn fuq milħuqa | | X | X |

| Element | Metodu | Raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|--|---|--|------------------------------|---------|-----------|
| | | | Minuri | Maġġuri | Perikoluż |
| 1.3. Prestazzjoni u effiċjenza tal-brejkkijiet sekondarji (ta' emerġenza) (jekk issodisfati minn sistema separata) | | | | | |
| 1.3.1. Prestazzjoni (E) | Jekk is-sistema sekondarja tal-ibbrejkkjar tkun separata mis-sistema tal-ibbrejkkjar ta' servizz, uża l-metodu speċifikat fl-1.2.1. | (a) Sforz ta' bbrejkkjar inadegwat fuq rota waħda jew aktar. L-ebda sforz ta' bbrejkkjar fuq rota waħda jew aktar | | X | X |
| | | (b) L-isforz ta' bbrejkkjar minn kwalunkwe rota hija anqas minn 70 % tal-isforz massimu ta' bbrejkkjar irregiſtrat minn rota oħra li tkun fuq l-istess fus speċifikat. Jew fil-każ tal-itteſtjar fit-triq, il-vettura tiddevja żżejjed minn linja dritta. L-isforz ta' bbrejkkjar minn kwalunkwe rota jkun inqas minn 50 % tal-isforz massimu ta' bbrejkkjar irregiſtrat mir-rota l-oħra fuq l-istess fus fil-każ ta' fusijiet direzzjonali | | X | X |
| | | (c) L-ebda varjazzjoni gradwali tal-isforz ta' bbrejkkjar (qbid). | | X | |
| 1.3.2. Effiċjenza (E) | Jekk is-sistema sekondarja tal-ibbrejkkjar tkun separata mis-sistema tal-ibbrejkkjar ta' servizz, uża l-metodu speċifikat fl-1.2.1. | L-isforz ta' bbrejkkjar huwa inqas minn 50 % ⁽⁶⁾ tal-prestazzjoni tal-brejk ta' servizz meħtieġ iddefinita fit-taqsima 1.2.2. fir-rigward tal-massa massima awtorizzata. Inqas minn 50 % tal-valuri ta' sforz ta' bbrejkkjar t'hawn fuq milħuqa fir-rigward tal-massa tal-vettura waqt l-itteſtjar. | | X | X |
| 1.4. Prestazzjoni u effiċjenza tal-brejk tal-ipparkjar | | | | | |
| 1.4.1. Prestazzjoni (E) | Applika l-brejk waqt it-test fuq tester tal-brejkijiet. | Il-brejk ma jaħdimx fuq naħa waħda jew fil-każ ta' tteſtjar fit-triq, il-vettura tiddevja żżejjed minn linja dritta. Inqas minn 50 % tal-valuri ta' sforz ta' bbrejkkjar msemija fil-punt 1.4.2 milħuqa fir-rigward tal-massa tal-vettura waqt l-itteſtjar | | X | X |

| Element | Metodu | Raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|--|---|------------------------------|---------|-----------|
| | | | Minuri | Maġġuri | Perikoluż |
| 1.4.2. Effiċjenza (E) | Test b'tester tal-brejkijiet. Jekk mhux possibbli, allura permezz ta' test fit-triq bl-użu ta' strument ta' indikazzjoni jew ta' rrekordjar tad-dikjarazzjoni. | Għall-kategoriji kollha tal-vettura, ma tagħtix mill-inqas 16 % bħala proporzjon tal-brejkijiet fir-rigward tal-massa massima awtorizzata, jew, għal vetturi bil-mutur, mill-inqas 12 % fir-rigward tal-massa massima awtorizzata tal-kombinazzjoni tal-vettura, skont liema tkun l-ikbar. Inqas minn 50 % tal-valuri bħala proporzjon tal-brejkijiet ta' hawn fuq milħuqa fir-rigward tal-massa tal-vettura waqt l-ittestjar. | | X | X |
| 1.5. Prestazzjoni tas-sistema ta' bbrejkjar ta' reżistenza (Endurance Braking System) | Spezzjoni viżiva u, fejn ikun possibbli, ittestja jekk is-sistema taħdimx. | (a) L-effiċjenza ma tvarjax b'mod gradwali (mhux applikabbli għal sistemi tal-ibbrejkjar bl-egżost). | | X | |
| | | (b) Is-sistema ma taħdimx. | | X | |
| 1.6. Sistema antilokk tal-brejkijiet (ABS) | Spezzjoni viżiva u spezzjoni tal-apparat ta' twissija u/jew l-użu tal-interfaċċa elettronika tal-vettura | (a) L-apparat ta' twissija ma jaħdimx sewwa. | | X | |
| | | (b) L-apparat ta' twissija juri funzjonament ħażin fis-sistema. | | X | |
| | | (c) Is-sensers tal-ispid tar-roti neqsin jew bil-ħsara | | X | |
| | | (d) Ħsara fil-wajering. | | X | |
| | | (e) Komponenti oħra neqsin jew bil-ħsara. | | X | |
| | | (f) Is-sistema tindika ħsara permezz tal-interfaċċa elettronika tal-vettura. | | X | |
| 1.7. Sistema elettronika ta' brejkijiet (EBS) | Spezzjoni viżiva u spezzjoni tal-apparat ta' twissija u/jew l-użu tal-interfaċċa elettronika tal-vettura | (a) L-apparat ta' twissija ma jaħdimx sewwa. | | X | |
| | | (b) L-apparat ta' twissija juri funzjonament ħażin fis-sistema. | | X | |
| | | (c) Is-sistema tindika ħsara permezz tal-interfaċċa elettronika tal-vettura. | | X | |
| | | (d) Il-konnettur bejn il-vettura tal-irmonk u t-trejler mhux kompatibbli jew neqsin. | | | X |

| Element | Metodu | Raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | | |
|----------------------------|--|--|---|---------|-----------|---|
| | | | Minuri | Maġġuri | Perikoluż | |
| 1.8. | Fluwidu tal-brejkijiet | Spezzjoni viżiva | Fluwidu tal-brejk kontaminat jew sedimentat | | X | |
| | | | Riskju imminenti ta' ħsara. | | | X |
| 2. STERING | | | | | | |
| 2.1. Kundizzjoni mekkanika | | | | | | |
| 2.1.1. | Kundizzjoni tal-ger tal-istering | Spezzjoni viżiva tat-tħaddim tal-apparat tal-istering waqt li r-rota tal-istering tkun imdawra | (a) Ix-xaft tas-settur mgħawweġ jew biċ-ċwieviet mittiekla. Jaffettwa l-funzjonalità | | X | X |
| | | | (b) Ix-xaft tas-settur mittiekel iżżejjed. Jaffettwa l-funzjonalità | | X | X |
| | | | (c) Ċaqliq eċċessiv tax-xaft tas-settur. Jaffettwa l-funzjonalità | | X | X |
| | | | (d) Inixxi. Formazzjoni ta' qtar | | X | X |
| 2.1.2. | Tqabbid tal-kaxxa tal-gerboks tal-istering | Spezzjoni viżiva tat-tqabbid tal-kaxxa tal-gerbox max-xażi waqt li r-rota tal-istering tkun imdawra favur l-arloġġ u kontra l-arloġġ | (a) Il-kaxxa tal-gerboks tal-istering mhux imqabba sew. Aċċessorji laxki b'mod perikoluż jew ċaqliq relattiv għax-xażi/karrozzerija viżibbli | | X | X |
| | | | (b) Toqob ta' tqabbid fix-xażi mtawlin. Aċċessorji serjament affettwati | | X | X |
| | | | (c) Boltijiet tat-tqabbid neqsin jew miksur.Aċċessorji serjament affettwati | | X | X |
| | | | (d) Il-kaxxa tal-istering imxaqqa. Stabbiltà jew twaħħil tal-kaxxa affettwati | | X | X |

| Element | Metodu | Raġunijiet għaliex elementi ma jgħaddux mit-test | Valutazzjoni tan-nuqqasijiet | | |
|---|--|---|------------------------------|---------|-----------|
| | | | Minuri | Maġġuri | Perikoluż |
| 2.1.3. Kundizzjoni tal-konnessjoni tal-istering | Spezzjoni viżiva tal-komponenti tal-istering fir-rigward ta' użu, ksur u sikurezza waqt li r-rota tal-istering tkun imdawra favur l-arloġġ u kontra l-arloġġ. | (a) Ċaqliq relattiv bejn komponenti li għandhom ikunu fissi. Ċaqliq eċċessiv jew probabbiltà ta' skonnessjoni | | X | X |
| | | (b) Il-ġonot ittieklel żżejjed. Riskju serju ħafna ta' skonnessjoni | | X | X |
| | | (c) Ksur jew deformazzjoni ta' xi komponent. Funzjoni affettwata | | X | X |
| | | (d) Nuqqas ta' apparati li jimblukkaw. | | X | |
| | | (e) Allinjament ħażin tal-komponenti (eż. il-virga ta' agganċ jew il-virga ta' direzzjoni). | | X | |
| | | (f) Modifika mhux sikura ³ . Funzjoni affettwata | | X | X |
| | | (g) L-ġhatu kontra t-trab bil-ħsara jew iddeterjora. L-ġhatu ta' protezzjoni mit-trab nieqes jew iddeterjora ħafna | X | X | |
| 2.1.4. Tħaddim tal-konnessjoni tal-istering | Spezzjoni viżiva tal-komponenti tal-istering fir-rigward ta' użu, ksur u sikurezza waqt li r-rota tal-istering tkun imdawra favur l-arloġġ u kontra l-arloġġ bir-roti tat-triq mal-art u bil-magna taħdem (power steering) | (a) Iċ-ċaqliq tal-konnessjonijiet tal-istering jaħbtu ma' xi parti fissa tax-xażi. | | X | |
| | | (b) Waqfiet tal-istering li ma jaħdmux jew li huma nieqsa. | | X | |
| 2.1.5. Power steering | Iċċekkja s-sistema tal-istering għal tnixxijiet u l-livell tal-fluwidu idrawliku (jekk jidher). Bir-roti tat-triq mal-art u bil-magna taħdem, iċċekkja li s-sistema tal-power steering qiegħda taħdem. | (a) Tnixxija ta' fluwidu. | | X | |
| | | (b) Fluwidu insuffiċjenti (taħt il-marka MIN). Kompartment mhux biżżejjed | | X | X |

